KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.08.2004
KUMM(2004) 566 finali

2004/0195 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżjonali ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, mill-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

Skond it-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta’ l-Att ta’ Adeżjoni tal-Membri Stati l-ġodda ta’ l-UE, l-adeżjoni ta’ l-Istati Membri l-ġodda ta’ l-UE fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni UE-Ċili ser issir permezz ta' Protokoll addizzjonali għal dan il-Ftehim. L-istess Artikolu jipprovdi proċedura sempliċi, li biha l-protokoll ikun konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat. Din il-proċedura ma tagħmilx ħsara lill-kompetenzi tal-Komunità.

Fit-22 ta’ Diċembru l-Kunsill approva mandat għall-Kummissjoni ħalli tinnegozja dan il-protokoll maċ-Ċili. Dawn in-negozjati, minn dak iż-żmien saru b’sodisfazzjon għall-Kummissjoni.

Il-proposti mehmuża huma għal (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżjonali tal-Protokoll Addizzjonali u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali. It-test tal-protokoll innegozzjat maċ-Ċili huwa mehmuż. Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex tapprova l-abbozz mehmuż tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-iffirmar, l-applikazzjoni proviżjonali u l-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali.

Il-Parlament Ewropew ser jissejjaħ jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżjonali ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka.

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Fid-dawl tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolati Artikolu 310 tiegħu flimkien ma' Artikolu 300(2) l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza tiegħu,

Fid-dawl ta' l-Att ta' Adezjoni ta' l-Istati Membri l-Ġodda fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 6(2) tiegħu,

Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni ,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li tinnegozja maċ-Ċili Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u ċ-Ċili, mill-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-UE,

(2) Dawn in-negozjati kienu konklużi u l-Protokoll Addizzjonali kien inizjalat fit-30 t' April 2004,

(3) Filwaqt li l-Protokoll Addizzjonali jista' jkun konklużż iktar tard, għandu jkun iffirmat f'isem il-Komuntà u l-applikazzjoni proviżjonali ta' ċerti provvedimenti għandhom ikunu approvati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina lill-persuna/i awtorizzati jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, mill-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-

Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka. It-test tal-Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

2. Il-provvedimenti li ġejjin tal-Protokoll Addizzjonali għandhom ikunu applikati provviżorjament sakemm jidħol fis-seħħ: Artikli 2, 3, 4, 5, 6, 11 u 12.

Fi Brussel ,

Għall-Kunsilll
Il-President

2004/0195 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, mill-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Fid-dawl tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolati Artikolu 310 flimkien ma' Artikolu 300(2) l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza, u t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 300(3),

Fid-dawl ta' l-Att ta' Adezjoni ta' l-Istati Membri Ġodda fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 6(2),

Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni ,

Fid-dwal tal-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u ċ-Ċili, mill-oħra, kien iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ,

(1) Il-Protokoll Addizzjonali għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka, huwa b'dan il-mezz approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. It-test tal-Protkoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika skond Artikolu 13 tal-Protokoll

Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

IL-PROTOKOLL

għall-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, mill-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka

ir-Renju tal-Belġju,

ir-Repubblika Ċeka,

ir-Renju tad-Danimarka,

ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

ir-Repubblika Ellenika,

ir-Repubblika ta' l-Estonja,

ir-Renju ta' Spanja,

ir-Repubblika Franċiża,

l-Irlanda,

ir-Repubblika Taljana,

ir-Repubblika ta' Ċipru,

ir-Repubblika tal-Latvja,

ir-Repubblika tal-Litwanja,

il-Granukat tal-Lussemburgu,

ir-Repubblika ta' l-Ungerija,

ir-Repubblika ta' Malta,

ir-Renju ta' l-Olanda,

ir-Repubblika ta' l-Awstrija,

ir-Repubblika tal-Polonja,

ir-Repubblika Portugiża,

ir-Repubblika tal-Finlandja,

ir-Repubblika tas-Slovakkja,

ir-Repubblika tas-Slovenja

ir-Renju ta' l-Isvezja,

ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

minn hawn 'il quddiem msejħin "l-Istati Membri",

Il-Komunità Ewropea

minn hawn 'il quddiem msejħa "il-Komunità"

u

ir-Repubblika taċ-Ċili, minn hawn 'il quddiem msejħa "Ċili"

flimkien minn hawn 'il quddiem msejjħin "l-Istati Membri "

PERESS LI l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u ċ-Ċili, mill-oħra, minn hawn 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", kien iffirmat fi Brussel fit-18 ta' Novembru 2002 u ftit mill-provvedimenti tiegħu bdew ikunu applikati konformi ma' l-Artikolu 198.3 sa mill-1 ta' Frar 2003;

PERESS LI t-Trattat dwar l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja u r-Repubblika Slovakka (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Istati Membri l-ġodda") għall-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem msejħa

"It-Trattat ta' Adeżjoni" kien iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 u ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

IDDEĊIDEW HEKK KIF ĠEJ:

SEZZJONI I

L-ISTATI MEMBRI

Artikolu 1

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja u r-Repubblika Slovakka b'dan il-mezz isiru partijiet kuntrattwali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika Ċeka mill-oħra.

SEZZJONI II

IL-KUMMERĊ TAL-PRODOTTI

Artikolu 2

Anness I tal-Ftehim huwa b'dan il-mezz emendat f'konformità mal-provvedimenti ta' Anness 1 ta' dan il-Protokoll, sabiex jiżdiedu il-kwoti tat-tariffi indikati f'Sezzjoni 1 ta' Anness I tal-Ftehim

SEZZJONI III

IR-REGOLI TA' L-ORIĠINI

Artikolu 3

L-Artikoli 17(4) u 18(2) ta' Anness III tal-Ftehim huma b'dan il-mezz emendati f'konformità mal-provvedimenti ta' Anness II ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 4

Anness III ta' dan il-Protokoll jieħu post Appendiċi III ta' Anness III tal-Ftehim.

Artikolu 5

Anness IV ta' dan il-Protokoll jieħu post Appendiċi V ta' Anness III tal-Ftehim.

Artikolu 6

1. Il-provvedimenti tal-Ftehim għandhom ikunu applikati għall-prodotti esportati jew miċ-Ċili għal xi wieħed mill-Istati l-Membri l-ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda għaċ-Ċili, li jikkonformaw mal-provvedimenti ta' Anness III tal-Ftehim u li fid-data ta' adeżjoni jew qegħdin fit-triq jew maħżuna temporanjament f'maħżen tad-dwana jew f'żona libera fiċ-Ċili jew f'dak il-Parti Kontraenti l-ġdid.

2. F'każijiet bħal dawn jingħata trattament preferenzjali, suġġett għas-sottomissjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li qed jimporta, f'erba' xhur mid-data ta' adeżjoni, tal-prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtorità governattiva kompetenti tal-pajjiż li qed jisporta.

SEZZJONI IV

IL-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI U L-ESTABLISHMENT

Artikolu 7

Il-Provvedimenti ta’ Anness V ta’ dan il-Protokoll jieħdu post Parti A ta’ Anness VII tal-Ftehim.

Artikolu 8

Il-provvedimenti ta’ Anness VI ta’ dan il-Protokoll jieħdu post Parti A ta' Anness VIII tal-Ftehim.

Artikolu 9

L-informazzjoni li hemm f’Anness VII tal-Protokoll tieħu post Parti A ta’ Anness IX tal-Ftehim.

Artikolu 10

Il-provvedimenti ta’ Anness VIII ta’ dan il-Protokoll jieħdu post Part A ta’ Anness X tal-Ftehim.

SEZZJONI V

IX-XIRI TAL-GVERN

Artikolu 11

(1) L-entitajiet ta’ l-Istati l-Membri l-ġodda elenkati f’Anness IX ta’ dan il-Protokoll huma b’dan il-mezz miżjuda mas-sezzjonijiet relevanti t’ Anness XI tal-Ftehim.

(2) Il-lista tal-mezzi ta’ pubblikazzjoni ta’ l-Istati l-Membri l-ġodda elenkati f’Anness X ta' dan il-Protokoll huma b'dan il-mezz miżjuda ma’ Appendiċi 2 ta’ Anness XIII tal-Ftehim.

SEZZJONI VI

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK)

Artikolu 12

Iċ-Ċili tiddikkjara li ma tagħmel ebda klejm, talba jew referenza lanqas timmodifika jew tirtira xi konċessjoni konformi mal-GATT 1994 Artikli XXIV.6 u XXVIII jew GATS Artikolu XXI f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan it-tkabbir tal-Komunità.

SEZZJONI VII

IL-PROVVEDIMENTI FINALI U ĠENERALI

Artikolu 13

1. Il-Protokoll għandu jkun konkluż mill-Komunità, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u ċ-Ċili, f'konformità mal-proċeduri interni rispettivi.

2. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara dak li fih il-Partijiet Kontraenti kollha jkunu nnotifikaw lil kull wieħed dwar il-mili tal-proċeduri neċessarji għal dan il-għan, jew fid-data ta' meta jidħol fis-seħħ il-ftehim.

3. Minkejja paragrafu 2, il-Komunità u ċ-Ċili jaqbu li japplikaw proviżorjament Artikoli 2, 3, 4, 5, 6, 11 u 12 ta' dan il-Protokoll, mid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Protokoll. Artikolu 2 għandu jkun applikat mill-1 ta' Mejju 2004.

4. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li ser ikun id-depost ta' dan il-Protokoll.

5. Meta provvediment ta' dan il-Protokoll ikun applikat mill-Partijiet sakemm huwa ma jidħol fis-seħħ, xi referenza f'tali provvediment sad-data tad-dħul fis-seħh ta' dan il-Protokoll għandu jkun miftiehem li jirreferi għad-data minn meta il-Partijiet jaqblu li japplikaw il-provvediment, f'konformità ma' paragrafu 3.

Artikolu 14

Dan il-Protokoll inkiteb b'żewġ kopji fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ungeriża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollokka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża. Kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Il-Komunità għandha tagħti liċ-Ċili fi żmien tliet xhur mill-iffirmar ta' dan il-Protokoll il-verżjoni ta' dan il-Protokoll fil-lingwa Ċeka, Estonjana, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollokka, Slovakka u Slovena. Skond meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, il-verżjonijiet fil-lingwi l-ġodda għadhom isiru awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet f'li fihom inkitbu bil-lingwi preżenti ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 15

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim. L-Annessi tal-Protokoll għandhom ikunu parti integrali minnu.

ANNESS I
l-emendi għall-iskeda tat-tneħħija tat-tariffi tal-komunità

1) il-komunità għandha tippermEtti l-importazzjoni mingħajr dazju tal-prodotti li ġejjin u kwantitajiet b'żieda ta' 5% kull sena tal-kwantità

Il-kodiċi CN	**Id-deskrizzjoni**	**Il-kwantità**
0703.20.00	Tewm	30 tunnellata
ex0806.10.10	Għeneb (1/1 to 14/7)	1500 tunnellata
0810.50.00	Kiwi	1000 tunnellata

2) il-komunità għandha tippermEtti l-importazzjoni mingħajr dazju tal-prodotti u L-kwantitajiet li ġejjin

Il-kodiċi CN	**Id-deskrizzjoni**	**il-kwantità (1)**
0303 29 00	Ħut ieħor iffriżat imbarra fillits	725 tunnellata
0303 78 12	Marlozz (Argentine)	
0303 78 19	Marlozz – ieħor	
0304 20 53	Fillits iffriżati tal-Kavalli	
0304 20 56	Fillits iffriżati tal-Marlozz (Argentine)	
0304 20 58	Fillits iffriżati ta' marlozz ieħor	
0304 20 91	Fillits iffriżati ta' *blue grenadier*	
0304 20 95	Fillits oħrajn iffriżati	
0304 90 05	*Surimi*	

(1) Il-kwota ta' din it-tariffa ser tapplika għas-sena 2004 u għal kull sena ċivili minn hemm 'il quddiem mill- 1.1.2005 sa meta tispiċċa fil-31.12.2012.

il-kodiċi CN	**id-deskrizzjoni**	**il-kwantità (2)**
1604 15 19	**kavalli ppreparati jew ippreservati**	**90 tunnellata**

(2) Il-kwota ta' din it-tariffa ser tapplika għas-sena 2004 u għal kull sena ċivili minn hemm 'il quddiem mill- 1.1.2005 sa meta tispiċċa fil-31.12.2006.

ANNESS II

Verżjonijiet tal-lingwi l-ġodda tar-rimarki amministrattivi f'Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

1. sewwi art. 17(4) biex jinqara:

(…)

Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandu jkun endorsjat b'waħda minn dawn il-frażijiet:

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNE"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAHRUG RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

2. sewwi art. 18(2) biex jinqara:

(…)

It-tieni kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tkun endorsjata b'waħda minn dawn il-kliem li ġejjin:

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

ANNESS III

Appendiċi III

EŻEMPJU TA' ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1 U APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1

L-Istruzzjonijiet ta' l-Istampar

1. Il-kejl ta' kull formola għandu jkun 210 x 297 mm; huwa permessibbli li t-tul tal-formola jista' jvarja sa 5 mm anqas jew 8 mm aktar. Il-karta użata trid tkun bajda, maqtugħha għall-kitba, mingħajr ebda element mekkaniku fil-kostitwenza tagħha u trid tkun tiżen mhux inqas minn 25 g/m^2. Għandha jkollha disinn fl-isfond li jixbah liż-żagarelli mmaljati sabiex kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi u kimiċi tkun tista' tidher.

2. L-awtoritajiet tad-dwana jew l-awtoritajiet governattivi kompetenti ta' l-Istati Membri tal-Komunità u taċ-Ċili jistgħu jżommu d-dritt li jistampaw il-formali huma nfushom jew jistgħu jistampawhom permezz ta' stampaturi approvati. Fil-każ ta' l-aħħar kull formola jrid ikollha l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew xi marka li permezz biha l-istampatur jista' jkun identifikat. Il-formola għandha jkollha n-numru tas-serje, stampat jew mhux, li permezz bih tista' tkun identifikata.

Il-Proċedura għall-kompletar

L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ghandu jimla kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' l-applikazzjoni. Dawn il-formoli għandhom ikunu kompletati f'waħda mil-lingwi bli bihom inkiteb dan il-Ftehim u f'konformità mal-provvedimenti tal-ligi tal-pajjiż esportatur. Jekk inhuma miktuba bl-id, għandhom ikunu kompletati bil-linka f'ittri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa rriservata għal dan il-għan minghajr ma jitħallew xi linji vojta. Meta l-kaxxa ma tkunx mimlija kompletament, linja orizzontali trid tinġibed taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u l-ispazju vojt irid ikun mħassar permezz ta' salib.

IĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MOVIMENT

1. L-esportatur *(l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż)*	**EUR.1** **Nu. A** **000.000**	
	Ara n-noti fil-paġna ta' wara qabel ma timla din il-formola	
	2. Iċ-ċertifikt użat fil-kummerċ preferenzjali bejn u *(daħħal il-pajjiżi, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorji xierqa)*	
3.Id-destinatarju *(l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż) (Mhux obbligatorjul)*	**4. Il-pajjiż, il-grupp ta'** **pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsidrati li joriġinaw**	**5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni**
6.Id-dettalji tat-trasport *(Mhux obbligatorju)*	**7. Ir-rimarki**	

8. In-numru ta' l-oggett; Il-marki u n-numri; In-numru u t-tip ta' pakketti [1]**; Id-deskrizzjoni tal-prodotti** [2]	**9. Il-piż totali (kg) jew miżura ohra (litri, m³,etc.)**	**10. Fatturi** *(Mhux obbligatorji)*

([1]) Jekk il-prodotti m'humiex ippakkjati, indika n-numru ta' l-artikli jew iddikjara "bil-kwantità" kif inhu xieraq.
([2]) Tista' tinkludi l-klassifkazzjoni tat-tariffi tal-prodotti fl-intestatura (il-kodiċi b'erba' numri).

11. L-APPROVAZZJONI TAD-DWANA JEW L-AWTORITÀ GOVERNATTIVA KOMPETENTI Id-dikjarazzjoni ċertifikata Bolla Id-dokument ta' l-esportazzjoni [3]: Il-formola ……Nu Id-dwana jew l-awtorità governattiva kompetenti: Il-pajjiż jew it-territorju tal-ħruġ: Il-post u d-data ..... *(il-Firma)*	**12. ID-DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR** Jien, is-sottoskritt, niddikkjara li l-prodotti hawn fuq deskritti jissodisfaw il-kondizzjonjiet meħtieġa għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat. Il-post u d-data .... *(il-Firma)*
13. IT-TALBA GĦAL VERIFIKA, biex: Il-verifika ta' awenticità u eżattezza ta' dan iċ-ċertifikat huwa mitlub ..... *(Il-post u d-data)*	**14. IR-RIŻULTAT TAL-VERIFIKA** Il-verifika li twettqet turi li dan iċ-ċertifikat (*) ? inħareġ mill-uffiċċju tad-dwana jew l-awtorità governattiva kompetenti indikata u li l-informazzjoni fiċ-ċertifikat hija eżatta . ? ma jissodisfax il-kondizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' awtenticità u eżattezza (ara r-rimarki mehmuża). ..... *(Il-post u d-data)*

([3])Imla biss fejn ir-regolamenti tal-pajjiż jew territorju esportatur jeħtieġu.

Il-bolla ..... *(Il-firma)*	Il-bolla ..... *(Il-firma)* _____ (*) Daħħal X fil-kaxxa adattata.

IN-NOTI

1. Iċ-ċertifikat ma jridx ikollu kliem imħassar jew kliem miktub fuq xulxin. Kull bidla trid issir billi jitneħħew id-dettalji inkorretti u tiżdied kull tiswija neċessarja. Kull bidla trid tkun iffirmata mill-persuna li għamel iċ-ċertifikat u approvat mill-awtoritajiet tad-dwana jew l-awtorità governativa kompetenti tal-pajjiż jew t-territorju li qed joħorġu.

2. L-ebda spazju ma jrid jitħalla bejn l-oġġetti mniżżla fiċ-ċertifikat u quddiem kull oġġett irid jitniżżel n-numru ta' l-oġġett. Linja orizzontali trid tinġibed immedjatament taħt l-ewwel oġġett. Kull spazju li m'hux użat irid jinqata' b'tali mod u manjiera li ma jkunx possibbli li jsiru żjiediet iktar tard.

3. Il-prodotti jridu jkunu deskritti f'konformità mal-prattiċi kummerċjali u bid-dettalji kollha meħtieġa ħalli jkunu jistgħu jiġu identifikati.

L-APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT

1. L-esportatur *(l-isem, l-indirizz sħih, il-pajjiż)*	**EUR.1** **Nu. A** **000.000** Ara n-noti fil-paġna ta' wara qabel ma timla din il-formola	
	2. Iċ-ċertifikat użat fil-kummerċ preferenzjali bejn **u** *(daħħal il-pajjiżi, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorji xierqa)*	
3. Id-destinatarju *(l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż) (Mhux obbligatorjul))*	**4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsidrati li joriġinaw**	**5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni**
6. Id-dettalji tat-trasport *(Mhux obbligatorju)*	**7. Ir-rimarki**	

8. In-numru ta' l-oggett; Il-marki u n-numri; In-numru u t-tip ta' pakketti [1]**; Id-deskrizzjoni tal-prodotti** [2]	**9. Il-piż totali (kg) jew miżura oħra (litri, m³,etc.)**	**10. Fatturi** *(Mhux obbligatorji)*

([1]) Jekk il-prodotti m'humiex ippakkjati, indika n-numru ta' l-artikli jew iddikjara "bil-kwantità" kif inhu xieraq.
([2]) Tista' tinkludi l-klassifkazzjoni tat-tariffi tal-prodotti fl-intestatura (il-kodiċi b'erba' numri).

ID-DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR

Jiena, is-sottoskritt, l-esportatur tal-prodotti deskritti fuq il-paġna ta' wara,

NIDDIKKJARA LI l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikat mehmuż;

NISPEĊIFIKA hekk kif ġej iċ-ċirkostanzi li permexx tagħhom il-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet t'hawn fuq:

……

……

……

……

NISSOTTOMETTI id-dokumenti ġustifikattivi li ġejjin [1]:

……

……

……

……

INWIEGĦED LI nissottometti, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet adattati, kull evidenza ġustifikattiva li dawn l-awtoritajiet jistgħu jkollhom bżonn biex joħorġu ċ-certifikat mehmuż, u niddikkjara, jekk ikun hemm bżonn li naqbel ma' kull ispezzjoni tal-kontijiet tiegħi and u ma' kull ċekkjar tal-proċessi tal-manifattura tal-prodotti t'hawn fuq, li jsiru mill-awtoritajiet imsemmija;

NITLOB LI joħroġ iċ-ċertifikat mehmuż għal dawn il-prodotti.

……

(Il-post u d-data)

……

(Il-Firma)

[1] Per eżempju: id-dokumenti ta' l-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-moviment, il-fatturi, id-dikjarazzjoni tal-manifattur, etc.,b'riferenza għall-prodotti wżati fil-manifattura jew għall-prodotti li jerġgħu jkunu esportati fl-istess stat.

ANNESS IV

Appendiċi IV

Id-Dikjarazzjoni tal-Fattura

Il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-ħruġ tad-dikjarazzjoni tal-fattura

Id-dikjrazzjoni tal-fattura, li t-test tiegħu jidher hawn taħt, għandha tinħareġ permezz ta' waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi u f'konformità mal-provvedimenti tal-liġi tal-pajjiż li qed jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni hija miktuba bl-id, hija għandha tinkiteb bil-linka f'karattri stampati. Id-dikjarazzjoni tal-fattura trid tinkiteb f'konformità man-noti fil-qiegħan tal-paġni rispettivi. In-noti fil-qiegħan tal-paġni m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Il-verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs or competent governmental authorisation No ... **(1)**) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ... preferential origin **(2)**.

Il-verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera o de la autoridad gubernamental competente n° ... (1)) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial ... (2).

Il-verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes eller den kompetente offentlige myndigheds tilladelse nr. ... **(1)**) erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ... **(2)**.

Il-verżjoni Germaniża

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 21 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-brekits barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta jew Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 21 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-brekits barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti m' prodotti li jiġu minn Ceuta jew Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer;Bewillingung der Zollbehörde oder der zuständigen Regierungsbehörde Nr. … [1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nichts anderes angegeben, präferenzbegünstigte Ursprungswaren ... [2] sind.

Il-verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου ή της καθύλην αρμόδιας αρχής, υπ΄αριθ. ... [1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ... [2].

Il-verżjoni Franċiża

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière ou de l'autorité gouvernementale compétente n° … [1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [2].

Il-verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale o dell'autorità governativa competente n. … **[1]**) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ... **[2]**.

Il-verżjoni Olandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning of vergunning van de competente overheidsinstantie nr. … [1]) verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Il-verżjoni Portugiża

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira ou da autoridade governamental competente n°… [1]) declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ... [2].

Il-verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin tai toimivaltaisen julkisen viranomaisen lupa nro... [1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [2].

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 21 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-brekits barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta jew Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

Il-verżjoni Svediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd eller behörig statlig myndighet nr. ...[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung [2].

Il-verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení celního nebo příslušného vládního orgánu ...[1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v ...[2].

Il-verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti või pädeva valitsusasutuse luba nr. ...[1]) deklareerib, et need tooted on ...[2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Il-verżjoni Latvjana

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas vai kompetentu valsts iestāžu pilnvara Nr. …[1]), deklarē, ka, iznemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no …[2].

Il-verżjoni Litwana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės arba kompetentingos vyriausybinės institucijos liudijimo Nr. …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Il-verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: …[1] vagy az illetékes kormányzati szerv által kiadott engedély száma: ….) kijelentem, hogy eltérő jelzs hiányában az áruk kedvezményes … származásúak[2].

Il-verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni kompetenti tal-gvern

---

[1] Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 21 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-brekits barra jew ħalli l-ispazju vojt.

[2] L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta jew Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

jew tad-dwana nru. …[1]) jiddikjara li, hlief fejn indikat b'mod car li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' origini preferenzjali …[2].

Il-verżjoni Pollokka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych lub upoważnienie właściwych władz nr …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Il-verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom, (pooblastilo carinskih ali pristojnih državnih organov št. ...(1)) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno..... (2) poreklo .

Il-verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia colnej správy alebo príslušného vládneho povolenia …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

…..……..... [3]

(Il-post u d-data)

……..... [4]

(Il-firma ta' l-esportatur; barra dan,

l-isem tal-persuna

li qed jiffirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'mod ċar)

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 21 ta' dan l-Anness, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-brekits barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jkun indikat. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta jew Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument innifsu.

(4) Ara Artikolu 20(5) ta' dan l-Anness. F'każijiet fejn l-esportatur m'huwiex mitlub jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni ta' l-isem tal-firmatorju.

ANNESS V

(ANNESS VII tal-Ftehim imsemmi f'Artikolu 99 tal-Ftehim)

L-ISKEDA TA' L-OBBLIGI SPEĊIFIĊI DWAR IS-SERVIZZI

PARTI A

L-ISKEDA TAL-KOMUNITÀ

IN-NOTA INTRODUTTORJA

1. L-obbligi speċifiċi f'din l-iskeda japplikaw biss għat-territorji li fihom it-Trattati li jistabilixxu l-Komunità jkunu applikati u taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'dawn it-Trattati. Dawn l-obbligi japplikaw biss għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha min-naħa waħda u l-pajjiżi li m'hux tal-Komunità minn oħra. Ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri li joħorġu mil-liġi tal-Komunità.

2. It-taqsir li ġej jintuża biex jindika l-Istati Membri

AT	l-Awstrija
BE	il-Belġju
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	il-Ġermanja
DK	id-Danimarka
ES	Spanja
EE	l-Estonja
FR	Franza
FI	il-Finlandja
EL	il-Greċja
HU	l-Ungerija
IT	l-Italja
IE	l-Irlanda
LU	il-Lussemburgu
LT	il-Litwanja
LV	il-Latvja
MT	Malta
NL	l-Olanda
PT	il-Portugall
PL	il-Polonja
SE	l-Isvezja
SI	l-Islovenja
SK	ir-Repubblika Slovakka
UK	ir-Renju Unit

3 Mehmuża ma' din l-iskeda ssibu glossarju ta' termini wżati mill-Istati Membri individwali.

"Sussidjarju" ta' persuna legali tfisser persuna legali li hi effettivament ikkontrollata minn persuna legali oħra.

“Fergħa” ta’ persuna legali tfisser post tan-negozju li ma jkollux personalità legali bil-bixra ta’ permanenza, bħall-estensjoni ta’ kumpanija prinċipali, għandha l-maniġment u hija materjalment mgħammra sabiex tinnegozja ma’ partijiet terzi sabiex dawn ta’ l-aħħar, minkejja li jafu li ser ikun hemm jekk meħtieġ konnessjoni legali mal-kumpanija prinċipali li għandha l-uffiċċju ċentrali barra, ma jkollhomx għalfejn ikollhom x'jaqsmu direttament ma’ tali kumpanija prinċipali imma jkunu jistgħu jinnegozzjaw fil-post tan-negozju li jikkostitwixxi l-estensjoni.

I. L-OBBLIGI ORIZZONTALI			
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA			
	3) Fil-Membri Stati [7] kollha, is-servizzi kkonsidrati bħala servizzi pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġetti għall-monopolji pubbliċi jew għad-drittijiet esklussivi mogħtija lill-operaturi privati[8].	3) a) It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileani) iffurmati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġisrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fil-Komunità m'hux estiż għall-fergħat jew aġenziji mwaqqfa fi Stat Membru minn kumpanija Ċileana. Madankollu, dan ma jfixkilx lil Stat Membru milli jestendi dan it-trattament lill-fergħat jew aġenziji mwaqqfa fi Stat Membru ieħor minn kumpanija jew ditta kummerċjali Ċileana, f'dak li għandu x'jaqsam mal-hidma tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni m'hix espliċitament ipprojbita mil-liġi tal-Komunità.	
		b) Jista' jingħata trattament inqas favorevoli lis-sussidjarji (tal-kumpanniji Ċileani) ifformati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru li għandhom biss l-uffiċċju rreġistrat tagħhom jew l-amministrazzjoni ċentrali fit-territorju tal-Komunità, sakemm ikun jista' jiġi ipprovat li għandhom rabta effettiva u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.	
	HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' soċjetà b'responsabbiltà limitata, kumpanija bl-azzjonisti, fergħa jew uffiċċju rapprezentattiv.	**<u>Il-Formazzjoni ta' Entità Legali</u>**	

[7] Fil-każ ta' l-Awstrija, il-Fillandja, l-Isvezja ma ttieħdet l-ebda riserva orizzontali għas-servizzi kkonsidrati bħala servizzi pubbliċi.

[8] Nota ta' Spjega: Is-servizzi pubbliċi jistgħu jeżistu f'setturi bħal dawk reletati mas-servizzi ta' konsulenza teknika u xjentifika, is-servizzi R&D dwar xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, l-ittestjar tekniku u s-servizzi ta' analiżi, is-servizzi ambjentali, is-servizzi tas-saħħa, is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji marbuta ma' kull tip ta' transport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn huma bosta drabi mogħtija lill-operaturi privati, per eżempju operaturi b'konċessjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi, u dan suġġett għall-obbligi tas- servizz speċifiku. Billi s-servizzi pubbliċi jeżistu bosta drabi wkoll fil-livell sottoċentrali, l-iskedar speċifiku u b'mod eżawrjenti m'hux prattiku.

		3) SE: Soċjetà b'responsabbiltà limitata, (kumpanija bl-azzjonisti) tista' titwaqqaf minn wieħed jew diversi fundaturi. Parti fundatriċi għandha tirrisjedi fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomija Ewropea). Il-Parti fundatriċi għandha jew tirrisjedi fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomija Ewropea) jew tkun entità legali taż-ŻEE. Soċjetà tista' biss tkun parti fundatriċi jekk kull imsieħeb jirrisjedi fiż-ZEE [9] . Kondizzjonijiet korrispondenti jgħoddu għat-twaqqif ta' l-għamliet kollha l-oħra ta' l-entitajiet legali.	
	Il-Liġi dwar il-Fergħat ta' Kumpaniji Barranin 3) SE: Kumpanija barranija (li ma waqqfitx entità legali fl-Isvezja) għandha tmexxi n-negozju kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, imwaqqfa fl-Isvezja b'maniġment indipendenti u kontijiet seperati. SE: Proġetti ta' bini li jdum inqas minn sena huma eżentati mill-kondizzjonijiet meħtieġa għat-twaqqif ta' fergħa jew sabiex tagħmel rappreżentant residenti. PL: IImħollija mill-obbligu f'dak li għandu x'jaqsam ma' fergħat.	**Il-Liġi dwar il-Fergħat ta' Kumpaniji Barranin** 3) SE: Id-direttur maniġerjali u mill-inqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord għandhom jirrisjedu fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea). SE: Id-direttur maniġerjali tal-fergħa għandu jirrisjedi fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea)[10]. SE: Iċ-ċittadin barrani jew Svediż li ma jirrisjedix fl-Isvezja, li jixtieq li jmexxi n-negozju kummerċjali tiegħu fl-Isvezja, għandu jaħtar u jirreġistra ma' l-awtorità lokali, rappreżentant residenti responsabbli minn dawn l-attivitajiet. SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpaniji barranin isir bil-kondizzjoni li l-kumpanija prinċipali tkun rreġistrata f'reġistru tal-qorti fil-pajjiż ta' oriġini għal mill-anqas sena.	
	L-Entitajiet Legali:	FI: Barrani li qed jgħix barra ż-Żona Ekonomika	

[9] Eċċezzjonjiet minn dawn il-ħtieġijiet jistgħu jsiru, jekk ikun ippruvat li r-residenza m'hix neċessarja.

[10] Eċċezzjonjiet minn dawn il-ħtieġijiet jistgħu jsiru, jekk ikun ippruvat li r-residenza m'hix neċessarja.

	3) FI: Ix-xiri ta' ishma minn sidien barranin li jagħti iktar minn terz tad-drittijiet tal-votazzjoni ta' kumpanija Finlandiża importanti jew negozju importanti (b'iktar minn 1000 impjegat jew bi qligħ li jaqbeż l-1000 miljun lira Finlandiża jew b'karta tal-bilanċ totali li ma jaqbizx il-167 miljun ewro) huwa suġġett għall-konferma mill-awtoritjiet Finlandiżi; il-konferma tista' tkun miċħuda biss jekk xi interess nazzjonali importanti jitqiegħed fi-periklu. FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi ta' soċjetà b'responsabbiltà limitata jridu jkunu residenti jew fil-Finlandja jew f'xi wieħed mill-pajjiżi l-oħra taż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea). Eżenzjonijiet għall-kumpanija jistgħu, madankollu, jingħataw. PL: In-negozju minn fornituri tas-servizzi barranin jsita' jieħu biss is-sura ta' soċjetà limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata jew kumpanija bl-azzjonisti.	Ewropea u li jmexxi kummerċ bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'soċjetà limitata jew ġenerali għandu bżonn permess kummerċjali. Jekk organizzazzjoni barranija jew fondazzjoni li hija residenti barra ż-Żona Ekonomika Ewropea biħsiebha tmexxi negozju jew kummerċ billi twaqqaf fergħa fil-Finlandja, huwa meħtieġ permess kummerċjali. FI: Jekk mill-inqas nofs il-membri tal-Bord jew id-Direttur Maniġerjali huma residenti barra ż-Żona Ekonomika Ewropea, huwa meħtieġ permess. Eżenzjonijiet għall-kumpanija jistgħu, madankollu, jingħataw. SK: Persuna fiżika barranija li isimha ser ikun rreġistrat fir-Reġistru Kumerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-intraprenditur hija mitluba tissottometti l-permess tar-residenza tar-Repubblika Slovakka.	
	<u>Ix-xiri ta' beni immobbli</u>: DK: Il-limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' beni immobbli minn entitajiet legali u fiżiċi mhux residenti. Il-limitazzjonijiet fuq l-art agrikola mixtrija minn entitajiet fiżiċi u legali. EL: Skond il-Liġi Nu. 1892/89 jeħtieġ permess mill-Ministru tad-Difiża biex iċ-ċittadin jixtri art tal-fruntieri bejn pajjiz u ieħor. Skond il-prattiċi amministrattivi l-permess jingħata faċilment f'każ ta' investiment dirett.	**<u>Ix-xiri ta' beni immobbli</u> :** AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kera u l-kera fit-tul ta' beni immobbli minn persuni naturali barranin jew persuni legali jirrikjedi l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder) li jikkonsidraw jekk jintlaqtux jew le interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali. IE: L-approvazzjoni minn qabel u bil-miktub tal-	

[*] SI: Skond il-liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fir-Repubblika Slovena m'hix kkunsidrata bħala persuna ġuridika, imma f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma tagħhom, jkunu ttrattati ugwalment bħala sussidjarji.

	CY: Imħolli mill-obbligu. HU: Imħollija mill-obbligu għall-akkwist ta' proprjetà ta' l-istat. LT: Imħollija mill-obbligu għax-xiri ta' art minn persuni naturali jew ġuridiċi. MT: Imħollija mill-obbligu għall-akkwit ta' beni immobbli. LV: Imħollija mill-obbligu għax-xiri ta' art minn persuni ġuridiċi. Huwa permess il-kiri fit-tul ta' art li ma jaqbizx id-99 sena. PL: Imħollija mill-obbligu f'dak li għandu x'jaqsam l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat, jiġifieri r-regolamenti li jirregolaw il-proċess ta' privatizzazzjoni (għal mod numru 3). SI: Il-persuni ġuridiċi, imwaqqfa fir-Repubblika ta' l-Islovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jixtru beni immobbli fit-territorju tar-Repubblika ta' l-Islovenja. Fergħat* inwaqqfa fir-Repubblika ta' l-Islovenja minn persuni barranin jistgħu jixtru biss beni immobbli, minn barra art, neċessarja għat-tmexxija ta' l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom huma mwaqqfa. Is-sjieda tal-proprjetà fiż-żoni tal-fruntiera ta' 10 km minn kumpaniji b'maġġoranza ta' kapital jew drittijiet tal-vot f'idejn direttament jew indirettament persuni ġuridiċi jew persuni ta' nazzjonalità ta' Membru ieħor huwa suġġett għall-permess speċjali. SK: L-ebda obbligu mbarra għall-art (għall-modi numri 3 u 4)	Kummissjoni ta' l-Art hija neċessarja għall-akkwist ta' kull interess f'art Irlandiża minn kumpaniji barranin jew mhux barranin jew persuni ta' nazzjonalità barranija. Meta art bħal din hija għall-użu industijali (ħlief għall-industrija agrikola), din il-kondizzjoni taqa' suġġett għall-ċertifikat b'dan l-effett mill-Ministru ta' l-Intrapriża u x-Xogħol. Din il-liġi ma tapplikax għall-art fil-fruntieri ta' l-ibliet. CZ: Il-limitazzjonijiet fuq l-akkwist tal-beni immobbli minn entitajiet legali u naturali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' l-entitajiet legali Ċeki jew parteċipazzjoni f'intrapriżi bejn tnejn. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. HU: Imħollija mill-obbligu għall-akkwist tal-beni immobbli minn persuni fiżiċi barranin. LV: Imħollija mill-obbligu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Il-kiri fit-tul ta' art li ma jaqbizx id-99 sena huwa permess. PL: L-akkwist tal-beni immobbli, d'mod dirett jew indirett, minn barranin jew persuni legali barranin jirrikkjedi permess. SK: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist tal-proprjetà minn entitajiet legali u naturali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà permezz ta' twaqqif ta' entitajiet legali Slovakki jew parteċipazzjoni f'intrapriżi bejn tnejn. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni (għall-modi numri 3 u 4).	
		IT: Imħollija mill-obbligu għall-akkwist ta' beni	

		immobbli. FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni naturali li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali fl-Åland, u ta' persuni legali, li jakkwistaw jew ikollhom beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr permess mill-awtoritajiet komptenti al-gżejjer. FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' *establishment* u d-dritt li jingħataw servizzi minn persuni naturali li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe persuna legali, mingħajr permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.	
	L-investimenti: FR: Ix-xiri barrani li jaqbeż it-33,33 fil-mija ta' l-ishma tal-kapital jew drittijiet tal-vot f'intrapriża Franċiża eżistenti, jew 20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma suġġetti għar-regolamenti li ġejjin: - wara perjodu ta' xahar wieħed wara notifika minn qabel, l-awtorizzazzjoni tingħata taċitament għajr meta il-Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, f'każijiet eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt li jipposponi l-investiment. FR: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li jkunu	**L-investimenti:** CY: L-entitajiet b'parteċipazzjoni barranija jrid ikollhom kapital mħallas u proporzjonat mal-ħtiġijiet finanzjarji u dawk li m'hux residenti jridu jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' l-importazzjoni ta' kambji esteri. F'każ li l-parteċipazzjoni ta' dawk li m'humiex residenti tisboq l-24 fil-mija, kull finanzjament addizzjonali għall-bżonnijiet tal-kapital ċirkolanti li taħdem bih jew ta' xorta oħra għandu jinġabar minn sorsi barranin u lokali approporzjon tal-	

[11] L-attivitajiet artiġjanali, industrijali u kummerċjali għandhom x'jaqsmu ma' setturi bħal: is-servizzi l-oħra tan-negozju, il-kostruzzjoni, id-distribuzzjoni u s-servizzi tat-turiżmu. M'għandhomx x'jaqsmu mat-telekommunikazzjonijiet u s-servizzi finanzjarji.

	kemm għadhom kif ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati għal ammont varjabbli, determinat mill-gvern ta' Franza każ b'każ, tal-valur ta' l-ishma offruti lill-pubbliku. ES: L-investiment fi Spanja minn gvernijiet barranin jew entitajiet pubbliċi barranin (li għandu tendenza jimplika, minbarra interessi ekonomiċi, interessi wkoll li m'hux ekonomiċi tal-parti ta' l-entità) direttament jew permezz ta' kumpaniji jew entitajeit oħra kkontrollati direttament jew indirettment minn gvernijiet barranin, ikollhom bżonn awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern. PT: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li għadhom kif ġew ipprivatizzati jista' jkun limitat għall-ammont varjabbli, determinat mill-Gvern tal-Portugall, każ b'każ, tal-valur ta' l-ishma offruti lill-pubbliku. IT: Id-drittijiet esklussivi jistgħu jingħataw jew jinżammu lill-kumpaniji li għadhom kif ġew privatizzati. Id-drittijiet tal-vot f'kumpaniji li jkunu għadhom kif ġew privatizzati jistgħu jkunu ristretti f'ċerti każi. Għal perijodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' investiment kbir ta' ishma f'kumpaniji li joperaw fl-oqsma tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija jistgħu jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. FR: Biex jibdew isiru certi [11] attivitajiet kummerċjali, industrijali u ta' l-artiġjanat, hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali m'għandux permess ta' residenza permanenti.	parteċipazzjoni tar-residenti u ta' dawk li m'humiex fil-valur ta' l-ishma ta' l-entità. Fil-każ ta' fergħat ta' kumpaniji barranin, il-kapital kollu għall-investiment inizjali għandu jingieb minn sorsi barranin. Is-self minn sorsi lokali huwa permess biss wara l-implimentazzjoni inizjali tal-proġett, għall-iffinanzjar tal-bżonn ta' kapital ċirkolanti li taħdem bih. HU: Imħollija mill-obbligu għall-akkwist tal-proprjetajiet ta' l-istat. LT: L-investimenti ħalli jkunu organizzati l-lotteriji huma projbiti taħt il-Liġi dwar l-Investiment tal-Kapital Barrani. MT: Il-kumpaniji bil-parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti naturali jew legali huma suġġetti għall-istess ħtieġa ta' kapital applikabbli għall-kumpaniji li s-sidien tagħhom huma residenti hekk kif ġej: il-kumpaniji privati – Lm500 (b'minimu ta' 20% bħala kapital mħallas); il-kumpaniji pubbliċi Lm20000 (b'minimu ta' 25% ta' kapital imħallas). Il-persentaġġ mhux residenti tas-sehem tal-kapital azzjonarju jrid jitħallas bil-fondi li jiġu minn barra. Il-kumpaniji b'parteċipazzjoni mhux residenti jridu japplikaw għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi biex jakkwistaw uffiċċji taħt il-leġislazzjoni adattata.	
	CY: Il-permess tal-Bank Ċentrali huwa neċessarju sabiex kull persuna li m'hux residenti f'Ċipru jipparteċipa f'assoċjazzjoni jew soċjetà. Parteċipazzjoni barranija fl-oqsma kollha (u oqsma sekondarji) inklużi fl-Iskeda ta' l-Obbligi hija normalment limitata għal 49 fil-mija. Id-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet li jagħtu permess għall-parteċipazzjoni barranija hija msejsa fuq test tal-bżonnijiet ekonomiċi. Ġeneralment dawn huma l-kriterji		

	użati għat-test: a) L-għoti ta' servizzi li huma ġodda fiċ-Ċipru b) Il-promozzjoni ta' l-esportazzjoni fl-ekonomija bl-iżvilupp ta' swieq ġodda u eżistenti c) It-trasferiment ta' teknoloġija moderna, il-konoxxenza u tekniki ġodda ta' maniġment d) It-titjib jew ta' l-istruttura produttiva ta' l-ekonomija jew tal-kwalità tas-servizzi u l-prodotti eżistenti e) L-impatt komplementari fuq l-attivitajiet jew l-unitajiet eżistenti f) Il-vijabilità tal-proġett propost g) Il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol għax-xjentisti, għat-titjib kwalitattiv u t-taħriġ ta' l-istaff lokali F'każijiet eċċezzjonali fejn l-investiment propost jissodisfa bil-bosta u l-biċċa l-kbira tal-kriterji tat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi, jista' jingħata permess għall-parteċipazzjoni barranija li tisboq id-49 fil-mija. Fil-każ ta' kumpaniji pubbliċi, il-parteċipazzjoni ta' kapital azzjonarju hija normalment permess sa 30 fil-mija. Id-daqs permisibbli tas-sjieda barranija f'kumpanija jew korporazzjoni magħmulin biex jinvestu ordinarjament f'titoli diversifikati hija ta' 40 fil-mija.		

	L-assoċjazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati taħt il-Liġi tal-Kumpaniji. L-istess liġi titlob li kumpanija barranija li trid tistabilixxi post tan-negozju jew uffiċċju f'Ċipru għandha tkun irreġistrata taħt il-Liġi tal-Kumpaniji. L-istess liġi titlob li kumpanija barranija li trid tistabilixxi post tan-negozju jew uffiċċju f'Ċipru trid tirreġistrah bħala fergħa barranija. Għar-reġistrazzjoni, l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali hija meħtieġa taħt il-Liġi tal-Kontroll tal-Kambji. Approvazzjoni bħal din hija suġġetta għall-politika ta' l-investiment barrani applikabbli f'dak iż-żmien f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet proposti ta' l-assoċjazzjoni fiċ-Ċipru u l-kriterji ġenerali stipulati hawn fuq. HU: Imħollija mill-obbligi għall-akkwist ta' proprejetajiet ta' l-istat. MT: L-Att tal-Kumpaniji (Kap.386) li jirregola l-għoti ta' servizzi minn persuni li m'hux residenti permezz tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija lokali u l-Att dwar it-Tranżazzjonijiet Barranin (Kap. 233) li jirregola l-kwistjoni, l-akkwist, il-bejgħ u l-ammortament ta' titoli ta' sigurtà li m'hux ikkwotati fil-Borża ta' Malta għandhom ikomplu japplikaw PL: L-awtorizzazzjoni tat-twaqqif ta' kumpanija b'kapital azzjonarju huwa meħtieġ f'każ ta':		
	- twaqqif ta' kumpanija, xiri jew akkwist ta' ishma jew *stocks* f'kumpanija eżistenti; l-estensjoni ta' l-attività tal-kumpanija meta l-għan ta' l-attività jħaddan mill-anqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: - l-immaniġġjar tal-portijiet użati mill-bastimenti li		

	jbaħħru u l-ajruporti; - in-negozju tal-beni immobbli jew meta taġixxi ta' intermedjarju fi transazzjonijiet tal-proprjetà; - il-forniment lill-industrija tad-difiża li ma jkunx kopert minn kondizzjonijiet oħrajn ta' l-awtorizazzjoni; - in-negozju bl-ingrossa ta' prodotti importati tal-konsum; - l-għoti ta' servizzi ta' pariri legali. - it-twaqqif ta' kumpanija bejn tnejn b'kapital azzjonarju barrani li fiha l-parti Pollokka hija persun legali statali u qed tikkontribwixxi assi mhux fi flus bħala kapital inizjali; - tirranġa kuntratt, li jinkludi id-dritt ta' l-użu ta' proprejtà ta' l-istat għal iktar minn 6 xhur jew l-akkwist ta' proprejtà bħal din. SI: Għal servizzi finanzjarji, l-awtorizzazzjoni tinħareġ mill-awtoritajiet indikati f'oqsma ta' obbligi speċifiċi u skond il-kondizzjonijiet indikati f'oqsma ta' obbligi speċifiċi. M'hemmx limitazzjonijiet fuq it-twaqqif ta' negozju ġdid (investimenti "greenfield").		
		<u>Is-Sussidji</u> L-eliġibilità għas-sussidji mill-Komunità jew l-Istati Membri jista' jkun limitat għall-persuni legali stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru jew diviżjoni sekondarja ġeografika u partikolari tiegħu. Imħolli	

		mill-obbligu għas-sussidji għar-riċerka u l-iżvilupp. Imħolli mill-obbligi għall-fergħat imwaqqfa fi Stat Membru minn kumpanija li m'hix tal-Komunità. L-għoti tas-servizz, jew l-issussidjar tiegħu, fis-settur pubbliku m'huwiex ksur ta' dan l-obbligu. L-obbligi f'din l-iskeda ma jitolbux lill-Komunità jew lill-Istati Membri joffu sussidju għas-servizz mogħti minn barra t-territorju tagħha. Sal-punt li kull sussidju jkun disponibbli għall-persuni naturali, id-disponibiltà tagħhom tista' tkun limitata għal ċittadini minn Stat Membru.	
	Ir-reġim ta' kambji*[12],[13],[14]*: 1), 2) SK: F'dak li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet kurrenti, il-	***Ir-reġim ta' kambji*[15]** 4) CY: Taħt il-Liġi tal-Kontroll tal-Kambju dawk li m'hux residenti normalment ma jkollhomx il-	

[12] CZ: Is-sistema mhux diskriminatorja tal-kontroll tal-kambji esteri hija applikata u tikkonsisti fi:
a) il-limitazzjoni fuq l-akkwist tal-kambji esteri minn ċittadini residenti għal raġunijiet personali.
b) l-awtorizzazzjoni tal-kambji esteri fil-każ ta' residenti Ċeki għall-aċċettazzjoni ta' krediti finanzjarji minn persuni barranin, l-investiment kapitali dirett barra mill-pajjiż, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż u x-xiri ta' titoli ta' sigurtà barranin.

[13] PL: Hemm sistema mhux diskriminatorja tal-kontrolli tal-kambji esteri li għandhom x'jaqsmu ma' limitazzjonijiet fil-qliegħ fil-kambji esteri u ma' sistema ta' permessi tal-kambji esteri (ġenerali u individwali) fost limitazzjonijiet oħra ta' fluss ta' kapital u ħlasijiet ta' pagamenti. It-transazzjonijiet ta' kambji esteri li ġejjin jeħtieġu awtorizzazzjoni:
-it-trasferiment tal-kambji esteri barra mill-pajjiż;
-it-trasferiment ta' flus Pollakki fil-pajjiż;
-it-trasferiment tas-sjieda tad-dritt għall-assi monetarji bejn persuni li mhux barranin u l-barranin;
-l-għoti u l-ġbid ta' self u krediti minn persuni mhux barranin fi transazzjonijiet ta' kambji;
-il-ħlasijiet f'muniti barranin fil-Polonja għall-prodotti akkwistati, beni immobbli, drittijiet tal-proprejtà, servizzi jew xogħol;
-il-ftuħ u l-pussess ta' kont bankarju f'bank li jinsab barra l-pajjiż;
-l-akkwist u l-pussess ta' titloli ta' sigurtà u l-akkwist ta' beni immobblibarra mill-pajjiż,
-it-teħid ta' obbligazzjonijiet oħra barra l-pajjiż b'effett simili.

[14] SK: Il-lista hija ppubblikata għal raġunijiet ta' trasparenza.

[15] PL: In-nota fil-qiegħ tal-paġna taħt l-aċċess għas-suq hija applikabbli wkoll għat-trattament nazzjonali.

	limitazzjoni fuq l-akkwist tal-kambji barranin minn ċittadini residenti għall-użu personali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet kapitali, l-awtorizzazzjoni għal kambji barranin meħtieġ ħalli jkunu aċċettati il-krediti finanzjarji minn suġġetti barranin, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż u x-xiri ta' titoli ta' sigurtà barranin.	permess li jissellfu minn sorsi lokali	
	4) Imħolli mill-obbligi minn barra għall-miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul fi u żjara[16] temporanja fi Stat Membru, mingħajr il-ħtieġa ta' osservanza tat-test [17] tal-bżonnijiet ekonomiċi, tal-kategoriji li ġejjin ta' persuni naturali li qed jipprovdu servizz	4) Imħolli mill-obbligi min barra għall-miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' kategoriji ta' persuni naturali msemmija fil-kolonna ta' l-Aċċess għas-Suq.	
	i) il-preżenza temporanja, bħala l-persuna intrakorporattiva li lilha tiġi trasferita xi ħaġa, tal-persuni naturali fil-kategoriji li ġejjin, bil-kondizzjoni li min qed jagħti s-servizz huwa persuna legali u li l-persuni kkonċernati kienu mħaddma minnu jew kienu sħab miegħu (għajr bħala azzjonisti maġġoritarji) għal mill-anqas sena immedjatament qabel ċaqliq bħal dan	Id-direttivi tal-Komunità dwar l-għarfien tad-diplomi ta' xulxin ma japplikawx għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-għarfien tad-diplomi li huma meħtieġa sabiex jingħataw servizzi professjonalment regolati minn ċittadini li m'humiex mill-Komunità jibqgħu fil-kompetenza ta' kull Stat Membru għajr meta l-liġi tal-Komunità tipprovdi xort'oħra. Id-dritt li tagħti servizz professjonali rregolat fi Stat Membru ma jagħtix id-dritt li tippratikka fi Stat Membru ieħor.	
	a) In-nies li jaħdmu f'pożizzjoni għolja f'persuni legali, li primarjament jmexxu n-negozju, li jirċievu superviżjoni ġenerali jew direzzjoni prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew azzjonisti tan-negozju jew le-ekwivalenti, inkluż: - it-tmexxija tan-negozju jew id-dipartiment jew id-	**<u>Il-kondizzjonjiet ta' residenza</u>** AT: Id-diretturi maniġerjali ta' fergħat jew persuni legali għandhom ikunu residenti fl-Awstrija;	

[16] It-tul ta' "żjara temporanja" hija definita mill-Istat Membru u, fejn jeżistu, il-liġijiet u r-regolamenti tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam dħul, żjara u xogħol. It-tul preċiż jista' jvarja skond il-kategoriji differenti tal-persuni naturali msemmija f'din l-iskeda. Għall-kategorija (i), it-tul taż-żjara hija limitata fl-Istati Membri li ġejjin, hekk kif ġej: EE – tliet snin, li jista' jkun estiż għal sentejn oħra għal terminu totali li ma jaqbiżx il-ħames snin; LV – Ħames snin; LT – tliet snin, u jista' jkun estiż għal personàl anzjan biss għal sa sentejn oħra; PL and SI – sena, li tista' tkun estiża. Għall-kategorija (ii), it-tul taż-żjara hija limitata fl-Istati Membri li ġejjin hekk kif ġej: EE – 90 ġurnata għal kull perijodu ta' sitt xhur; PL – tlitt xhur; LT – tlitt xhur f'sena; HU, LV, SI – 90 ġurnata.

[17] Il-ħtieġijiet l-oħra kollha tal-Komunità u l-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam dħul, żjara, xogħol u miżuri ta' sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inkluż r-regolamenti dwar il-perijodu taż-żjara, is-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kolletttivi tas-salarji.

	diviżjoni sekondarja tan-negozju; - is-superviżjoni u l-kontroll tax-xogħol ta' l-impjegati oħra maniġerjali jew professjonali jew supervajżers; - l-awtorità personali li timpjega u tkeċċi jew tirrikmanda l-impjieg, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħra fuq il-personàl.	persuni naturali responsabbli f'entità legli jew f'fergħa sabiex tosserva l-Att dwar il-Kummerċ Awstrijakk trid tkun residenti fl-Awstrija. MT: Ir-regolamenti dwar l-immigrazjoni taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217) ser jirregola l-kwistjoni tal-permessi/id-dokumenti ta' residenza.	
	b) In-nies li jaħdmu f'persuna legali li għandhom għarfien li m'hux komuni u li huwa essenjali sabiex jingħata s-servizz fin-negozju, l-għodda tar-riċerka, it-tekniki jew il-maniġment. Fil-valutazjoni ta' dan l-għarfien, irid jittieħed in konsiderazzjoni mhux biss l-għarfien speċifiku tan-negozju, imma wkoll jekk il-persuna għandhiex livell għoli ta' kwalifiki li jirreferu għal tip ta' xogħol jew kummerċ li jeħtieġ għarfien tekniku speċifiku, li jinvolvu s-sħubija fi professjoni akkreditata.		
	ii) il-preżenza temporanja ta' persuni naturali fil-kategorji li ġejjin:		
	a) Persuni li ma jirrisjedux fit-territorju ta' Stat Membru li fih japplikaw it-trattati tal-KE, li jirrappreżentaw fornitur ta' servizz u qed ifittxu dħul temporanju bil-għan li jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi għal dak il-fornitur tas-servizzi, fejn dawk ir-rappreżentanti ma jkunux mħaddma biex ibiegħu b'mod dirett lill-pubbliku in ġenerali jew fl-għoti tas-servizzi fihom infushom (biż-żjieda ta', għall-EE, HU, LV, SI: jew f'isimhom jirċievu rimunerazzjoni minn sors li jinsab fi Stat Membru kkoċernat).		
	b) Persuni li jaħdmu f'pożizzjoni għolja, kif definiti fi i) a) hawn fuq, f'persuna legali, li huma responsabbli li jwaqqfu fi Stat Membru preżenza kummerċjali ta' fornitur ta' servizz taċ-Ċili meta:		
	- ir-rapprezentanti m'humiex imħaddma biex ibiegħu b'mod dirett jew jagħtu servizzi (biż-żjieda ta', għall-EE, HU, LV, SI: jew f'isimhom infushom jirċievu rimunerazzjoni minn sors lokali fl-Istat Membru kkonċernat); u		

	- il-fornitur tas-servizz ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju taċ-Ċili u ma jkollux rappreżentant ieħor, uffiċċju, fergħa jew sussidjarja f'dak l-Istat Membru.		
	FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività[18] artiġjanali, kummerċjali jew industrijali. Jekk m'għandux permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.		
	IT: L-aċċess għall-attivitajiet artiġjanali, kummerċjali u industrijali huwa suġġett għall-permess ta' residenza u awtorizazzjoni speċifika biex imexxi l-attività.		
	(iii) Imħolli mill-obbligi mbarra għall-miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul u waqfa temporanja fi Stat Membru tal-katgoriji li ġejjin ta' persuni naturali mingħajr il-bżonn ta' osservanza ta' test tal-bżonnijiet ekonomiċi mbarra fejn indikati f'setturi sekondarji speċifiċi. L-aċċess huwa suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin[19]:		
	- Il-persuni naturali huma mqabbda jagħtu servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' persuna legali, li m'għandiex preżenza kummerċjali f'xi stat Membru tal-Komunità Ewropea.		
	- Il-persuna legali ħadet kuntratt ta' servizz, għal perijodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, minn konsumatur finali fl-Istat Membru kkonċernat, permezz ta' proċedura jew xi proċedura oħra li tiggarantixxi l-karattru bonafidi tal-kuntratt (e.z. ir-reklam tad-disponibilità tal-kuntratt) fejn din il-kondizzjoni teżisti jew tiddaħħal fl-Istat Membru konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-kondizzjonnijiet tal-Komunità jew l-Istati Membri tagħha		
	- Il-persuna naturali li trid l-aċċess għandha tkun qed toffri dawn is-servizzi bħala impjegata tal-persuna legali li qed toffri is-servizz għal mill-anqas sena (sentejn fil-		

[18] L-attivitajiet artiġjanali, industrijali u kummerċjali għandhom x'jaqsmu ma' setturi bħal: is-servizzi oħra tan-negozju, il-kostruzzjoni, is-servizzi tad-distrubuzzjoni u t-turiżmu. M'għandhomx x'jaqsmu mat-telekommunikazzjonijiet u s-servizzi finanzjarji.

[19] Il-kuntratt tas-serviz għandu josserva il-liġijiet, ir-regolamenti u l-ħtieġijiet tal-Komunità u l-Istat Membru fejn il-kuntratt tas-servizz qed jitwettaq.

	każ ta' l-EL) immedjatament qabel dan il-moviment.		
	- Id-dħul temporanju jew waqfa fi Stat Membru kkonċernat għandhom ikunu għal perijodu ta' mhux iktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' tnax-il xhar (sitt xhur fil-każ ta' l-EE; 24 xhar fil-każ ta' l-NL) jew għat-tul tal-kuntratt, hu kemm hu inqas.		
	- Il-persuna naturali jrid ikollha l-kwalifiki akkademiċi neċċessarji u l-esperjenza professjonali kif speċifikat għas-settur jew l-attività kkonċernata fl-Istat Membru fejn is-servizz qed jingħata.		
	- L-obbligu jolqot biss lill-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt; ma jagħtix il-jedd li jkun mħaddem it-titlu professjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat.		
	- In-numri ta' persuni rreġistrati fil-kuntratt tas-servizz m'għandux ikun ikbar minn dak neċessarju sabiex jitwettaq il-kuntratt, kif jista' jkun deċiż mil-liġijiet, ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet tal-Komunità u l-Istat Membru fejn is-servizz qed jingħata.		
	- Il-kuntratt tas-servizz għandu jintrebaħ f'waħda minn dawn l-attivitajiet msemmija hawn taħt u suġġett għall-kondizzjonijiet addizzjonali msemmija fis-settur sekondarju mill-Istat Membru kkoċernat.:		
	- Is-servizzi legali - Is-servizzi taż-żamma tal-kotba - Is-servizzi ta' l-awditjar - Is-servizzi ta' pariri dwar taxxi - Is-servizzi arkitettoniċi, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tat-Tisbiħ tal-pajsaġġ - Is-servizzi ta' inġinerija, is-servizzi ta' inġinerija integrata - Is-servizzi Mediċi, Dentali u tal-professjoni tal-qabla - Is-servizzi veterinarji - Is-servizzi li jagħtu l-Infermieri, il-Fiżjoterapisti u l-Personàl Paramediku		

	- Is-servizzi tal-Kompjuter u dawk relatati miegħu - Is-servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp		
	- L-irreklamar - Ir-riċerka tas-suq u l-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika - Is-servizzi ta' konsulenza fil-maniġment - Is-servizzi relatati mal-konsulenza fil-maniġment - Is-servizzi ta' analiżi u eżamijiet tekniċi - Is-sevizzi relatati xjentifiċi u ta' konsulenza - Is-servizzi ta' Konsulenza li għandhom x'jaqsmu ma' l-Agrikoltura, l-Ikkaċċjar u l -Forestija - Is-servizzi ta' Konsulenza f'dak li għandu x'jaqsam mas-Sajd - Is-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-Minjieri - Il-manteniment u t-tiswija tat-tagħmir - Is-servizzi fotografiċi - Is-servizzi tal-Konvenzjonijiet - Is-servizzi ta' traduzzjoni - Is-servizzi ta' kostruzzjoni - Xogħol ta' investigazzjoni fuq is-sit - Is-servizzi ambjentali - Is-servizzi dwar l-edukazzjoni għolja - Is-servizzi dwar l-edukazzjoni ta' l-adulti - Is-servizzi ta' l-aġenziji tal-vjaġġi u ta' l-operaturi tal-vjaġġi - Is-servizzi tal-gwidi li jdawwru t-turisti - Is-servizzi ta' divertiment - Is-servizzi ta' l-aġenziji ta' l-aħbarijiet		
	- Is-servizzi reletati mal-bejgħ ta' tagħmir jew l-għoti ta' patenta		

II. L-OBBLIGI FIS-SETTURI SPEĊIFIĊI			
1. IS-SERVIZZI MARBUTIN MAN-NEGOZJU			
A. Is-Servizzi Professjonali			
a) Il-konsuleza legali il-liġijiet interni tal-pajjiż u l-liġi internazzjonali pubblika (imbarra il-liġi tal-KE) CZ, EE, LV, PL, SI, SK: CPC 861.	1) EE: Imħollija mill-obbligu għal CPC 861 għajr għal CPC 86190 FR, PT, SI: Imħollijin mill-obbligu għall-abbozzar ta' dokumenti legali. SE: Imħollija mill-obbligu meta tipprattika bħala "Advokat" (jiġifieri avukat/*solicitor*/*barrister*) jew bħala avukat fiż-ZEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) bit-titlu professjonali [20] li jikkorrispondi tal-pajjiż t'oriġini tiegħu/tagħha . CY, MT: Imħollijin mill-obbligu	1) FR, PT, SI: Imħollijin mill-obbligu għall-abbozzar ta' dokumenti legali. DK: Ir-reklamar ta' attivitajiet ta' pariri legali huwa ristrett għall-avukati b'liċenzja li jipprattikaw Daniża u kumpaniji legali fid-Danimarka.. SE: Imħollija mill-obbligu meta tipprattika bħala "Advokat" (jiġifieri avukat/*solicitor*/*barrister*) jew bħala avukat fiż-ZEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) bit-titlu professjonali li jikkorrispondi tal-pajjiż t'oriġini tiegħu/tagħha . EE: Imħollija mill-obbligu għal CPC 861 għajr għal CPC 86190 AT: Il-konsulenti legali barranin huma mitluba li jkunu membri ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura tal-pajjiż; huma jistgħu jużaw it-titlu professjonali tagħhom biss b'referenza għall-post tar-reġistrazzjoni fil-pajjiż t' oriġini tagħhom. CY, MT: Imħollijin mill-obbligu	
	2) CY, MT: Imħollijin mill-obbligu	2) CY, MT: Imħollijin mill-obbligu	

[20] Meta ma jidhirx taħt it-titlu "Advokat", jew bħala avukat taż-ŻEE bit-titlu korrispondenti tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu/ha, l-avukati barranin jistgħu liberament joffru servizzi legali.

	3) DE: L-aċċess huwa suġġett għall-approvazzjoni f'Assoċjazzjoni skond "L-Att Federali ta' l-Avukati" li titlob li l-*establishement* ikun ristrett għas-sjieda unika jew soċjetà biss. FR: Proviżjoni permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP biss. FIN: Għall-prattika tas-servizzi legali bħala membru ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura Ġenerali, iċ-ċittadinanza ta' wieħed mill-pajjżi fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) hija neċessarja AT, CY, MT: Imħollijin mill-obbligu.	3) DK: Ir-reklamar ta' attivitajiet ta' pariri legali huwa ristrett għall-kumpaniji legali rreġistrati fid-Danimarka. Huma biss avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw u kumpaniji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'kumpanija legali Daniża. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu joqogħodu fuq bord jew ikunu parti mill-maniġment tal-kumpanija legali Daniża. AT, CY, MT: Imħollijin mill-obbligu CZ: Bil-liġi Ċeka *barristers* u avukati kummerċjali huma mitluba li jkunu gradwati mill-universitajiet Ċeki	FR: Il-liġi tal-pajjiż li jilqa' fi ħdanu l-kumpanija u l-liġi internazzjonali (li tinkludi l-liġi tal-KE) huma miftuħa għall-Membri tal-professjoni regolata ġudizzjali u legali.[21]
	CZ: M'hemmx limitazzjoni li tinvolvi il-liġi barranija. Għall-attivitajiet li jinvolvu il-liġi nazzjonali l-aċċettazzjoni fl-Assoċjazzjoni Ċeka ta' l-Avukatura jew fil-Kamra Ċeka ta' l-Avukati Kummerċjali hija neċessarja EE: L-ebda obbligu għal CPC 86190. Għal CPC 861 għajr CPC 86190, il-preżenza kummerċjali hija ristretta għas-sjiediet uniċi jew għall-kumpaniji legali b'responsabbiltà limitata, f'liema każijiet huwa meħtieġ permess mill-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura (Advokatuur). Skond l-Istatut ta' l-Avukatura (Advokatuuri pohimäärus) huma biss dawk iċ-cittadini Estonjani li jistgħu jwaqqfu uffiċċju ta' avukat. Biex tkun aċċettat fl-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura għandhom ikunu milħuqa dawn il-kondizzjonijiet: a) esperjenza ta' sentejn bħala assistent ta' *barrister* fil-liġi; b) tgħaddi minn eżami relevanti; c) taħdem għal tliet snin bħala assistent anzjan. Wara dak huwa possibbli li tgħaddi minn eżami ta' l-avukati (għarfien tajjeb ħafna tal-liġi Estonjana u profiċjenza tajba ħafna fil-lingwa Estonjana huma meħtieġa). In-Nutari Pubbliċi huma persuni li jwettqu	EE: L-ebda obbligu għal CPC 86190. L-ebda obbligu għal CPC 861 għajr CPC 86190. SI: Il-kondizzjonijiet ta' l-aċċettazzjoni f'Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura għall-avukati li m'humiex ċittadini Sloveni u li għandhom liċenzja li jipprattikaw f'Membru ieħor, għandhom ikollhom ċertifikat ta' għarfien tal-liġi Slovena u għandhom ikunu profiċjenti fil-lingwa Slovena. SK: *Barristers* u avukati kummerċjali fil-liġi Slovakka huma mitluba li jkunu gradwati mill-universitajiet Slovakki	

[21] L-aċċess għal dawn il-professjonijiet huwa rregolat mil-liġi Franċiża Nu. 90-1259 tal-31 December 1990 li titaħ il-medda sħiha ta' attivitajiet ġudizzjali u legali.

	servizz pubbliku; huma appuntati mill-Ministeru tal-Ġustizzja HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' sħubija ma' *barrister* Ungeriż *(ügyvéd)* jew uffiċċju ta' *barrister* , jew uffiċċju rappreżentattiv LV: L-ebda obbligu għall-konsulenza fil-liġi internazzjonali pubblika u tal-pajjiż ta' oriġini. Għal CPC 861 għajr il-konsulenza dwar liġi internazzjonali pubblika u tal-pajjiż ta' oriġini, huma meħtieġa il-liċenzja maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-għarfien tal-lingwa Latvjana. Avukat illiċenzjat jista' jagħti is-servizzi kollha legali, għajr rappreżentazzjoni fi proċeduri kriminali. Rappreżentazzjoni fi proċeduri kriminali hija permessa biss għal *solicitors* illiċenzjati. Il-ħtieġa ta' ċittadinanza għal *solicitors* u nutari illiċenzjati. *Solicitors* u nutari illiċenzjati għandhom ikollhom mill-anqas 25 sena, ikunu jafu il-lingwa Latvjana, gradwati mill-Università tal-Latvja jew minn università oħra rikonoxxuta daqsha mill-Fakultà tal-Liġi, l-Università tal-Latvja, u li jkollhom esperjenza prattika. *Solicitors* illiċenzjati għandhom jgħaddu eżami f'konformità mar-regoli maħruġa mill-Kunsill tas-*Solicitors* Illiċenzjati. *Solicitors* illiċenzjati għandhom jgħaddu minn eżami f'konformità mar-regoli tal-Kunsill ta-*Solicitors* Illiċenzjati. Nutara lliċenzjati għandhom jgħaddu minn eżami f'konformità ma' l-ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja f'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara Lliċenzjati. PL: L-*establishment* huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. Il-ħtieġa ta' ċittadinanza. SI: Il-preżenza kummerċjali hija ristretta għal sjieda unika jew għall-kumpanija legali b'responsabbiltà limitata (soċjetà) biss. Għall-attivitajiet li jinvolvu il-liġi tal-pajjiż, l-aċċettazzjoni fl-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura ("Odvetni{ka zbornica Slovenije") hija meħtieġa. L-approvazzjoni mill- Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura hija meħtieġa għat-twaqqif ta' kwalunkwe kumpanija legali.Il-kondizzjonijiet ta' aċċettazzjoni fl-Assoċjazzjoni ta' l-		

	Avukatura għall-avukati li m'humiex ċittadini Sloveni u li għandhom liċenzja biex jipprattikaw f'Membru ieħor, għandhom ikollhom ċertifikat ta' għarfien tal-liġi Slovena u għandhom ikunu profiċjenti fil-lingwa Slovena. In-nutara pubbliċi huma persuni li jwettqu servizz pubbliku. Id-drittijiet ta' konċessjoni jistgħu jinkisbu b'liċenzja. SK: M'hemm l-ebda limitazzjoni li tinvolvi il-liġi barranija. Għall-attivitajiet li jinvolvu l-liġi tal-pajjiż, l-aċċettazzjoni fl-Assoċjazzjoni Slovakka ta' l-Avukatura jew tal-Kamra Slovakka ta' l-Avukati Kummerċjali hija meħtieġa.		
	SE: Fl-għoti tal-pariri legali bħala "Advokat", il-prattika tal-professjoni f'kooperazzjoni ma' persuni oħra li m'hux "advokats" jew f'sura ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (kumpanija bl-azzjonisti) m'hux permessa, sakemm ċerti kondizzjonijiet jitwettqu. LU: Il-liġi tal-pajjiż u l-liġi internazzjonali suġġetti għar-reġistrazzjoni bħala [22] "avocat" fl-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura fil-Lussemburgu.	SE: Meta jidhru taħt it-titlu "Advokat" (avukat, *solicitor*/*barrister*) hija meħtieġa l-adeżjoni fl-Assoċjazzjoni Svediża ta' l-Avukatura. Iċ-ċittadinanza u residenza Svediża jew taż-ŻEA (iz-Żona Ekonomika Ewropea) huma meħtieġa għal adeżjoni bħal din. Meta persuna awtorizzat bħala "Advokat" fi stat fiż-ŻEA jixtieq jipprattika l-liġi fuq bażi permanenti fl-Isvezja bit-titlu professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha, hu/hi għandu/ha jirreġistra ma' l-Assoċjazzjoni Svediża ta' l-Avukatura.	
	4) Imħolli mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: AT, CY, MT: Imħollijin mill-obbligu. FR: L-attivitajiet ta' pariri legali u l-abbozzar ta' dokumenti legali bħala attività prinċipali u għall-publiku, huma rriservati għall-membri tal-professjonijiet ġudizzjali u legali li huma regolati [23]. Dawn l-attivitajiet jistgħu wkoll jitwettqu bħala attività sekondarja għall-attività	4) Imħolli mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: DK: Ir-reklamar ta' pariri legali (li huma attivitajiet) huwa ristrett għall-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex iġġib liċenzja Daniża biex tipprattika. AT: Dawk il-barranin li jagħtu pariri legali huma	

22 Il-liġi internazzjonali tinkludi il-liġi tal-KE.

23 L-aċċess għal dawn il-professjonijiet huwa rregolat mil-liġi Franċiża Nu. 90-1259 tal-31 December 1990 li titħ il-medda sħiha ta' attivitajiet ġudizzjali u legali.

	prinċipali mill-membri ta’ professjonijiet regolati oħra jew minn persuni kkwalifikati. AT: Fuq talba tal-konsumatur, dawk li jagħtu pariri legali jistgħu temporanjament jmorru fit-territorju ta’ l-Awstrija sabiex jagħtu servizz speċifiku. FI: Fit-twettiq ta’ servizzi legali bħala membru ta’ Assoċjazzjoni Ġenerali ta' l-Avukatura, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta’ wieħed mill-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEA). SE: Fl-għoti ta' parir legali (li hi attività) bħala “Advokat”, il-prattika tal-professjoni b’kooperazzjoni ma’ persuni oħra li m’hux “advokats” jew fis-sura ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (kumpanija bl-azzjonisti) m’hix permessa, sakemm jintlaħqu ċerti kondizzjonijiet. LV: Għall-CPC 861 għajr konsulenza dwar liġi internazzjonali pubblika u tal-pajjiż ta’ oriġini, liċenza maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-għarfien tal-lingwa Latvjana huma meħtieġa. Avukat illiċenzjat jista’ jipprovdi s-servizzi legali kollha, imbarra rappreżentazzjoni fi proċeduri kriminali. Rappreżentazzjoni fi proċeduri kriminali hija permessa biss għal avukati lliċenzjati. Il-kondizzjoni ta’ ċittadinanza għal *solicitors* u nutara lliċenzjati. Is-*solicitors* illiċenzjati u n-nutara lliċenzjati għandhom ikollhom mill-anqas 25 sena, ikollhom għarfien tal-lingwa Latvjana, gradwati mill-Università tal-Latvja jew minn università oħra rikonoxxuta daqsha mill-Fakultà tal-Liġi, l-Università tal-Latvja, u jkollhom esperjenza prattika. Is-*solicitors* illiċenzjati għandhom jgħaddu eżami f’konformità mar-regoli tal-Kunsill tas-*Solicitors* Illiċenzjati. In-nutara lliċenzjati għandhom jgħaddu minn eżami f’konformità ma’ l-ordni tal-Ministru tal-ġustizzja f’kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Natura Lliċenzjati.	meħtieġa li jkunu membri ta’ l-Assoċjazzjoni nazzjonali tagħhom ta' l-Avukatura; huma jistgħu jużaw it-titlu professjonali tagħhom b'riferenza biss għall-post tar-reġistrazzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini tagħhom. SE: Meta jidhru taħt it-titlu "Advokat" (avukat, *solicitor*/*barrister*) hija meħtieġa l-adeżjoni fl-Assoċjazzjoni Svediża ta’ l-Avukati. Ċittadinanza u residenza Svediża huma meħtieġa għal adeżjoni bħal din. CY, MT: Imħollijin mill-obbligu	
	Imħollijin mill-obbligu għajr għal BE, DE, DK, ES, SE u	Imħollijin mill-obbligu għajr għal BE, DE, DK, ES,	

	UK kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii), suġġett għall-kondizzjonnijiet ta' hawn fuq u għal-limitazzjonijiet speċiiċi li ġejjin: BE, DE, DK, ES, SE u UK: Grad Universitarju u kwalifikazzjoni professjonali u tliet snin esperjenza professjonali fis-settur. DE: Imħollija mill-obbligu għall-attivitajiet riservati għar-"Rechtsanwalt". BE: It-Test tal-Bżonnijiet Ekonomiċi huwa meħtieġ jekk is-salarju gross annwali tal-persuna fiżika huwa inqas mil-limitu ta' 30000 Euro.	SE u UK kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii): DK: Ir-reklamar ta' pariri legali (li huma attivitajiet) huwa ristrett għall-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex iġgib liċenzja Daniża biex tipprattika. SE: Meta jidhru taħt it-titlu "Advokat" (avukat, *solicitor* / *barrister*) hija meħtieġa l-adeżjoni fl-Assoċjazzjoni Svediża ta' l-Avukatura. Ċittadinanza u residenza Svediża huma meħtieġa għal adeżjoni bħal din.	
b) Is-Servizzi taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 għajr "serizzi ta' l-awditjar" 86213, 86219)	1) CY, FR, HU, IT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu 2) L-ebda obbligu	1) FR, IT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu AT: L-ebda rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti 2) L-ebda obbligu	
	3) DE: Il-proviżjon permezz ta' "GmbH & CoKG" u "EWIV" m'hux permess. FR: Il-proviżjon permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP biss. PT: Il-proviżjon permezz ta' *establishment* professjonali biss. IT: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni naturali. L-assoċjazzjoni professjonali (l-ebda inkorporazzjoni) fost il-persuni naturali hija permessa. AT: Il-parteċipazzjoni ta' l-akkawtants barranin (li għandhom ikunu awtorizzati skond il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità legali Awstrijakka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; dan japplika biss għal dawk li m'hux membri tal-Korp Professjonali Awstrijakk. CY: L-aċċess għall-persuni naturali ristrett għal dawk li kisbu awtorizzazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi. L-	3) DK: L-akkawntants barranin jisgħu jidħlu f'soċjetajiet ma' akkawntants awtorizzati Daniżi wara li jġibu l-permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ.	

	awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi. Il-kriterji wżati jixbħu lil dawk li jintużaw meta jingħata permess għall-investiment barrani (elenkati fis-sezzjoni orizzontali), kif japplikaw għal dan is-settur sekondarju u dejjem irridu nkunu qed nieħdu in konsiderazzjoni is-sitwazzjoni tax-xogħol fis-settur sekondarju. L-assoċjazzjonijiet professjonali (is-soċjetajiet) fost l-persuni naturali hija permessa. L-ebda persuna ġuridika hija permessa. LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri lliċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenza ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Lliċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna SI: Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu s-sura ta' persuna ġuridika		
	4) Imħollijin mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: FR: professjonisti li m'humiex mill-KE jistgħu jingħataw permess biex jagħtu servizz, b'deċiżjoni tal-Ministru ta' l-Ekonomija, Finanzji u Baġit. Il-ħtieġa ta' residenza ma tistax taqbeż il-5 snin. IT: Il-kondizzjoni ta' residenza għal "Ragionieri-Periti commerciali". DK: Il-ħtieġa ta' residenza ħlief jekk inkella pprovdut mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u Kummerċ. AT: fuq talba tal-konsumatur, l-akkawtants jistgħu temporanjament imorru fit-territorju ta' l-Awstrija sabiex	4) Imħollijin mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: DK, IT: Il-ħtieġa ta' residenza. SI: Imħolli mill-obbligu għajr kif indikat fil-kolonna Aċċess tas-Suq.	

	jagħtu servizz speċifiku. Madankollu, bħala regola, persuni naturali qed jagħtu servizzi taż-żamma tal-kotba huma mitluba li jkollhom iċ-ċentru professjonali tagħhom (il-preżenza kummerċjali) fl-Awstrija. L-ebda rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti. LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-Kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri marbutin b'ġurament; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenza ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Lliċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna SI: Il-limitazzjonijiet fuq persuni naturali mħaddma minn persuni minn persuni ġuridiċi biss.		
	Imħollijin mill-obbligu għajr għall- AT, BE, DE, DK, ES, LU, NL, UK, SE kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii) u suġġett għall-kondizzjonijiet t'hawn fuq u l-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: AT, BE, DE, DK, ES, NL, UK, SE: Grad universitarju u kwalifiki professjonali u tliet snin esperjenza fis-settur. AT: eżami tal-korp professjonali Awstrijakk. L-impjegat għandu jkun membru ta' korp professjonali relevanti fil-pajjiż ta' oriġini fejn dan il-korp jeżisti. BE: It-Test tal-Bżonnijiet Ekonomiċi huwa meħtieġ jekk is-salarju gross annwali tal-persuna naturali hija taħt il-limitu ta' 30000 Euro. DE: Imħolli mill-obbligu għall-attivitajiet riservati mil-liġi fil-"Wirtschaftsprüfer". LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri	Imħollijin mill-obbligu għajr għall- AT, BE, DE, DK, ES, LU, NL, UK, SE kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii)	

	lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri lliċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenzja ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Lliċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna SI: il-limitazzjonijiet fuq il-persuni fiżiċi mħaddma mill-persuni ġuridiċi biss		
b) Is-servizzi ta' Awditjar[*24] (CPC 86211 and 86212 għajr għas-servizzi ta' awditjar)	1) AT, BE, CY, DE, DK, ES, FR, FI, HU, IT, IE, LU, LT, MT, NL, PT, SE, SI, UK: Imħollijin mill-obbligu LT: L-ebda obbligu għajr li r-rapport ta' l-awditur ġhandu jkun ippreparat flimkien ma' awditur akkreditat beix jipprattika fil-Litwanja. 2) L-ebda obbligu	1) AT, BE, DE, DK, ES, FR, FI, IT, IE, LU, LT, MT, NL, PT, SE, SI, UK: Imħollijin mill-obbligu LT: L-ebda obbligu għajr li r-rapport ta' l-awditur għandu jkun ippreparat flimkien ma' awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. 2) L-ebda obbligu	
	3) BE: Il-proviżjon permezz ta' "SA" jew "Société en commandite" huwa projbit. DE: Il-proviżjon permezz ta' "GmbH & CoKG" u "EWIV" huwa projbit. FR: Għal verifika statutorja tal-kontijiet permezz ta' kwalunkwe formola ta' kumpanija għajr SNC, SCS u uffiċċji sekondarji. PT: Il-proviżjon permezz biss ta' assoċjazzjoni professjonali. IE: Il-proviżjon permezz biss ta' soċjetà.	3) DK: L-awdituri barranin jistgħu jidħlu sħab ma akkawntants awtorizzati mill-Istat Daniż wara li jġibu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ. SE: Ir-residenza fiż-ZEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) u l-eżami Svizzeru huma meħtieġa.[25]	

[*] Nota ta' spjega: Billi hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali sabiex twettaq kwalunkwe attività ta' l-awditjar, il-*cross-bodrer mode* hija mħollija mill-obbligu. Huma biss l-awdituri statutorji stabbiliti li jistgħu jkunu approvati mill-korpi professjonali nazzjonali. L-approvazzjoni hija prekondizzjoni neċessarja biex din l-attività titwettaq.

[24] SI: Skond il-liġi Slovena, is-servizzi ta' awditjar huma kwistjoni ta' kumpaniji, mhux ta' persuni naturali.

[25] L-eżamijiet barranin u l-esperjenza li tagħti kompetenza ekwivalenti huma rikonoxxuti.

	IT: Għall-aċċess bħala "Ragionieri-Periti commerciali" u "Dottori commerciali", l-aċċess huwa ristrett għall-persuni naturali biss. L-assoċjazzjoni professjonali (l-ebda inkorporazzjoni) fost il-persuni naturali hija permessa. FI: Mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża b'responsabbiltà limitata għandu jkun residenti f'wieħed mill-pajjiżi taż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) jew kumpanija awtorizzata ta' l-awditjar. SE: Huma biss l-awdituri approvati fiż-ŻEE li jistgħu jagħtu servizzi ta' awditjar legali f'ċerti entitajiet legali jiġifieri fil-kumpaniji kollha b'responsabbiltà limitata. Dawn il-persuni biss jistgħu jkunu sidien ta' l-ishma jew joħolqu soċjetà f'kumpaniji kwalifikati ta' l-awditjar (għal skopijiet ta' uffiċċju). Eżami taż-ŻEE, esperjenza ta' xogħol u residenza huma meħieġa għall-approvazjoni. AT: Il-parteċipazzjoni ta' l-awdituri barranin (li għandhom ikunu awtorizzati skond il-liġi tal-pajjiż t'oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultat operattivi ta' l-entità legali Awstrijakka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; dan japplika biss għal dawk li m'hux membri tal-Korp Professjonali Awstrijakk. CY: L-aċċess għall-persuni naturali huwa ristrett għal dawk li kisbu awtorizzazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-bżonnijiet ekonomiċi. Il-kriterji wżati jixbħu lil dawk li jintużaw meta jingħata permess għall-investiment barrani (elenkati fis-sezzjoni orizzontali), kif japplikaw għal dan is-settur sekondarju, dejjem irridu nkunu qed nieħdu in konsiderazzjoni is-sitwazzjoni tax-xogħol fis-settur sekondarju. L-assoċjazzjonijiet professjonali (is-soċjetajiet) fost l-persuni naturali hija permessa. L-ebda persuna ġuridika hija permessa. CZ: L-awditjar jista' jsir minn persuni naturali jew ġuridiċi rreġistrati fil-lista ta' l-awdituri tal-Kamra ta' l-Awdituri. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi mill-anqas 60 fil-		

	mija tas-sehem kapitali jew drittijiet tal-vot huma rriservati għaċ-ċittadin Ċek. LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Liċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenza ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Liċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna LT: L-ebda obbligu, għajr dak li 75 fil-mija ta' l-ishma jridu jkunu f'idejn l-awdituri jew kumpaniji ta' l-awditjar. L-*establishment* huwa jista' jsir permezz it-tipi kollha ta' forom legali ta' kumpaniji mbarra Korporazzjoni ta' l-Istokk Pubbliku (AB). Il-kondizzjonnijiet ta' kwalifiki għall-awdituri fil-pajjiż ta' oriġini ta' dawk l-awdituri jew kumpaniji ta' l-awditjar m'għandhomx ikunu inqas minn dawk tal-Litwanja. PL: Il-ħtieġa ta' ċittadinanza. L-awdituri barranin jistgħu jipprattikaw wara l-konfermazzjoni tal-kwalifiki tagħhom. SI: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu l-forma ta' persuna ġuridika. Is-sehem ta' barranin f'kumpaniji ta' l-awditjar ma jistax jaqbeż id-49 fil-mija tal-kapital azzjonarju. Il-proviżjoni ssir permezz biss tal-kumpaniji ta' l-awditjar. SK: L-awditjar jista' jsir minn persuni ġuridiċi jew naturali rreġistrati fil-lista ta' l-awdituri tal-Kamra ta' l-Awdituri. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi mill-anqas 60 fil-mija tas-sehem kapitali jew drittijiet tal-vot huma rriservati għaċ-ċittadini Slovakki.		

	4) Imħollijin mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: DK: Il-ħtieġa ta' residenza jekk mhux ipprovdut b'mod ieħor mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ. ES: Il-ħtieġa ta' residenza EL: Il-kondizzjonijiet ta' ċittadinanza għall-awdituri statutorji. ES: Kumpaniji ta' l-awditjar: L-amministratturi, id-diretturi u s-soċji ta' kumpaniji li m'humiex koperti mit-tmien direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji, għandha tissodisfa l-kondizzjoni ta' residenza.	4) Imħollijin mill-obbligu għajr kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet peċifiċi li ġejjin DK: Il-ħtieġa ta' residenza. IT, PT: Il-ħtieġa ta' residenza għall-awdituri individwali. SE: Ir-residenza fiż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-eżami Svizzeru huma meħtieġa.[26] SI: Imħollijin mill-obbligu imbarra kif indikat fil-kolonna ta' l-Aċċess tas-Suq	
	IT: Il-ħtieġa ta' residenza għal "Ragionieri-Periti commerciali". Il-kumpaniji ta' l-awditjar: l-amminstraturi u l-awdituri fis- "società di revisions" għajr dawk li huma koperti mit-tmien direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji, għandha tissodisfa l-kondizzjoni ta' residenza. FI: Ta' l-anqas wieħed mill-awdituri tal-kumpanija Finlandiża b'responsabbiltà limitata għandu jkun residenti f'wieħed mill-pajjiżi ta' taż-ŻEE (iż-Żona Ekonomika Ewropea) jew kumpanija ta' awditjar awtorizzata. . SE: Huma bissa l-awdituri approvati fiż-ŻEE li jisgħu jagħtu servizzi legali ta' awditjar, f'ċerti entitajiet legali, fost ħwejjeġ oħra, fil-kumpaniji kollha b'responsbbiltà limitata. Huma dawn il-persuni biss li jistgħu jkunu sidien ta' l-ishma jew jifformaw soċjetà f'kumpaniji li jipprattikaw l-awditjar kwalifikat (għal skop uffiċċjali). LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-		

[26] Eżamijiet barranin u esperjenza li tagħti kompetenza ekwivalenti huma rikonoxxuti.

	ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Liċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenza ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Liċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna. PL: Il-ħtieġa ta' Ċittadinanza. L-awdituri barranin jistgħu jipprattikaw wara l-konfermazzjoni tal-kwalifiki. SI: Il-limitazzjonijiet fuq persuni naturali mħaddma minn persuni ġuridiċi biss.		
	Imħollijin mill-obbligu għajr għall-BE, DE, DK, ES kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin: BE, DE, DK, ES: Grad universitarju u kwalifiki professjonali u tliet snin esperjenza fis-settur. BE: It-Test tal-Bżonnijiet Ekonomiċi huwa meħtieġ jekk is-salarju gross annwali tal-persuna naturali huwa inqas mil-limitu ta' 30000 Euro. DE: Imħolli mill-obbligu għall-attivitajiet irriservati mil-liġi fil-"Wirtschaftsprüfer".	Imħolli mill-obbligu għajr għal BE, DE, DK, ES kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii)	
b) Bookkeeping services (CPC 86220)	1) CY, FR, HU, IT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu 2) L-ebda obbligu.	1) FR, IT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu. AT: L-ebda rapprezentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti 2) L-ebda obbligu.	
	3) FR: Il-proviżjon permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP biss. IT: L-aċċess għall-persuni naturali biss. L-assoċjazzjoni professjonali (l-ebda inkorporazzjoni) bejn il-persuni naturali hija permessa. AT: Il-parteċipazzjoni ta' dawk il-barranin li jżommu l-kotba tan-negozju (li għandhom ikunu awtorizzati skond	3) L-ebda obbligu.	

	il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta’ kwalunkwe entità legali Awstrijakka ma jistax jaqbeż il-25 fil-mija; dan japplika biss għal dawk li m’hux membri tal-Korp Professjonali Awstrijakk. CY: L-aċċess għall-persuni naturali huwa ristrett għal dawk li kisbu awtorizzazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi. Il-kriterji wżati jixbħu lil dawk li jintużaw meta jingħata permess għall-investiment barrani (elenkati fis-sezzjoni orizzontali), kif japplikaw għal dan is-settur sekondarju u dejjem irridu nkunu qed nieħdu in konsiderazzjoni is-sitwazzjoni tax-xogħol fis-settur sekondarju. L-assoċjazzjonijiet professjonali (is-soċjetajiet) fost l-persuni naturali hija permessa. L-ebda persuna ġuridika m’hi permessa. LV: Is-sid ta’ l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta’ l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta’ l-Awdituri Lliċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta’ kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta’ liċenza ta’ awditur f’konformità mal-ħtiġijiet ta’ l-Assoċjazzjoni Latvjana ta’ l-Awdituri Lliċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna. SI: il-preżenza kummerċjali għandha tieħu s-sura ta’ persuna ġuridika.		
	4) Imħollijin mill-obbligu għajr dawk indikati fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:	4) Imħollijin mill-obbligu għajr dawk indikati fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:	

	FR: professjonisti li m'hux mill-KE jista' jinagħtalhom permess li jagħtu servizz, b'deċiżjoni tal-Ministru ta' l-Ekonomija, Finanzi u Baġit, bi ftehim mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin. Il-ħtieġa ta' residenza ma tistax taqbeż il-5 snin. IT: Il-kondizzjoni ta' residenza għal "Ragionieri-Periti commerciali". AT: Fuq talba ta' konsumatur, min iżomm il-kotba tal-kumpaniji jista' jmur temporanjament fit-territorju ta' l-Awstrija sabiex jagħti servizz speċifiku; madankollu, bħala regola persuni naturali li qed joffru s-servizz taż-żamma tal-kotba huma meħtieġa li jkollhom iċ-ċentru professjonali tagħhom (il-preżenza kummerċjali) fl-Awstrija. LV: Is-sid ta' l-ishma jew il-kap tal-kumpanija għandu jkun ikkwalifikat bħala awditur illiċenzjat. L-awdituri lliċenzjati ma jistgħux ikunu persuni inqas minn 25 sena u għandhom: a) ikollhom livell sekondarju fl-ekonomija jew f'fergħat oħra, jekk jgħaddi eżami bażiku ta' l-ekonomija; b) ikollhom tliet snin esperjenza fl-awditjar irrikonoxxut mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Lliċenzjati; c) ikunu għaddew minn eżami ta' kwalifikazzjoni u akkwistaw ċertifikat ta' liċenza ta' awditur f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-Assoċjazzjoni Latvjana ta' l-Awdituri Lliċenzjati; d) għandhom reputazzjoni tajba ħafna SI: Il-limitazzjonijiet fuq persuni naturali mħaddma minn persuni ġuridiċi biss.	IT: Il-ħtieġa ta' residenza għal "Ragionieri-Periti commerciali". PT: Il-ħtieġa ta' residenza.	
	Imħollijin mill-obbligu għajr għall- AT, BE, DE, DK, ES, LU, NL, UK, SE fejn: kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii) u suġġett għal-limitazjonijiet speċifiċi li ġejjin: AT, BE, DE, DK, ES, NL, UK, SE: Grad universitarju u	Imħollijin mill-obbligu għajr għall- AT, BE, DE, DK, ES, LU, NL, UK, SE kif indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (iii)	

	kwalifiki professjonali u tliet snin esperjenza fis-settur. AT: eżami tal-korp professjonali Awstrijakk. Min jimpjega għandu jkun membru tal-korp professjonali relevanti fil-post ta' oriġini fejn hemm korp bħal dan. BE: It-Test tal-Bżonnijiet Ekonomiċi huwa meħtieġ jekk is-salarju gross annwali tal-persuna naturali huwa inqas mil-limitu ta' 30000 Euro. DE: Imħollija mill-obbligu għall-attivitajiet irriservati mil-liġi fil-"Wirtschaftsprüfer".		
c) Taxation Advisory Services(CPC 863 excluding representation in Court/tribunals)	1) FR: Imħollija mill-obbligu għall-abbozzar tad-dokumenti legali. CY: L-aġenti tat-taxxa jridu jkunu awtorizzati kig għandu jkun mill-Ministru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi. 2) L-ebda obbligu	1) FR: Imħollija mill-obbligu għall-abbozzar tad-dokumenti legali. AT: L-ebda rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti 2) L-ebda obbligu	
	għal 71222 (servizzi ta' limużin): DK: Aċċess għal persuna naturali biss, meħtieġa prova ta' twaqqif ta' stabbiliment lokali FI: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, l-ebda estenzjoni għall-vetturi rreġistarti barra. IT: Aċċess għal persuna naturali biss, u test għall-ħtiġijiet ekonomiċi. LV: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, (liċenzja), l-ebda estenzjoni għall-vetturi rreġistarti barra. PT: Test għall-ħtiġijiet ekonomiċi. - Għal 71213 (Servizzi ta' karrozzi tal-linja bejn l-ibliet):[61] IT, ES, IE: Test għall-ħtiġijiet ekonomiċi. FR : Imħollija mill-obbligu FI: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, l-ebda estenzjoni għall-vetturi rreġistarti barra. DK: Test għall-ħtiġijiet ekonomiċi. LV: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, (liċenzja u permess speċjali), l-ebda estenzjoni għal vetturi rreġistarti barra. PT: Aċċess permezz ta' inkorporazzjoni biss. - Għal 71223: LV: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, (liċenzja), l-ebda estenzjoni għall-vetturi rreġistarti barra.		
	4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, MT, PL, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu PT: Meħtieġa n-nazzjonalità għall-personàl speċjalizzat.	4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, MT, LV PL, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu DK: Meħtieġa r-residenza għall-maniġers	

[61] Meta l-provvista ta' servizz hija soġġetta għal test tal-ħtieġa ekonomika, dan huwa essenzjalment ibbażat fuq it-trasport pubbliku eżistenti fuq ir-rotta kkonċernata.

b) Trasport tal-Merkanzija (CPC 7123)	1) Imħollijin mill-obbligu 2) L-ebda obbligu ħlief CY, CZ, EE, HU, MT, PL, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu 3) Għat-trasport fi Stat Membru minn ġarrier stabbilit fi Stat Membru ieħor: Imħollijin mill-obbligu. AT, CY, CZ, ES, EE, HU, MT, PL, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu IT: Għal trasport ġewwa l-pajjiż, ħruġ ta' liċenzja suġġett għal test tal-ħtigijiet ekonomiċi.. FI: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, l-ebda estenzjoni għal vetturi rreġistarti barra. SE: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni għall-operazzjonijiet ta' servizz ta' transport kummerċjali fuq l-art. L-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-applikant, l-esperjenza u l-kapaċità li jipprovdi s-servizzi. Hemm limitazzjonijiet fl-użu ta' vetturi mikrijin għal tali operazzjonijiet. 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, MT, PL, SK and SL: Imħollijin mill-obbligu	1) Imħollijin mill-obbligu 2) HU, MT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu 3) Għat-trasport fi Stat Membru minn ġarrier stabbilit fi Stat Membru ieħor: Imħollijin mill-obbligu. AT, ES, HU, PL, MT, SK: Imħollijin mill-obbligu SE: Utilitajiet stabbiliti jridu jużaw vetturi b'reġistrazzjoni nazzjonali. 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, LV, MT, PL, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu	
d) Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir Għat-Trasport tat-Triq (l-Istati Membri kollha ħlief CZ, EE, FI, HU, SK u SL : CPC 6112. CZ, EE, HU u SK: 6112+8867. FI 6112 u partijiet minn 88. SI: parti minn CPC 6112**)	1) Imħollijin mill-obbligu * 2) MT: Imħollija mill-obbligu 3) SE: l-operaturi jistgħu jistabbilixxu u jżommu faċilitajiet ta' infrastruttura terminali, dejjem suġġett għal-limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità. MT: L-ebda obbligu. 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: MT: Imħollija mill-obbligu	1) Imħollijin mill-obbligu * 2) MT: Imħollija mill-obbligu 3) MT: Imħollija mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: MT: Imħollija mill-obbligu	

(e) Servizzi ta' appoġġ għat-tagħmir ta' trasport tat-triq (Għal- LV biss: CPC 7441, CPC 7449)	1) L-Istati Membri kollha: Imħollijin mill-obbligu 2) L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: Meħtieġa l-awtorizzazzjoni, (ftehim ma' l-istazzjon tal-karrozza tal-linja, liċenzja). 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: Imħollija mill-obbligu, ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali	1) L-Istati Membri kollha: Imħollijin mill-obbligu 2) L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: L-ebda obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief LV: Imħollijin mill-obbligu LV: L-ebda obbligu LV: Għal CSS-EJP biss: L-ebda obbligu	
G. <u>Trassport ta' Katusi</u> LT: CPC 713	1) L-Istati Membri kollha: Imħollijin mill-obbligu 2) L-Istati Membri kollha ħlief HU, LT: Imħollijin mill-obbligu HU, LT: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief HU, LT: Imħollijin mill-obbligu HU: Is-servizzi jistgħu jingħataw permezz ta' Konċessjoni ta' Kuntratt mogħti mill-istat jew l-awtorità lokali LT: L-ebda obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet	1) L-Istati Membri kollha ħlief HU: Imħollijin mill-obbligu HU: L-ebda obbligu 2) L-Istati Membri kollha: Imħollijin mill-obbligu HU, LT: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief HU, LT: Imħollijin mill-obbligu HU, LT: L-ebda obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief HU, LT:	

	speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief HU, LT: Imħollijin mill-obbligu HU, LT: Imħollijin mill-obbligu, ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali	Imħollijin mill-obbligu HU, LT: Imħollijin mill-obbligu, ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali	
H. Servizzi awżiljarji għall-modi kollha ta' trasport			
(a) Servizzi fl-immaniġġjar tal-kunsinna (EE, LV u LT: CPC 741)	1) L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin mill-obbligu*[62]. EE, LV u LT: L-ebda obbligu 2) L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin mill-obbligu EE, LV u LT: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin mill-obbligu EE, LV u LT: L-ebda obbligu ħlief f'ajruporti fejn il-kategoriji ta' attività mwettqin jiddependu fuq id-daqs ta' l-ajruport, in-numru ta' fornituri jista' jkun limitat minħabba nuqqas ta' spazju disponibbli u għal mhux aktar minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħrajn. Jistgħu japplikaw ukoll proċeduri li ma jiddiskriminawx kontra qabel ma jiġu approvati. 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin	1) L-Istati membri kollha minbarraEE, LV: Imħollijin mill-obbligu *. EE, LV: L-ebda obbligu 2) L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin mill-obbligu EE, LV u LT: L-ebda obbligu 3) L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT: Imħollijin mill-obbligu EE, LV u LT: L-ebda obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: L-Istati Membri kollha ħlief EE, LV u LT:	

[62] * Impenn dwar dan il-mod ta' provvista mhuwiex fattibbli.

	mill-obbligu EE, LV and LT: Imħollijin mill-obbligu, ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali	Imħollijin mill-obbligu EE u LT: Imħollijin mill-obbligu, ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali LV: L-ebda obbligu	
b) Servizzi ta' magazzinaġġ u ħżin (CPC 742) (barra minn dawk fil-portijiet)	1) Imħollijin mill-obbligu * 2) 3) CY, CZ, MT, LT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, MT, LT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	1) Imħollijin mill-obbligu * 2) 3) CY, CZ, MT, LT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, MT, LT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	
c) Aġenzija tat-trasport tal-merkanzija/Servizzi ta' l-ikkunsinjar tal-Merkanzija (CPC 748)	1) 2) 3) CY, CZ, HU, MT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, HU, MT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	1) CY, CZ, HU, MT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu SI: L-iżdoganar biss huwa suġġett għal-limitazzjoni għal persuna ġuridika stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja 2) CY, CZ, HU, MT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu 3) CY, CZ, HU, MT, PL, SK u SE: Imħollijin mill-obbligu SI: L-iżdoganar biss huwa suġġett għal-limitazzjoni għal persuna ġuridika stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, HU, MT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	

* Impenn dwar dan il-mod ta' provvista mhuwiex fattibbli.

Spezzjonijiet tal-merkanzija qabel il-ġarr fuq vapur (CPC 749[63] barra FI: CPC 7490 biss)	1) 2) 3) CY, CZ, HU, MT, PL, SE, SK: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, HU, MT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	1) 2) 3) CY, CZ, HU, MT, PL, SE, SK: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: CY, CZ, HU, MT, PL, SK: Imħollijin mill-obbligu	
I. <u>Servizzi oħrajn tat-trasport</u> (Servizz ta' Forniment ta' Trasport Imwaħħad)	1) Imħollijin mill-obbligu ħlief għall-FIN: L-ebda obbligu 2) CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu 3) L-ebda obbligu, mingħajr preġudizzu għal-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod tat-trasport ħlief fl-AT, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu.	1) Imħollijin mill-obbligu ħlief għall-FIN: L-ebda obbligu 2) CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu 3) L-ebda obbligu, mingħajr preġudizzu għal-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod tat-trasport ħlief fl-AT, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu 4) Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, SE, SI, SK: Imħollijin mill-obbligu.	

[63] Tindika li s-servizz speċifikat jikkostitwixxi biss parti mill-medda kollha ta' l-attivitajiet mill-konkordanza CPC.

Definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport marittimu

1. Mingħajr preġudizzju għall-iskop ta' l-attivitajiet ikkunsidrati bħala "kabotaġġ" skond il-leġislazzjoni relevanti nazzjonali, din l-iskeda ma tinkludix "servizzi ta' kabotaġġ marittimu", li wieħed jassumi għandhom ikopru t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port li jinsab fi Stat Membru u port ieħor dejjem fl-istess Stat Membru u traffiku li joriġina u jispiċċa fl-istess port lokalizzat fi Stat Membru dejjem jekk dan it-traffiku jibqa' fl-ibħra territorjali ta' dan l-Istat Membru.

2. "Forom oħrajn ta' preżenza kummerċjali għall-forniment ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali" ifisser il-ħila li fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, iwettqu lokalment l-attivitajiet kollha neċessarji sabiex ifornu l-klijenti tagħhom b'servizz ta' trasport parzjalment jew totalment integrat li fi ħdanu t-trasport marittimu huwa element sostanzjali. (Dan l-impenn m'għandux jiġi mifhum bl-ebda mid li qed jillimita l-impenni li jkunu ndaħlu għalihom skond is-sistema ta' kunsinna li taqsam il-fruntieri).

Dawn l-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex ristretti għal:

(a) markiting u bejgħ ta' trasport marittimu u servizzi relatati permezz ta' kuntatt dirett mal-klijenti, mill-istima sal-fattura, dawn is-servizzi jkunu dawk operati jew offruti mill-fornitur innifsu tas-servizz, jew minn fornituri tas-servizz li magħhom il-bejjiegħ ta' servizz stabilixxa arranġamenti kummerċjali li għadhom fis-seħħ;

(b) ksib, f'isimhom jew f'isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta' kull servizz ta' trasport jew servizz ieħor relatat, li jinkludi servizzi ta' trasport intern ta' kull xorta, b'mod partikolari minn kanali interni, fit-triq u bit-tren, li huwa neċessarju għall-fornimenti ta' servizzi integrati;

(ċ) preparazzjoni ta' dokukmenti li għandhom x'jaqsmu ma' dokumenti tat-trasport, dokumenti tad-dwana, jew kwalunkwe dokument li għandu x'jaqsam ma' l-oriġni u l-karattru tal-merkanzija trasportata;

(d) forniment ta' informazzjoni kummerċjali b'kull mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni kompjuterizzati u skambju ta' data elettronika (suġġetti għall-provvedimenti ta' dan il-Ftehim);

(e) twaqqif ta' arranġamenti kummerċjali (inkluż il-parteċipazzjoni fl-istokks ta' kumpanija) u l-ħatra tal-personàl magħżul lokalment (jew fil-każ ta' personàl barrani, skond l-obbligi orizzontali dwar ċaqliq tal-personàl) ma' kwalunkwe aġenzija stabbilita fil-ġarr tal-merkanzija bil-baħar;

(f) ħidma f'isem il-kumpaniji li qed jorganizzaw id-dħul f'port ta' bastiment jew it-teħid tal-kontroll tat-tagħbijiet merkanzija meta meħtieġ.

3. « Operaturi ta' trasport multimodali » jfisser il-persuna li f'isimha tinħareġ il-polza ta' kargu/dokument ta' trasport multimodali, jew kull dokument ieħor li juri kuntratt għat-trasport multimodali tal-merkanzija, u li hija responsabbli għat-trasport tal-merkanzija skond il-kuntratt ta' trasport.

Anness A

GLOSSARJU

TERMINI UŻATI GĦALL-ISTATI MEMBRI INDIVIDWALI

Franza

SC Société Civile
SCP Société Civile Professionnelle
SEL Société d'Exercice Libéral
SNC Société en Nom Collectif
SCS Société en Commandite Simple
SARL Société à Responsabilité Limitée
SCA Société en Commandite par Actions
SA Société Anonyme
N.B.: Toutes ces sociétés sont dotées de la personnalité morale

Il-Ġermanja

GmbH & CoKG Kommanditgesellschaft, bei der der persönlich haftende Gesellschafter eine GmbH (kumpanija bl-azzjonisti b'responsabbiltà limitata) ist.

EWIV Europäische Wirtschaftliche Interessenvereinigung (Iggruppjar ta' l-Interess Ekonomiku Ewropew -*European Economic Interest Grouping)*

L-Italja

SPA Società per Azioni (kumpanija bl-azzjonisti)
SRL Società a Responsabilità Limitata (kumpanija b'responsabbiltà limitata)

Fl-Italja, is-servizzi professjonali li ġejjin huma koperti mill-offerta ta' l-EC:

Ragionieri-periti commerciali	*Accountant* - awditur
Commercialisti	*Accountant* – awditur
Geometri	Servejers
Ingegneri	Inġiniera
Architetti	Arkitetti
Geologi	Ġeoloġi
Medici	Tobba
Farmacisti	Spiżjara
Psicologi	Psikologi
Veterinari	Veterinarji
Biologi	Bijoloġisti
Chimici	Kimiċi
Periti agrari	Periti agrarji
Agronomi	Agronomi
Attuari	Attwarji

ANNESS VI

(ANNESS VIII tal-ftehim li għalih hemm referenza f'Artikolu 120 ta' dan il-Ftehim)

SKEDA TA' OBBLIGI SPEĊIFIĊI

MINN SERVIZZI FINANZJARJI

PARTI A

SKEDA TAL-KOMUNITÀ

Nota ta' Introduzzjoni

1. L-obbligi speċifiċi msemmijin f'din l-iskeda japplikaw biss f'dawk it-territorji fejn it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità jistgħu jiġu applikati u taħt il-kondizzjonijiet imsemmijin f'dawn it-Trattati. Dawn l-obbligi japplikaw biss inkwantu għar-relazzjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-Istati Membri fuq in-naħa l-waħda, u fuq l-oħra l-pajjiżi li mhumiex imseħbin fil-Komunità. Ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' Stati Membri li jinqalgħu konsegwenza tal-liġi tal-Komunità.

2. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw sabiex jindikaw l-Istati Membri:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
FI	Il-Finlandja
EE	Il-Greċja
HU	L-Ungerija
IT	L-Italja
IE	L-Irlanda
LU	Il-Lussemburgu
LT	Il-Litwanja
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	L-Olanda
PT	Il-Portugall
PL	Il-Polonja
SE	L-Isvezja
SI	I-Islovenja
SK	L-Islovakkja
UK	Ir-Renju Unit

"Sussidjarju" ta' persuna legali jfisser persuna legali li effettivament hija kkontrollata minn persuna legali oħra.

"Fergħa" ta' persuna legali jfisser il-post fejn iseħħ il-kummerċ li m'għandux personalità legali li jagħti x'jifhem li hemm dehra ta' permanenza, bħall-estensjoni ta' organu prinċipali, u li għandu maniġment u li huwa mgħammar materjalment sabiex iwettaq il-kummerċ ma' terzi parti, biex dawn ta' l-aħħar, minkejja li jekk tinqala' n-neċessità jafu jkunu l-ħolqa legali ma' l-organu prinqipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra, m'għandhomx għalfejn ikollhom x'jaqsmu direttament ma' tali organu prinċipali iżda jistgħu jmexxu l-kummerċ minn dak il-post ta' kummerċ li jikkostitwixxi estensjoni.

I. KUMMENTI ORIZZONTALI			
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA			
	3) Fl-Istati Membri kollha [1] dawk is-servizzi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġett għall-monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtijin lil operaturi privati[2].	3) a) It-trattament, akkordat lis-sussidjarji (ta' kumpaniji Ċileni) li ġew iffurmati skond il-liġi ta' Membru Stat u li għandhom uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali ta' kummerċ fi ħdan Stat Membru, ma jiġix estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpanija Ċilena. Madanakollu, dan m'għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpanija jew ditta Ċilena rigward l-operat tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita mill-liġi tal-Komunità.	
		b) Trattament inqas favorevoli jista' jiġi akkordat lis-sussidjarji (ta' kumpaniji Ċileni) imwaqqfin skond il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom biss uffiċċju rreġistrat jew amministrazzjoni ċentrali fit-territorju tal-Komunità, sakemm ma jurux li għandhom kuntatt effettiv u kontinwu ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.	
	HU: Preżenza kummerċjali trid tieħu l-għamla ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, kumpanija bl-azzjonisti, jew uffiċċju rappreżentattiv.	**<u>Holqien ta' Entità Legali</u>**	

[1] Fil-każ ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, ma ttieħder l-ebda riżerva orizzontali għal servizzi meqjusa bħala ta' utilità pubblika.

[2] Nota ta' spjegazzjoni: Is-servizzi ta' utilità pubblika jeżistu f'setturi bħal ma huma servizzi ta' konsultazzjoni xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-traport u servizzi awżiljari għal kull mod ta' traport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn huma spiss mogħtija lil operaturi privati, per eżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika kemm-il draba jeżistu fuq livell sub-ċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv mhuwiex prattiku.

		3) SE: Kumpanija b'responsabbiltà limitata (Kumnpanija bl-azzjonisti) tista' tiġi stabbilita minn wieħed jew minn ħafna fundaturi. Parti fundatriċi trid jew tirresjedi fl-ambitu taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew trid tkun entità legali fi ħdan l-istess ŻEE. Soċjetà kummerċjali tista' titqies bħala parti fondatriċi jekk kull sieħeb jirresjedi fi ħdan iż-ŻEE[1]. Kondizzjonijiet simili jridu jitwettqu sabiex jiġu stabbiliti tipi oħrajn ta' entitajiet legali.	
	Liġi dwar Fergħat ta' Kumpaniji Barranin 3) SE: Kumpanija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Isvezja) topera l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Isvezja b'maniġment indipendenti u żamma tal-kotba separata. SE: Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mill-kondizzjonijiet li jeħtieġu fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentattiv residenti.	**Liġi dwar Fergħat ta' Kumpaniji Barranin** 3) SE: Id-direttur maniġerjali u ta' l-anqas 50% tal-membri tal-bord iridu jkunu residenti fi ħdan l-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) SE: Id-direttur maniġerjali ta' fergħa jrid ikun residenti fi ħdan iż--ŻEE[2]. SE: Ċittadini barranin jew Svediżi li mhumiex residenti fl-Isvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali jridu jappuntaw u jirreġistraw rappreżentant reponsabbli għal tali attivitajiet ma' l-awtorità lokali. SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkondizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' oriġni għal ta' l-anqas sena.	

[1] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġijiet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

[2] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġijiet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

	<u>Entitajiet Legali</u>: 3) FI: L-akkwist ta' ishma minn propjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew bi qligħ totali ta' iżjed minn 1000 miljun markka Finlandiża jew b'total tal-karta tal-bilanċ ta' iżjed minn 167 miljun Euros) hija suġġetta għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma taf tkun miċħuda jekk element ta' interess nazzjonali jkun fil-periklu. FI: Ta' l-inqas nofs il-fundaturi ta' kumpanija limitata jridu jkunu residenti jew ġewwa l-Finlandja jew ġewwa wieħed mill-pajjiżi li jinsabu fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea). Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpaniji. PL: L-organizzazzjoni kemmerċjali min-naħa ta' forniturі barranin tista' tieħu l-forma ta' soċjetà limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata jew kumpanija bl-azzjonisti.	FI: Barrani li jgħix barra ż-Żona Ekonomika Ewrpea u jkompli bil-kummerċ bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'kumpanija limitata Finlandiża jew soċjetà ġenerali, għandu bżonn permess kummerċjali. Jekk organizzazjoni barranija jew fondazzjoni li hija bbażata barra ż-Żona Ekonomika Ewrpea tixtieq tagħmel kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, trid tagħmel dan billi takkwista permess kummerċjali. FI: Jinħtieġ permess jekk ta' l-anqas nofs il-membri tal-Bord jew id-Direttur Maniġerjali huma residenti barra ż-Żona Ekonomika Ewropea. Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpaniji. SK: Persuna naturali barranija li l-isem tagħha jidher fir-Reġistru Kummerċjali u tagħmilha ta' persuna awtorizzata li taġixxi f'isem intraprenditur, trid tforni permess ta' residenza fl-Islovakkja.	
	<u>Bejgħ ta' beni immobbli</u>: DK: Limitazzjonijiet fl-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet li ma jkunux residenti naturali u legali. Limitazzjonijiet fix-xiri ta' art agrikola minn entitajiet naturali u legali. EL: Skond Liġi Nu. 1892/89 biex ċittadin jakkwista biċċa art f'żoni ħdejn il-fruntieri, jinħtieġ permess mill-Ministru	**<u>Bejgħ ta' beni immobbli</u>:** AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll l-kiri u l-kiri fit-tul ta' beni immobbli minn persuni naturali barranin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjunali (Länder) li jridu jaraw jekk l-interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali l-importanti jkunux affettwati jew le.	

[1] SI: Skond il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja mhix meqjusa bħala persuna ġuridika, iżda f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-operat tagħhom, it-trattament tagħhom huwa daqs dak ta' sussidjarja.

	tad-Difiża. Skond prassi amministrattiva fejn hemm investiment dirett, il-permess jingħata bla diffikultà. CY: Imħolli mill-obbligu. HU: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' beni immobbli tal-gvern. LT: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi u naturali. MT: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' beni immobbli. LV: Imħollija mill-obbligu inkwantu l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għall-perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena. PL: Imħollija mill-obbligu inkwantu l-akkwist ta' propjetà tal-gvern, jiġifieri, ir-regolamenti li jiggvernaw il-proċess ta' privatizzazzjoni. (għal mod 3). SI: Persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Islovenja bil-parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jakkwistaw beni immobbli fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja. Fergħat[1] stabbiliti fir-Repubblika minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli, iżda mhux art, li jitqiesu neċessarji għat-twettiq ta' l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom kienu stabbiliti. Il-pussess ta' beni immobbli f'raġġ ta' 10 km mill-fruntieri minn kumpaniji li l-parti l-kbira tal-kapital tagħhom jew drittijiet għall-vot jappartjenu direttament jew indirettament lil persuni ġuridiċi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor, huwa suġġett għal permess speċjali. SK: L-ebda obbligu ħlief għall-art (għal modi 3 u 4)	IE: Kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni ta' l-Artijiiet huwa neċessarju għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn nies barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux industrija agrarja), din il-kondizzjoni tkun irtirata suġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru ta' l-Intrapriża u l-Impjieġ. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' f'żoni ħdejn l-ibliet. CZ: Limitazzjonijiet fl-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Ċeki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'intrapriżi bejn tnejn jew aktar. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. HU: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' beni immobbli minn persuni naturali barranin. LV: Imħollija mill-obbligu inkwantu l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għall-perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena. PL: L-akkwist ta' beni immobbli, b'mod dirett jew indirett, minn barranin u minn persuni legali barranin, jeħtieġ permess. SK: Limitazzjonijiet fl-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Slovakki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'intrapriżi bejn tnejn jew aktar. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. (għal modi 3 u 4).	
		IT: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' beni	

		immobbli. FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni naturali li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni legali, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gżejjer. FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt għat-twaqqif u fuq d-dritt li jingħataw servizzi minn persuni naturali li ma jgawdux miċ-ċittdinanza reġjonali ta' Åland, jew minn kwalunkwe persuna legali, mingħajr il-permess ta' l-awroeritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.	
	Investimenti: FR: Xiri barrani li jaqbeż it-33.33 fil-mija ta' l-ishma tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f'intrapriżi Franċiżi eżistenti, jew l-20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati fil-Borża, huma suġġetti għall-kondizzjoni li ġejja: - wara perjodu ta' xahar min-notifika mwassla qabel, tingħata l-awtorizzazzjoni b'mod taċitu sakemm il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt li jiddeferi l-investiment. FR: Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji pprivatizzati dan l-aħħar jistgħu jkunu limitati għal ammont li jvarja ta' kapital offrut mill-pubbliku, u jkun determinat mill-gvern	**Investimenti:** CY: Entitajiet li għandhom parteċipazzjoni barranija jrid ikollhom kapital maħruġ li jaqbel mal-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom u dawk li mhumiex residenti jridu jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom permezz tad-dħul ta' valuta barranija. Jekk il-parteċipazzjoni ta' dawk mhux residenti jaqbeż it-22 fil-mija, finanzjament aġġuntiv għal ħtiġijiet tal-kapital ċirkolanti li wieħed jaħdem bih jew affarijiet oħrajn, irid jinġabar minn sorsi lokali u barranin dejjem in proporzjon mal-	

[1] Attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali għandhom x'jaqsmu ma' setturi bħal servizzi ta' negozju oħra, bini, distribuzzjoni u servizzi ta' turiżmu. Mhumiex marbuta mas-servizzi finanzjarji jew ta' telekomunikazzjoni..

	Franċiż skond il-każ ES: Investiment fi Spanja minn entitajiet ta' gvernijiet barranin u entitajiet pubbliċi barranin (li jaf ifisser, minbarra interessi ekonomiċi jkun hemm ukoll interessi li mhumiex ekonomiċi inkwantu l-parti ta' l-entità), b'mod dirett jew permezz ta' kumpaniji jew entitajiet oħrajn ikkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-gvern. PT: Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji pprivatizzati dan l-aħħar jistgħu jkunu limitati għal ammont li jvarja ta' kapital offrut mill-pubbliku, u jkun determinat mill-gvern Portugiż skond il-każ IT: Drittijiet esklużivi jistgħu jingħataw jew jinżammu f' kumpanija pprivatizzata dan l-aħħar. Id-drittijiwet għall-vot f'ċerti kumpaniji pprivatizzati dan l-aħħar jafu jkunu risttretti f'ċerti każi. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' investimenti ta' kapital ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija jista' jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-Ministeru tat-Teżor. FR: Biex wieħed ikompli f'ċerti [1] attivitajiet kummerċjali, industrijali u ta' artiġjanat, hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali m'għandux f'idejh permess ta' residenza permanenti.	parteċipazzjoni ta' residenti u mhumiex fil-kapital ta' l-entità. Fil-każ ta' fergħat ta' kumpaniji barranin, il-kapital kollu għall-investiment tal-bidu jrid jiġi minn sorsi barranin. Is-self minn sorsi lokali huwa permess biss wara l-implimentazzjoni inizjali tal-proġett, sabiex ikun iffinanzjat il-kapital ċirkolanti. HU: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' propjetajiet f'idejn il-gvern. LT: Investimenti fl-organizzazzjoni ta' lotteriji huma pprojbiti skond il-liġi dwar Investiment ta' Kapital Barrani. MT: Kumpaniji li għandhom il-parteċipazzjoni ta' persuni legali u naturali mhux residenti, huma suġġetti għall-istess ħtieġa ta' kapital li jkun applikat lill-kumpaniji li s-sidien tagħhom huma residenti skond kif ġrej: kumpaniji privati – Lm500 (b'minimu ta' kapital maħruġ tal-20%); kumpaniji pubbliċi – Lm20000 (b'minimu ta' kapital maħruġ tal-25%). Il-perċentwali tas-sehem fil-kapital ta' min mhux residenti jrid jkun imħallas minn fondi li jiġu minn barra.	
	CY: Jeħtieġ il-permess tal-Bank Ċentrali għall-parteċipazzjoni ta' min mhux resident f'assoċjazzjoni jew soċjetà f'Ċipru. Il-parteċipazzjoni barranija fis-setturi/subartikoli li hemm inklużi fl-Iskeda ta' l-Obbligi tkun limitata normalment sad-49%. Id-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet li jikkonċedu l-permess għall-parteċipazzjoni barranija hija bbażata fuq test tal-		

	ħtiġijiet ekonomiċi, li għalih soltu jintużaw dawn il-kriterji li ġejjin: a) Il-forniment ta' servizzi li huma ġodda għal Ċipru b) Il-promozzjoni ta' l-ekonomija li hi orjentata lejn l-esportazzjoni flimkien ma' l-iżvilupp tas-swieq eżistenti u ta' dawk ġodda c) It-trsferiment ta' teknoloġija moderna, kapaċità u teknika maniġerjali ġdida d) it-titjib jew ta' l-istruttura produttiva ta' l-ekonomija jew fil-kwalità tal-prodotti u s-servizzi eżistenti e) L-impatt komplementari fuq unitajiet jew attivitajiet eżistenti f) Il-vijabilità ta' proġett għall-konsiderazzjoni g) Il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol għal xjenzjati, u t-titjib kwalitattiv fit-taħriġ ta' staff lokali F'każi eċċezzjonali, fejn l-investiment suġġerit jissodisfa ħafna mill-kriterji tat-test għall-ħtiġijiet ekonomiċi b'mod sodisfaċenti, jista' jingħata l-permess għall-parteċipazzjoni li jaqbeż id-49 fil-mija. F'każ ta' kumpanija pubblika, parteċipazzjoni barranija fil-kapital normalment jitħalla sa 30 fil-mija. Fil-każ ta' korporazzjonijiet li jinvestu ordinarjament f'titoli diversifikati (*Mutual Funds)* sidien barranin jingħataw		

	sa 40 fil-mija. Assoċjazzjonijiet iridu jkunu reġistrati skond il-Liġi tal-Kumpaniji. L-istess Liġi tirrekjedi li kumpanija barranija li tixtieq twaqqaf post ta' kummerċ jew uffiċċju f'Ċipru, trid tirreġistraha bħala fergħa barranija. Rigward ir-reġistrazzjoni jrid ikun hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali skond il-Liġi tal-Kontroll tal-Kambju. Tali approvazzjoni hija suġġetta għall-politika ta' investiment applikabbli f'dak il-mument rigward l-attivitajiet ippjanati mill-Assoċjazzjoni f'Ċipru u l-kriterji ġenerali għall-investiment imsemmijin hawn fuq HU: Imħollija mill-obbligu għall-akkwist ta' proprjetà f'idejn l-Istat. MT: Il-Liġi tal-Kumpaniji (Kap.386) li tirregola l-forniment ta' servizzi min-naħa ta' dawk li mhumiex residenti permezz tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija lokali u l-Att dwar Transazzjonijiet Barranin (Kap 233) li jirregola l-ħruġ, l-akkwist, il-bejgħ u r-redenzjoni ta' titoli ta' sigurtà li mhumiex imniżżlin fil-borża ta' Malta, jibqgħu japplikaw. PL: Tinħtieġ l-awtorizzazzjoni għat-twaqqif ta' kumpanija b'kapital barrani fil-każ ta': - it-twaqqif ta' kumpanija, ix-xiri jew l-akkwist ta' l-ishma ta' kumpanija eżistenti, u t-tiżjied ta' l-attività tal-kumpanija meta l-għan ta' l-attività jħaddan ta' l-anqas wieħed minn dawn li ġejjin: - il-maniġment ta' portijiet u ajruportijiet; - L-involviment f'beni immobbli jew l-aġir bħala intermedjarju f'transazzjonijiet li jinvolvu beni		

	immobbli; - il-forniment lill-industrija tad-difiża li mhuwiex kopert minn kondizzjonmijiet oħrajn għall-liċenzjar; - il-kummerċ fil-bejgħ bl-ingrossa ta' oġġetti tal-konsum; - il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza legali. - it-twaqqif ta' assoċjazzjoni b'kapital barrani fejn il-parti Pollakka hija persuna legali ta' l-istat u li qiegħda tikkontribwixxi beni mhux relatati ma' flus bħala kapital inizzjali; - l-arranġament ta' kuntratt li jinkludi d-dritt għall-uża għal aktar minn 6 xhur ta' proprjetà ta' l-istat jew id-deċiżjoni li tali proprjetà tkun akkwistata. SI: Għal dawk li huma servizzi finanzjarji, jinħareġ il-permess mill-awtoritajiet indikati fl-obbligi f'setturi speċifiċi u skond il-kondizzjonijiet indikati mill-obbligi f'setturi speċifiċi. Mhemmx limitazzjonijiet rigward it-twaqqif ta' entità kummerċjali ġdida (magħrufin bħala investimenti f'ambjenti ġodda (*"greenfield" investments*).		
		<u>Sussidji</u> L-eliġibilità għas-sussidji mill-Komunità jew l-Istati Membri tista' tkun limitata għal persuni legali stabbiliti fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru jew sub-diviżjoni ġeografika partikolari ta' dan. Imħolli mill-obbligu rigward sussidji għar-riċerka u l-iżvilupp. Imħolli mill-obbligu rigward fergħat	

		stabbiliti fi Stat Membru minn kumpanija ‘l barra mill-Komunità. Il-forniment ta’ servizz, jew is-sussidjar ta’ l-istess, fi ħdan is-settur pubbliku mhuwiex ksur ta’ dan l-obbligu. L-obbligi meħudin f’din l-iskeda ma jitolbux li l-Komunità jew l-Istati Membri joffru sussidju ‘l barra mit-territorju tagħha. Sal-punt li s-sussidji li persuni naturali jistgħu jużaw jafu jkunu limitati għaċ-ċittadini ta' Stat Membru.	
	Sistema tal-Kambju tal-flus[12]***,***[13]***,***[14]***:*** 1), 2) SK: Fir-rigward ta’ pagamenti kurrenti, il-limitazzjoni dwar l-akkwist ta’ flus barranin minn residenti nazzjonali għal skopijiet personali. Fir-rigward ta’ pagamenti kapitali, l-awtorizzazzjoni għall-	***Sistema tal-Kambju tal-flus***[15] 4) CY: Taħt il-Liġi tal-kontroll tal-kambju, ir-residenti barranin ma jitħallewx normalment jissellfu minn sorsi lokali	

12 CZ: Sistema tal-kontroll tal-kambju tal-flus barranin mhux diskriminatorja tapplika u tikkonsisti fi:
a) il-limitazzjoni fuq l-akkwist ta’ flus barranin minn ċittadini residenti għall-użu personali,
b) l-awtorizzazzjoni għal-kambju ta’ flus barranin fil-każ ta’ residenti Ċeki għall-aċċettazzjoni ta’ krediti finanzarji minn ċittadini barranin, l-investimet kapitali dirett barra l-pajjiż, l-akkwist ta’ beni immobiljari barra l-pajjiż u x-xiri ta’ titoli barranin.

13 PL: M’hemmx sistema mhux diskriminatorja tal-kontroll tal-kambju dwar il-limitazzjonijiet fil-kambju ta’ l-ammont ta’ flus barranin u fis-sistema ta’ permessi għall-kambju (ġenerali u individwali) fost limitazzjonijiet oħra ta’ flussi kapitali u pagamenti bi flus barranin. It-tranżazzjonijiet bi flus barranin li ġejjin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni:
- it-trasferiment ta’ flus barranin barra l-pajjiż;
- it-trasferiment tal-munita Pollakka għall-pajjiż;
- it-trasferiment tal-pusses tad-dritt tal-assi monetarji bejn persuni lokali u barranin;
- l-għoti u t-teħid ta’ self u krediti minn persuni lokali involuti fi tranżazzjonijiet b’muniti barranin;
- l-affermazzjoni u t-twettiq ta’ pagamenti f’muniti barranin fil-Polinja għal oġġetti akwiżiti, beni immobiljari, drittijiet ta’ pussess, servizzi u xogħol;
- il-ftuħ u l-pussess ta’ kont bankarju f’banek barra l-pajjiż;
- l-akkwist u t-tiżmim ta’ titoli barranin u l-akkwist ta’ beni immobiljari barra l-pajjiż;
- it-teħid ta’ impenji oħrajn barra l-pajjiż li jkollhom l-istess effett..

14 SK: Is-sitwazzjonijiet qegħdin jitniżżlu għal raġunijiet ta’ trasparenza.

15 PL: In-nota taħt l-aċċess għas-suq tapplika ukoll għat-trattament nazzjonali.

	kambju meħtieġa biex jiġu aċċettati l-krediti finanzjarji minn persuni barranin, l-investimenti kapitali diretti barra mill-pajjiż, l-akkwist ta' beni immobbiljari barra mill-pajjiż u x-xiri ta' titoli barranin.		
	4) Imħolli mill-obbligu ħlief għal dawk il-miżuri li jirrigwardaw id-dħul u l-waqfa temporanja fi Stat Membru mingħajr ma jikkonformaw mat-test tal-bżonnijiet finanzjarji, ta' dawn il-kategoriji ta' persuni fiżiċi li ġejjin li jipprovdu dawn is-servizzi:	4) Mħolli mill-obbligu ħlief għal dawk il-miżuri li jirrigwardaw il-kategoriji ta' persuni fiżiċi msemmija fil-kolonna ta' l-Aċċess għas-Suq.	

	i) il-preżenza temporanja, bħala riżultat tat-trasferiment ta' persuna[1] minn parti tal-kumpanija għal oħra, ta' persuni fiżiċi f'dawn il-kategoriji li ġejjin, bil-kondizzjoni li l-fornitur tas-servizz tkun enti legali u li l-persuni konċernati kienu impjegati minnha jew kienu sħab fiha (u mhux bħala azzjonisti maġġoritarji), għal mill-inqas sena qabel it-trasferiment:	Id-direttivi komunitarji dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi ma japplikawx għal ċitttadini ta' pajjiżi terzi. Dan ir-rikonoxximent tad-diplomi, li jenħtieġ biex ċittadini mhux komunitarji jkunu jistgħu jagħtu is-servizzi professjonali regolati tagħhom, tibqa' l-prerogattiva ta' l-Istat Membru individwali, sakemm ma tobbligax mod ieħor il-liġi komunitarja. Id-dritt li xi ħadd jista' jkollu biex jagħti servizz professjonali regolat f'xi wieħed mill-Istati Membri ma jġorrx miegħu dritt awtomatiku li jkun jista' jagħmel hekk fi Stat Membru ieħor.	
	a) Il-persuni mlaħħqa f'enti legali, li xogħolhom ikun fit-tmexxija diretta ta' l-istabbiliment, u li jkunu ssorveljati jew diretti primarjament mill-bord tad-direttur jew azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tiegħu, li jinkludu: - it-tmexxija ta' l-istabbiliment jew ta' dipartiment jew sottodiviżjoni ta' l-istabbiliment; - is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol ta' ħaddiema li jissorveljaw impjegati oħra u ħaddiema professjonali u maniġerjali; - li jkollhom l-awtorità personali li jimpjegaw u jkeċċu l-ħaddiema jew li jirrakkomandaw ħaddiema għall-imjpieg, it-tkeċċija ta' ħaddiema u azzjonijiet oħra li jirrigwardaw il-personal.	**<u>Kondizzjonijiet meħtieġa għal permess tar-residenza</u>** AT: Id-direttur maniġerjali tal-fergħat u ta' l-enti legali jridu jkuni residenti fl-Awstrija, il-persuni fiżiċi li jkollhom ir-responsabbiltà f'enti legali jew f'fergħa biex jaraw li l-Liġi Awstrijaka dwar il-Kummerċ tiġi osservata jridu jkunu residenti fl-Awstrija. MT: Ir-regolamenti ta' l-immigrazzjoni taħt il-Liġi ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217) tirregola il-ħruġ ta' permessi u dokumenti li għandhom x'jaqsmu mar-residenza.	
	b) Dawk il-persuni li jkunu jaħdmu f'enti legali u li jkollhom l-għerf mhux komuni li jkun essenzjali f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizz mogħti mill-istabbiliment, mat-tagħmir għar-riċerka, ma' tekniki parikolari jew		

[11] "Persuna trasferita fl-istess kumpanija" hija definita bħala persuna fiżika impjegata ma' enti legali, li mhix organizzazzjoni li ma tagħmilx profit, stabbilita fit-territorju taċ-Ċilì, u li tkun ġiet trasferita temporanjament fil-kuntest tal-forniment ta' servizz permezz tal-preżenza kummerċjali fit-territorju ta' Stat Membru; l-enti legali konċernati irid ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju taċ-Ċilì u t-trasferiment irid ikun għal stabbiliment (uffiċċju, fergħa jew kumpanija sussidjarja) ta' dik l-enti legali, u effettivament tipprovdi servizz fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika it-Trattat tal-KE.

	amministrazzjoni. Meta ssir valutazzjoni ta' dan l-għerf, irid jitqies mhux biss l-għerf speċifiku meħtieġ mill-istabbiliment, imma wkoll jekk il-persuna għandhiex kwalifiki għoljin li jgħoddu għat-tip ta' xogħol jew sengħa li jeħtieġu dan l-għerf tekniku speċifiku, kif ukoll jekk il-persuna tkunx membru ta' professjoni akkreditata.		
	ii) il-preżenza għal żmien qasir tal-persuni fiżiċi li jaqgħu f'dawn il-kategoriji li ġejjin:		
	a) Il-persuni li mhumiex residenti fit-territorju ta' l-Istat Membru li għalih japplikaw it-trattati ta' KE, u li jirrappreżentaw fornitur ta' servizz u li jkunu jridu jidħlu fil-pajjiż temporanjament bl-skop li jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew biex jagħmlu kuntratti għall-bejgħ ta' servizzi f'isem dak il-fornitur, fil-każ li dawn ir-rappreżentanti ma jbigħux direttament lill-pubbliku jew li jforni s-servizzi għan-nom tagħhom infushom (b'żieda, għal EE, HU, LV, SI: jew f'isimhom stess jirċievu ħlas minn sors li jkun jinstab fil-Istat Membru konċernat).		
	b) Il-persuni ta' mlaħħqa, kif imsemmi f'i) a) aktar 'il fuq, f'enti legali, responsabbli biex jistabbilixxu preżenza ta' fornitur ta' servizz miċ-Ċilì fi Stat Membru, meta:		
	- ir-rappreżentanti ma jkunux imdaħħla f'bejgħ dirett jew forniment ta' servizzi (b'żieda għal EE, HU, LV, SI: jew f'isimhom stess jirċievu ħlas minn sors li jinstab fil-Istat Membru konċernat), u		
	- il-fornitur tas-servizz għandu l-post prinċipali tan-negożju tiegħu fit-territorju taċ-Ċilì u ma jkollux rappreżentant, uffiċċju, fergħa jew negozju sussidjarju ieħor f'dak l-Istat Membru.		
	FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kummerċjali jew artiġġjanali, jekk m'għandux permess tar-residenza, ikollu bżonn awtorizzazzjoni speċifika.		
	IT: L-aċċess għall-attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġġjanali ikun suġġett għal permess tar-residenza u l-awtorizzazzjoni speċifika biex issir dik l-attività.		

II.1. OBBLIGI FIS-SETTUR TAS-SERVIZZI FINANZJARJI (l-ewwel parti) [1]

1. Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, CZ, DK, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, NL, PT, SK, S, UK) taċċetta l-obbligi fis-Servizzi Finazjarji skond il-provvedimenti li jinstabu fil-parti "Biex jiftiehmu l-Obbligi fis-Servizzi Finanzjarji" mehmuża (imsejħa "Il-Ftehim"). Dawn l-obbligi jinstabu fis-sezzjoni li jmiss. L-obbligi fis-Servizzi Finazjarji tal-pajjiżi l-oħra tal-KE (CY, EE, LV, LT, MT, PL, SI) mhumiex ibbażati fuq "Il-Ftehim" u qegħdin fit-tieni parti.

2. Dawn l-obbligi huma suġġetti għal-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali fil-parti "Is-Setturi Kollha" ta' din l-iskeda u ta' dawk li jirrigwardaw is-sottosetturi msemmija aktar 'l isfel.

3. L-obbligi fl-aċċess għas-suq b'referenza għal modi (1) u (2) japplikaw biss fil-każ tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi B.3 u B.4 tal-parti dwar l-aċċess għas-suq ta' "Il-Ftehim", rispettivament, ħlief għall-Ungerija, li għaliha japplikaw biss għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi B.3 (a) u (b) u B.4 (a) u (b) rispettivament.

4. Minkejja n-nota 1 ta' hawn fuq, l-obbligi fl-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali b'refernza għal mod (4) dwar is-servizzi finanzjarji huma dawk li jinstabu fil-parti "Is-Setturi Kollha" ta' din l-iskeda, ħlief għar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka u l-Isvezja, li fil-każ tagħhom, l-obbligi jsiru skond "Il-Ftehim"

5. L-awtorizzazzjoni biex jidħlu fis-suq servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda tist' tkunu suġġetti għall-eżistenza, u b'konformità ma', qafas regolatorju bl-iskop li jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 121.

6. Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, l-istituzzjonijiet finanzjarji f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità li jkunu inkorporati, iridu jadottaw forma legali speċifika.

7. HU: L-assigurazzjoni, is-servizzi bankarji, it-titoli u l-maniġment tas-servizzi ta' l-investiment kollettiv għandhom jiġu provduti minn fornituri ta' servizzi finanzjarji li jkunu legalment separati u kapitalizzati independentement, għalkemm il-banek jistgħu jiġu awtorizzati biex jipprovdu servizzi fis-settur tat-titoli wkoll.

[1] B'kuntrast mal-kumpaniji sussidjarji barranin, il-fergħat imwaqqfa direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja Ċilena mhumiex, ħlief għal xi eċċezzjonijiet limitati, suġġetti għar-regolamenti ta' prudenza armonizzati fuq livell Komunitarju li jgħinu lis-sussidjarji jibbenefikaw minn faċiltajiet aħjar biex iwaqqfu stabbilimenti ġodda u biex jipprovdu servizzi f'pajjiżi oħra fil-Komunità kollha. Għaldqstant, dawn il-fergħat jirċievu l-awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji lokali ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa biex jissoddisfaw numru ta' kondizzjonijiet speċifiċi ta' prudenza bħal fil-każ tas-servizzi bankarji jew tat-titoli, tal-kapitalizzazzjoni separata, u tal-ħtiġijiet ta' likwidità, u tar-rapport u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet, jew fil-każ ta' l-assigurazzjoni, il-garanzia speċifika u l-kondizzjonijiet meħtieġa għad-depożiti, il-kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru konċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-inqas terz tal-marġini tal-likwidità. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-restrizzjonijiet indikati f'din l-iskeda biss fir-regward tat-twaqqif dirett miċ-Ċilì ta' preżenza kummerċjali, jew tal-forniment ta' servizzi lill-pajjiżi oħra miċ-Ċilì; għaldaqstant, Stat Membru ma jistax japplika dawn ir-restrizzjonijiet, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif tal-preżenza, għal sussidjarji Ċileni mwaqqfa fi Stati Membri oħra tal-Komunità, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ma jiġux applikati għall-kumpaniji jew ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra skond il-liġi Komunitarja.

8. HU: Hemm l-intenzjoni li l-fergħat diretti jintrabtu ġaladarba jkunu marbuta bil-GATS, u bil-kondizzjonijiet li hemm fih.It is intended to bind direct branching once it is bound in the GATS, and under the conditions set therein.
9. HU:Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja irid jinkludi mill-inqas żewġ membri, li jkunu ċittadini Ungeriżi, li jkunu resident fis-sens tar-regolamenti dwar il-kambju u li kienu residenti permanenti fl-Ungerija għal mill-inqas sena.

A. <u>L-Assigurazzjoni u s-Servizzi marbuta magħha</u> 1. CZ: L-assigurazzjoni tal-vetturi obbligatorja b'responsabbiltà għal terzi persuni trid tkun provduta minn fornitur esklussiv[1]. L-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja trid tkun provduta minn forniturі Ċeki awtorizzati biss. 2. SK: Dawn is-servizzi ta' l-assigurazzjoni jkunu provduti minn forniturі esklussivi: l-assigurazzjoni tal-vetturi obbligatorja b'responsabbiltà għal terzi persuni, l-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru, l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' min iħaddem kontra l-korriment u mard ikkaġunat mix-xogħol iridu jiġu provduti mill-Kumpanija Slovakka ta' l-Assigurazzjoni. L-assigurazzjoni bażika tas-saħħa tingħata biss minn dawk il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni Slovakki li jkollhom liċenzja biex jipporvdu l-assigurazzjoni tas-saħħa maħruġa mill-Ministeru tal-Saħħa u l-Kura skond l-Att 273/1994 Koll. tal-Liġijiet. L-iskemi ta' l-assigurazzjoni għall-fondi tal-pensjonijiet u l-assigurazzjoni kontra l-mard jiġu provduti biss mill-Kumpanija għall-Assigurazzjoni Soċjali.			
	1) AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpanija sussidjarja mhix stabbilita fil-Komunità jew fergħa mhix stabilita fl-Awstrija (ħlief għar-rijassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti. AT: L-assigurazzjoni għat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn kumpanija sussidjarja stabbilita fil-Komunità jew fergħa stabbilita fl-Awstrija. CZ: Xejn aktar ħlief: Il-forniturі barranin tas-servizzi finanzjarji jistgħu jistabbilixxu kumpanija ta' l-assigurazzjoni bis-sede tagħha fir-Repubblika Ċeka bħala kumpanija azzjonarja jew jistgħu jagħtu servizz ta' assigurazzjoni permezz tal-fergħat tagħhom u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblica Ċeka skond il-kondizzjonijiet li jinstabu fl-Att dwar l-Industrija ta' l-Assigurazzjoni.	1) AT: It-taxxa għola fuq il-primjums trid titħallas għal kuntratti ta' l-assigurazzjoni (ħlief għall-kuntratti tar-rijassigurazzjoni u tar-retroċessjoni) li jsiru minn sussidjarja li ma jkollhiex preżenza stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Eżenzjoni minn din it-taxxa għola tista' tingħata.	Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) taċċetta l-obbligi miżjuda kif jinstabu fl-"Obbligi miżjuda aċċettati minn uħud mill-pajjiżi tal-KE" mehmuża. (

[1] CZ: Meta d-drittijiet monopolistiċi li jirrigwardaw l-assigurazzjoni obbligatorja tal-vetturi tar-responsabbiltà għal terzi persuni jitneħħew, il-forniment ta' dan is-servizz ikun miftuħ fuq bażi mhux diskriminatorja għall-forniturі Ċeki tas-servizzi .

	Il-preżenza kummerċjali u l-awtorizzazzjoni huma meħtieġa għal fornitur tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni:: - biex jipprovdi dawn is-servizzi inkluża r-re-assigurazzjoni, u - biex jagħmel kuntratti ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju li jwasslu biex isiru kuntratti ta' l-assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni u terzi persuni.		
	L-intermedijarju jrid ikollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi provduta l-intermedjazzjoni għal fergħa bl-uffiċċju reġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka.		
	DK: L-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn ditti bi preżenza stabbiliti fil-Komunità. DK: L-ebda persuna jew kumpanija (inklużi l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni) għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, ma jistgħu jagħtu sehemhom biex jiġi provdut direttament servizz ta' l-assigurazzjoni għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi, jew għal propjetà fid-Danimarka, ħlief għal dawk il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni li tinħarġilhom liċenzja skond il-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.		
	DE: Il-poloz ta' l-assigurazzjoni obbilgatorja għat-trasport bl-ajru jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpanija sussidjarja stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.		
	DE: Jekk kumpanija ta' l-assigurazzjoni tkun stabbilixxiet fergħa fil-Ġermanja, tista' tagħmel kuntratti ta' l-assigurazzjoni għat-trasport bl-ajru fil-Ġermanja biss		

	permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja. IT: Mħolli mill-obbligu għall-professjoni attwarjali. FI: L-assiguraturi li jkollhom is-sede tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea biss jew fergħa fil-Finlandja jistgħu jagħtu servizz ta' l-assiguirazzjoni kif imsemmi fis-sottoparagrafu 3 (a) ta' "Il-Ftehim"..		
	FI: Il-provvista tas-servizzi minn sensara ta' l-assigurazzjoni tiddependi minn jekk is-sensara jkollhomx post permanenti għan-negozju tagħhom fiż-Zona Ekonomika Ewropea.. FR: L-assigurazzjoni kontra r-riskji fil-każ tat-trasport fuq l-art tista' tiġi provduta biss minn ditti ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.		
	IT: L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala talin u l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja. SK: Il-preżenża kummerċjali fil-pajjiż hija meħtieġa għall-provvista ta': - l-assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' persuni li huma residenti permanenti fir-Repubblika Slovakka; - l-assigurazzjoni tal-propjetà fit-territorju tar-Repubblika Slovakka; - l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà fil-każ ta' telf jew ħsarat ikkaġunati mill-attività ta' persuni fiżiċi		

	u persuni ġuridiċi fit-territorju tar-Repubblika Slovakka; - l-assigurazzjoni għat-trasport bl-ajru u l-assigurazzjoni marittima, li jkopru l-merkanzija, l-inġenji ta' l-ajru, l-korpi tal-basimenti u r-responsabbiltà. SE: Il-forniment dirett ta' l-assigurazzjoni jitħalla biss permezz ta' fornitur ta' servizz ta' l-assigurazjoni awtorizzat fl-Isvezja, bil-kondizzjoni li l-fornitur barrani ta' l-assigurazzjoni u l-kumpanija ta' l-assigurazzjoni Svediża jkunu jifformaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji jew jkun hemm ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom.		
	2) AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpanija sussidjarja mhix stabbilita fil-Komunità jew fergħa mhix stabilita fl-Awstrija (ħlief għar-rijassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti. AT: L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru tista tiġi sotoskrita biss minn sussidjarju bi preżenza stabbilita fil-Komunità jew permezz ta' fergħa fl-Awstrija.	2) AT: Trid titħallas taxxa għola fuq il-primjum għall-kuntratti (ħlief għall-kuntratti ta' rijassigurazzjoni u ta' retroċessjoni) miktuba minn kumpanija sussidjarja li mhix stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Hemm possibiltà li tingħata eżenzjoni mit-taxxa għola.	
	CZ: Xejn aktar ħlief: Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni kif definiti hawn taħt ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż. - l-assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' persuni li jkunu residenti permanenti fir-Repubblika Ċeka, - l-assigurazjoni tal-propjetà fit-territorju tar-repubblika Ċeka;		

	- l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà għal telf jew ħsarat ikkaġunati bl-attività ta' persuni fiżiċi u enti legali fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. DK: L-assigurazjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn ditti stabbiliti fil-Komunità. DK: L-ebda persuna jew kumpanija (inklużi l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni), għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, ma jistgħu jagħtu sehemhom biex jiġi provdut direttament servizz ta' l-assigurazzjoni għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi, jew għal propjetà fid-Danimarka, ħlief għal dawk il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni li tinħarġilhom liċenzja skond il-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti. DE: Il-poloz ta' l-assigurazzjoni obbilgatorja għat-trasport bl-ajru jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpanija sussidjarja stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.		
	DE: Jekk kumpanija barranija ta' l-assigurazzjoni tistabbilixxi fergħa fil-Ġermanja, , tista' tagħmel kuntratti ta' l-assigurazzjoni għat-trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja. FR: L-assigurazzjoni tar-riskji marbuta mat-trasport fuq l-art tista' ssir biss minn ditti ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. IT: L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala talin u l-assigurazzjoni kontra r-responabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax		

	għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja. SK: Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni koperti b'mod (1), ħlief għall-assigurazzjoni għat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-merkanzija, l-inġenji ta' l-ajru, il-korpi tal-bastimenti u r-responsabbiltà ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż.		
	3) AT: Il-liċenzja għall-fergħat ta' assiguraturi barranin ma tinħariġx jekk l-assiguratur, f'pajjiżu stess, ma jkollux il-forma legali li tikkorrespondi jew tkun paragonabbli ma' kumpanija azzjonarja jew assoċjazzjoni mutwa ta' l-assigurazzjoni. CZ: Xejn aktar ħlief: Il-fornituri barranin tas-servizzi finanzjarji jistgħu jistabbilixxi kumpanija ta' l-assigurazzjoni bis-sede tagħha fr-Repubblika Ċeka bħala kumpanija azzjonarja jew jistgħu jagħtu servizz ta' assigurazzjoni permezzz tal-fergħat tagħhom u li jkollhm l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblica Ċeka skond il-kondizzjonijiet li jinstabu fl-Att dwar l-Industrija ta' l-Assigurazzjoni Il-preżenza kummerċjali u l-awtotizzazzjoni huma meħtieġa għal fornitur tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni: -biex jipprovdi dawn is-servizzi inkluża r-ri-assigurazzjoni, u - biex jagħmel kuntratti ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju li jwasslu biex isiru kuntrati ta' l-assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni u terzi persuni.	3) SK: Il-maġġoranza tal-bord tat-tmexxija ta' kumpanija ta' l-assigurazzjoni trid tkun domiċiljata fir-Repubblika Slovakka. SE: L-intrapriżi li ma jipprovdux l-assigurazzjoni fuq il-ħajja li mhumiex inkorporati fl-Isvezja u li jkunu qegħdin jipprovdu servizz fl-Isvezja huma – minflok intaxxati fuq ir-riżultat nett – suġġetti għat-taxxa bbażata fuq id-dħul mill-primjums minn operazzjonijiet ta' assigurazzjoni diretta. SE: Fundatur ta' kumpanija ta' l-assigurzzjoni jrid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew entità legali inkorporata fiż-Żona Ekonomika Ewropea.	

	L-intermedijarju jrid ikollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi provduta l-intemedjazzjoni għal fergħa bl-uffiċċju reġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka.		
	FI: Id-direttur maniġerjali, jew mill-inqas awditur wieħed u nofs il-promoturi u l-membri tal-board tad-diretturi u l-bord ta' sorveljanza ta' kumpanija ta' l-assigurazjoni iridu jkunu residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm ma tingħatax eżenzjoni mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u s-Saħħa. FI: L-assiguraturi barranin ma tistax tinħarġilhom liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex jipprovdu servizzi ta' l-assigurazzjoni soċjali statutorji (pensjonijiet statutorji ibbażati fuq l-assigurazzjoni, assigurazzjoni statutorja fil-każ ta' aċċidenti).		
	FR: It-twaqqif tal-fergħat huwa suġġett għal awtorizzazzjoni speċjali għar-rappreżentant tal-fergħa. EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rapreżentattivi jew permanenzi oħra ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew sedejiet. IT: L-aċċess għall-professjoni attwarja huwa permezz ta' persuni fiżiċi biss. L-assoċjazzjonijiet professjonali (mingħajr ma jiġu inkorporati) bejn persuni fiżiċi huma permessi.. IT: L-awtorizzazzjoni għat-twaqqif tal-fergħat hija fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għall-valutazzjoni ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza.. IE: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta'		

	uffiċċji rappreżentattivi..		
	SK: Jeħtieġ li jinħareġ permess għall-forminment tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni. Ċittadini barranin jistgħu iwaqqfu kumpanija ta' l-assigurazzjoni bis-sede fir-Repubblika Slovakka bħala kumpanija azzjonarja jew jipprovdu servizz ta' l-assigurazzjoni permezz tal-kumpaniji sussidjarji tagħhom b'uffuċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka skond il-kondizzjonijiet ġenerali fil-Liġi dwar l-Assigurazzjoni. In-negozju ta' l-assigurazzjoni jfisser l-attività ta' l-assigurazzjoni inklużi l-attivitajiet ta' senserija u ta' rijassigurazzjoni.		
	L-attività tal-intermedjazzjoni bl-iskop li jsir kuntratt bejn terzi persuni u l-kumpanija ta' l-assigurazzjoni tista' sseħħ permezz ta' persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti fir-Repubblika Slovakka għall-benefiċċju tal-kumpanija ta' l-assigurazzjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza tas-Settur ta' l-Assigurazzjoni.		
	Il-kuntratt ta' intermedjazzjoni bl-iskop li jsir kuntratt ta' l-assigurazzjoni bejn terzi persuni u l-kumpanija ta' l-assigurazzjoni ikun jista' jsir biss wara li jkun ingħata l-permess mill-Awtorità ta' Sorveljanza tas-Settur ta' l-Assigurazzjoni.		
	Ir-riżorsi finanzjarji ta' fondi speċifiċi ta' l-assigurazzjoni ta' operaturi ta' l-assigurazzjoni awtorizzati li jkunu ġejjin minn min għandu l-poloz ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni, u li huma residenti jew għandhom l-offiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka, iridu jiġu depożitati f'bank residenti fir-Repubblika Slovakka u ma jistgħux jiġu trasferiti 'l barra mill-pajjiż.		
	SE: L-intrapriżi li jipprovdu servizz ta' senserija fl-assigurazzjoni u li mhumiex inkorporai fl-Isvezja jistgħu		

	jistabbilixxu preżenza kummerċjali biss bil-ftuħ ta' fergħa..		
	4) Mħolli mill-obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: EL: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija stabbilita fil-Greċja jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità.	4) Mħolli mill-obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dawn il-limitazzjonijiet speċifiċi: AT: L-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju tal-fergħa trid tikkonsisti f'żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija. DK: L-aġent ġenerali ta' fergħa ta' l-assigurazzjoni jrid ikun residenti fid-Danimarka għall-aħħar sentejn sakemm ma jkunx ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità. Il-Ministru għan-Negozju u l-Industrija jista' jagħti eżenzjoni. . DK: Ir-residenza bħala kondizzjoni meħtieġa għall-maniġers u għall-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija. Il-Ministru għan-Negozju u l-Industrija jista', iżda, jagħti eżenzjoni minn din il-kondizzjoni. L-eżenzjoni tingħata sakemm ma tkunx diskriminatorja. IT: Ir-residenza bħala kondizzjoni meħtieġa għall-professjoni attwarja.	

B.	<u>Is-Servizz Bankarju u Servizzi Finanzjarji Oħra (eskluża l-assigurazzjoni)</u>
1.	CZ: Il-ħruġ tal-flus mhux mill-Bank Ċentrali, il-kummerċ fid-deheb, is-senserija tal-flus, il-ħlas u s-sistemazzjoni ta' prodotti derivattivi, u s-servizzi ta' konsultazzjoni, intermedjazzjoni u sevizzi oħra finanzjarji anċillari li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-ativitajiet ma jorbtux..

2. SK: Il-kummerċ fid-deheb, is-senserija tal-flus, u l-intermedjazzjoni ma jorbutx.			
	1)[1] BE: Il-preżenza stabbilita fil-Belġju hija kondizzjoni meħtieġa biex jingħataw is-servizz ta' pariri dwar l-investiment. IT: Mħolli mill-obbligu għall-bejjiegħa tas-servizzi finanzjarji. CZ: Mħolli mill-obbligu għan-negozju f'titoli trasferibbli u titoli negozjabbli oħra u assi finanzjarji, il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull forma ta' titolu, il-maniġment ta' l-assi, u l-ħlas u s-sistemazzjoni ta' assi finanzjarji. Xejn aktar ħlief: Il-banek stabbiliti Ċeki u l-fergħat ta' banek barranin li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu: - jipprovdu servizz għad-depożiti; - jinnegozjaw f'assi tal-kambju; - jagħmlu ħlasijiet bejn il-pajjiżi li ma jinvolvux flus kontanti.	1) L-ebda obbligu.	Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) taċċetta l-obbligi miżjuda kif jidhru mehmużin fl-"Obbligi miżjuda aċċettati minn uħud mill-pajjiżi tal-KE" .
	Jenħtieġ il-permess għall-kambju ta' flus barranin maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki li m'għandhomx		

[1] IT: Il-forniment u t-trasferiment ta' l-informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar tad-data finanzjarja li jirrikiedu l-kummerċ ta' titoli finanzjarji jistgħu jiġu pprojbiti fejn il-protezzjoni ta' l-investituri tista' titqiegħed fil-periklu. Il-banek u d-ditti ta' l-investiment awtorizzati biss iridu jikkonformaw mar-regoli ta' l-imġieba fin-negozju fil-għoti ta' pariri dwar l-investimenti li jikkonċernaw titoli finanzjarji u pariri lill-intrapriżi dwar l-istruttura kapitali, l-istrateġija industrijali u ħwejjeġ oħra marbuta, u pariri u servizzi marbuta ma' l-amalgamazzjoni u l-akkwist ta' l-intrapriżi. L-attività ta' konsulenza m'għandiex tinkludi ukoll il-maniġment tal-assi.

	kont il-bank biex: (a) jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn ċittadini Ċeki u jiġu ddepożitati flus fih; (b) isiru pagamenti kapitali barra l-pajjiż (ħlief għall-investiment dirett barrani – FDI);		
	(c) jingħataw krediti finanzjarji u garanziji; (d) jitħaddmu d-derivattivi finanzjarji;		
	(e) jinxtraw titoli baranin ħlief fil-każi msemmija fl-Att dwar il-Kambju tal-Flus Barranin,		
	(f) jinħarġu titoli barranin intenzjonati għan-negozju mal-pubbliku u dak mhux pubbliku fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fuq is-suq lokali.		
	IE: Biex jiġu provduti s-servizzi ta' investiment jew ta' pariri dwar l-investimenti fl-Irlanda, jinħtieġu jew (I) l-awtorizzazzjoni li normalment titlob li l-entità tkun inkorporata jew tkun soċjetà, jew bniedem jaħdem għal rasu, u f'kull każ bis-sede jew b'uffiċċju reġistrat fl-Irlanda (l-awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa f'ċerti każi, per eżempju, fil-każ ta' fornitur ta' servizz minn pajjiż terz ma jkollux preżenza kummerċjali fl-Irlanda u s-serivizz ma jiġix provdut lill-persuni privati), jew (II) l-awtorizzazzjoni fi Stat Membru ieħor b'konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' l-Investiment fil-KE.		
	SK: Mħolli għan-negozju ta' titoli trasferibbli u titoli oħra negozjabbli u assi finanzjarji, il-partiċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull forma ta' titolu, il-maniġment ta' l-assi, u l-ħlas u s-		

	sistemazzjoni ta’ assi finazjarji.		
	Xejn aktar ħlief: (i) Is-servizzi tad-depożiti huma provduti biss mill-banek lokali u l-fergħat ta’ banek barranin fir-Repubblika Slovakka..		
	(ii) Il-banek lokali awtorizzati, il-fergħat ta’ banek barranin fir-Repubblika Slovakka, u persuni li għandhom liċenzja għall-kambju tal-flus barranin biss jistgħu jinnegozjaw fl-assi tal-kambju. Membri tal-borża biss jistgħu jikkummerċjaw fil-borża ta’ Bratislava. Ir-residenti jistgħu jikkummerċjaw fuq is-Sistema-RM Slovakia mingħajr limitu waqt li min mhux resident irid jinqeda b’negozjant tat-titoli.		
	(iii) Ħlasijiet bejn il-pajjiżi li ma jinvolvux flus kontanti jistgħu jsiru biss mill-banek lokali awtorizzati u l-fergħat ta’ banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		
	(iv) Il-liċenzja għall-kambju tal-flus barranin maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja tinħtieġ biex: (a) jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn residenti Slovakki li m’għandhom kont il-bank, ħlief għall-persuni fiżiċi waqt li jkunu barra l-pajjiż;		
	(b) isiru ħlasijiet kapitali barra l-pajjiż (c) jingħab kreditu finazjarju minn entitajiet mhux residenti fil-pajjiz li jaħdmu fis-suq tal-kambju tal-flus barranin; ħlief għall-krediti minn barra aċċettati mir-residenti bi ħlas lura ta’ perjodu ta’ aktar minn 3 snin, u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet li ma jkollhomx skop kummerċjali.		

	(v) L-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-munita Slovakka u l-kambju tal-flus barranin fi flus kontanti li jeċċedi l-valur ta' 150 ths SKK u tad-deheb, iridu jiġu ddikjarati.		
	(vi) Il-permess jew il-liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet tal-kambju hija meħtieġa biex jiġu depożitati assi finanzjarji minn resident barra l-pajjiż.		
	(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Ċeka jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u jerfgħu responsabbiltajiet skond il-limiti u l-provvedimenti tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	2)[1] CZ: Mħolli mill-obbligu għall-maniġment ta' l-assi. Xejn aktar ħlief:: Il-banek stabbiliti Ċeki u l-fergħat ta' banek barranin li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu:	2) L-ebda obbligu	
	- jipprovdu servizz għad-depożiti; - jinnegozjaw f'assi tal-kambju; - jagħmlu ħlasijiet bejn il-pajjiżi li ma jinvolvux flus kontanti.		
	Jenħtieġ il-permess għall-kambju ta' flus barranin maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-		

[1] IT: Il-persuni awtorizzati biex jipprovdu s-servizz ta' maniġment ta' l-assi kollettivi jitqiesu li jkunu responsabbli għal kull attività ta' investiment li jagħmlu il-konsulenti delegati minnhom (il-maniġment ta' l-assi kollettivi, eskluż l-UCITS).

	Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki li m'għandhomx kont il-bank biex:		
	(a) jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn ċittadini Ċeki u jiġu ddepożitati flus fih, (b) isiru pagamenti kapitali barra l-pajjiż (ħlief għall-investiment dirett barrani – FDI) ; (c) jingħataw krediti finanzjarji u garanziji.		
	(d) jitħaddmu d-derivattivi finanzjarji; (e) jinxtraw titoli baranin ħlief fil-każi msemmija fl-Att dwar il-Kambju tal-Flus Barranin		
	(f) jinħarġu titoli barranin intenzjonati għan-negozju pubbliku u dak mhux pubbliku fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fuq is-suq lokali.		
	FI: Il-ħlasijiet minn entitajiet governattivi (spejjeż) iridu jgħaddu minn Sampo Bank Ltd. Eżenzjoni minn din il-kondizzjoni tista' tingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi. SK: Mħolli mill-obbligu għall-maniġment ta' l-assi.		
	Xejn aktar ħlief: (i) Is-servizzi tad-depożiti huma provduti biss mill-banek lokali u l-fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka..		
	(ii) Il-banek lokali awtorizzati, il-fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka, u persuni li għandhom liċenzja għall-kambju tal-flus barranin biss jistgħu jinnegozjaw fl-assi tal-kambju. Membri tal-borża biss jistgħu		

	jikkummerċjaw fil-Borża ta' Bratislava. Ir-residenti jistgħu jikkummerċjaw fuq is-Sistema-RM Slovakia mingħajr limitu waqt li min mhux resident irid jinqeda bis-sensara tat-titoli..		
	(iii) Ħlasijiet bejn il-pajjiżi li ma jinvolvux flus kontanti jistgħu isiru biss mill-banek lokali awtorizzati u l-fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		
	(iv) Il-liċenzja għall-kambju tal-flus barranin maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja tinħtieġ biex: (a) jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn residenti Slovakki li m'għandhom kont il-bank, ħlief għall-persuni fiżiċi waqt li jkunu barra l-pajjiż;		
	(b) isiru ħlasijiet kapitali barra l-pajjiż; (c) jingħab kreditu finazjarju minn entitajiet mhux residenti fil-pajjiz li jaħdmu fis-suq tal-kambju tal-flus barranin; ħlief għall-krediti minn barra aċċettati mir-residenti bi ħlas lura ta' perjodu ta' aktar minn 3 snin, u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet li ma jkollhomx skop kummerċjali.		
	(v) L-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-munita Slovakka u l-kambju tal-flus barranin fi flus kontanti li jeċċedi l-valur ta' 150 ths SKK u d-deheb, iridu jiġu ddikjarati.		
	(vi) Il-permess jew il-liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet tal-kambju hija meħtieġa biex jiġu depożitati assi finanzjarji minn resident barra l-pajjiż.		
	(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Ċeka jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u jerfgħu responsabbiltajiet skond il-limiti u l-provvedimenti tal-Bank		

	Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	3) L-Istati Membri Kollha : - Jeħtieġ li titwaqqaf kumpanija speċjalizzata fil-maniġment finazjarju biex tieħu ħsieb twettaq l-attivitajiet ta' maniġment tal-fondi komuni ta' investiment u l-kumpaniji ta' l-investiment. - Dawk id-ditti li għadhom l-uffiċċju reġistrat fil-Komunità biss jistgħu jaġixxu ta' ditti depożitarji għall-assi tal-fondi ta' l-investiment.	3) SE: Fundatur ta' kumpanija bankarja jrid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew bank barrani. Fundatur ta' bank għat-tfaddil irid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.	
	CZ: Xejn aktar ħlief:: Is-servizzi bankarji jistgħu jiġu provduti biss minn banek Ċeki stabbiliti jew fergħat ta' banek barranin li jkollhom il-liċenzja maħruġa mill-Bank Nazzjonali Ċek bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi.		
	Is-servizzi ta' self ipotekarju jistgħu jiġu provduti biss minn banek Ċeki stabbiliti.		
	Il-banek jistgħu jitwaqqfu bħala kumpaniji azzjonarji biss. Ix-xiri ta' l-ishma f'banek eżistenti huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjionali Ċek.		
	It-titoli jistgħu jiġu kkummerċjati pubblikament biss jekk l-awtorizzazzjoni meħtieġa tkun ingħatat u l-prospett li jispjega t-titolu jkun ġie approvat.		
	Il-preżenza stabbilita u l-attivitajiet tan-negozjanti tat-		

	titoli, tas-sensara tat-titloli, tal-Borża jew ta' l-organizzaturi ta' suq tal-kummerċ minn fuq il-bank tal-ħanut, tal-kumpaniji ta' l-investiment u tal-fondi ta' l-investiment huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni li tingħata fuq il-kriterji tal-kwalifiki, ta' l-integrità personali, tal-maniġment u tal-bżonnijiet materjali.		
	Is-servizzi tal-ħlas u tas-sistemazzjoni ta' kull tip ta' pagament huma mmonitorjati u jiġu riveduti mill-Bank Nazzjonali Ċek sabiex jiġi assigurat it-tħaddim regolari u ekonomiku tagħhom.		
	DK: L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jinnegozjaw it-titoli fil-Borża ta' Kopenħagen permezz ta' kumpaniji sussidjarji biss inkorporati fid-Danimarka. FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord ta' sorveljanza u d-delegati, id-direttur maniġerjali, il-prokuratur, l-persuna firmatarja f'isem l-istituzzjoni tal-kreditu irid ikollhom il-post tar-resisenza tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm ma tingħatax eżenzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi. Għall-inqas wieħed mil-awdituri jrid ikun residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.		
	FI: Is-sensar (il-persuna individwali) fil-kambju tad-derivattivi irid ikollu l-post tar-residenza tiegħu fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Tista' tingħata eżenzjoni għal din il-kondizzjoni skond il-kondizzjonijiet magħmula mill-Ministeru tal-Finanzi. FI: Il-ħlasijiet minn entitajiet governattivi (spejjeż) iridu jgħaddu minn Sampo Bank Ltd. Eżenzjoni minn din il-kondizzjoni tista' tingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi.		

	EL: Għat-twaqqif u t-tħaddim tal-fergħat trid tiġi importata somma minima ta' flus barranin, mibdula f'ewro, u miżmuma fil-Greċja sakemm il-bank barrani jdum jopera fil-Greċja: - Sa erba' (4) fergħat, din is-somma minima titla' għal nofs l-ammont minimu tal-kapital azzjonarju meħtieġ biex tiġi inkorporata istituzzjoni tal-kreditu fil-Greċja; - Għat-tħaddim ta' fergħat addizjonali l-ammont minimu tal-kapital irid ikun daqs il-kapital azzjonarju minimu meħtieġ biex istituzzjoni tal-kreditu tiġi inkorporata fil-Greċja. . IT: Biex ikunu jistgħu ibiegħu bieb bieb, l-intermedjarji jridu jqabbdu bejjiegħa awtorizzati tal-prodotti finanzjarji residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej. IT: L-uffiċċji rappreżentattivi ta' l-intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bl-iskop li joffru servizzi ta' investiment.		
	IT: Is-servizzi ta' sistemazzjoni tal-kontijiet li jinkludu l-fażi finali tal-ħlas jistgħu jiġu provduti biss minn entitajiet awtorizzati u ssorveljati mill-Bank ta' l-Italja bil-ftehim mal-Consob. IT: L-offerta lill-pubbliku tat-titoli tista' ssir biss mill-entitajiet li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa. . IT: Id-depożitu ċentralizzat, is-servizzi ta' kustodja u ta' amministrazzjoni jistgħu jiġu provduti biss minn entitajiet li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa u ssorveljati mill-Consob bi ftehim mal-Bank ta' l-Italja.		

	IT: Fil-każ ta' l-iskemi kollettivi ta' l-investiment li mhumiex armonizzati fil-UCITS (l-intrapriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli) skond id-direttiva 85/611/KEE, id-depożitarju jrid ikun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea, u stabbilit b'fergħa fl-Italja. Il-banek, il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u il-kumpaniji ta' l-investiment fit-titoli biss li għandhom l-uffiċċju prinċipali legali fil-Komunità Ewropea jistgħu iwettqu l-attività ta' manaigment tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjoni. Kumpaniji tal-manġment finanzjarju (fondi limitati u fondi ta' beni immobiljari) iridu wkoll ikunu inkorporati fl-Italja. IE: Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment fil-forma ta' fondi komuni ta' investiment u kumpaniji b'kapital variabbli, li ma jkunux UCITS (l-intrapriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli), id-depożitarju u l-kumpanija tal-maniġment finanzjarju trid tkun inkorporata fl-Irlanda jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Komunità. Fil-każ ta' soċjetà ta' l-investiment b'responsabbiltà limitata, mill-inqas sieħeb ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda.		
	IE: Biex issir membru tal-Borża ta' l-Irlanda, l-entità trid jew (I) tkun awtorizzata fl-Irlanda, li jfisser li trid tkun inkorporata fl-Irlanda, jew tkun soċjetà bl-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda, jew (II) tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor skond id-direttiva tal-KE dwar is-Servizzi ta' l-Investiment. IE: Il-forniment tas-servizzi ta' investiment jew ta' pariri dwar l-investimenti jeħtieġ jew (I) l-awtorizzazzjoni fl-Irlanda, li jirrikjedi li l-entità tkun inkorporata jew tkun soċjetà jew bniedem jaħdem għal rasu, u f'kull każ l-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda (l-awtorità ta' sorveljanza tista' tawtorizza wkoll lill-fergħat ta' entitajiet minn pajjiżi terzi), jew (II) l-awtorizzazzjoni		

	f'xi Stat Membru ieħor skond id-direttiva tal-KE dwar is-Servizzi ta' l-Investiment. PT: Il-preżenza stabbilita ta' banek minn barra il-Komunità Ewropea hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni maħruġa, każ b'każ, mill-Ministru tal-Finanzi. Din il-preżenza stabbilita trid tikkontribwixxi għaż-żieda fl-effiċjenza tas-sistema bankarja jew tipproduċi effett sinjifikanti biex tiġi internazzjonalizzata l-ekonomija Portugiża.		
	PT: Is-servizzi ta' kapital b'riskju għoli ma jistgħux jingħataw minn fergħat ta' kumpaniji ta' kapital b'riskju għoli li jkollhom is-sede tagħhom f'pajjiż li mhuwiex membru tal-KE. Jiġi provdut servizz ta' maniġment ta' fondi għall-pensjonijiet biss minn kumpaniji inkorporati fil-Portugal u minn kumpaniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugal u awtorizzati biex jagħtu servizz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja.		
	SK: Is-servizzi bankarji jistgħu jiġu provduti biss minn banek lokali jew mill-fergħat ta' banek barranin awtorizzati mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi. L-għoti ta' l-awtorizzazzjoni huwa bbażat fuq il-konsiderazzjoni tal-kriterji li jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-ammont ta' kapital tal-kumpanija (saħħa finanzjarja), il-kwalifiki professjonali, l-integrità u l-kompetenza tal-maniġment fl-attivitajiet bankarji proġettati. Il-banek huma entitajiet legali inkorporati fir-Repubblika Slovakka, imwaqqfa bħala kumpaniji azzjonarji jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi (ta' l-Istat). Ix-xiri ta' l-ishma fil-kapital soċjali ta' bank kummerċjali mil-limitu stabbilit huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		

	Is-servizzi ta’ l-investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jingħataw minn banek, kumpaniji ta’ l-investiment, fondi ta’ l-investiment, u negozjanti tat-titoli li jkollhom il-forma legali ta’ kumpanija azzjonarja b’kapital soċjali skond il-liġi. Kumpaniji ta’ l-investiment jew fondi ta’ l-investiment barranin iridu jġibu l-awtorizzazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi biex ibiegħu it-titoli tagħhom jew l-ishma fiċ-ċertifikati ta’ l-investiment fit-territorju tar-Repubblika Slovakka skond il-liġi. Biex jinħarġu titoli ta’ djun, jinħtieġ il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi kemm biex jinħarġu fil-pajjiż kif ukoll biex jinħarġu għal pajjiżi oħra.		
	It-titoli jistgħu jinħarġu u jiġu kkummerċjati biss wara li jingħata l-permess għall-kummerċ fil-pubbliku mill-Ministeru tal-Finanzi skond l-Att dwar it-Titoli. Ix-xogħol ta’ negozjant tat-titoli, ta’ sensar tat-titoli, jew ta’ l-organizzaturi ta’ suq tal-kummerċ minn fuq il-bank tal-ħanut huwa suġġett għall-awtorizazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-ħlas u s-sistemazzjoni tal-kontijiet għal kull tip ta’ pagament huma rregolati mill-Bank azzjonali tas-Slovakkja.		
	Il-ħlas u s-servizzi tas-sistemazzjoni tal-kontijiet dwar bidla fil-propjetà fiżika tat-titoli huma rreġistrati fiċ-Centru tat-Titoli (l-Istituzzjoni għall-Ħlas u s-Sistemazzjoni tat-Titoli). Iċ-Ċentru tat-Titoli jista’ jagħmel biss trasferimenti fil-kontijiet tal-propjetà tas-sidien tat-titoli. Is-sistemazzjoni fejn jidħlu flus kontanti u l-ħlasijiet jgħaddu mill-Istituzzjoni Bankarja Għall-Ħlas u s-Sistemazzjoni tal-Kontijiet – (fejn il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja huwa l-azzjonist maġġoritarju) għall-Borża ta’ Bratislava, għall-kumpanija azzjonarja, jew mill-kont “Jumbo” għas-Sistema-RM Slovakia.		
	SE: L-intrapriżi li ma jkunux inkorporati fl-Isvezja jistgħu jistabbilixxu preżenza kummerċjali biss permezz ta’ fergħa, u fil-każ tal-banek, permezz ta’ uffiċċju rappreżentattiv		

	ukoll.		
	4) Mħolli mill-obbligu ħlief għal kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limiti speċifiċi kif ġej: FR: Kumpaniji ta' l-investiment b'kapital fiss; kondizzjoni ta' ċittadinanza għall-president tal-Bord tad-Diretturi, id-Diretturi Ġenerali, u mhux inqas minn żewġ terzi ta' l-amministraturi, kif ukoll, meta d-ditta li tinnegozja t-titoli jkollha l-Bord ta' Sorveljanza jew Kunsill, mhux inqas minn żewġ terżi tal-membri tal Kunsill ta' Sorveljanza. EL: L-istituzjonijiet tal-kreditu jridu jindikaw l-ismijiet ta' mill-inqas żewġ persuni li jkun responsabbli għall-attivitajiet ta' l-istituzzjoni, u li jkunu residenti fil-pajjiż.	4)Mħolli mill-obbligu ħlief għal kif indikat fil-parti oriżżontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limiti speċifiċi kif ġej: IT: Kondizzjoni ta' residenza għall-bejjiegħa tas-servizzi finanzjarji.	

II.2. OBBLIGI FIS-SETTUR TAS-SERVIZZI FINANZJARJI (it-tieni parti)

1. L-obbligi dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-pajjiżii l-oħra tal-KE (CY, EE, LV, LT, MT, PL, and SI) jidhru fil-parti li ġejja.

2. CY: Is-servizzi u l-prodotti finanzjarji mhux regolati u d-dħul fis-suq ta' servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda, jistgħu ikunu suġġetti għall-eżistenza jew l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju bl-iskop li jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 125.

3. CY: minħabba l-kontrolli fuq il-kambju ta' flus barranin f'Ċipru:

   - ir-residenti m'għandhomx permess li jixtru servizzi bankarji li jinvolvu it-trasferiment ta' flejjes barra mill-pajjiż, waqt li fiżikament ikunu msiefra;

   - is-self lil min mhux residenti fil-pajjiż jew lill-barranin jew lill-kumpaniji mhux residenti ikkontrollati jeħtieġu l-approvazzjoni mill-Bank Ċentrali;

   - l-akkwist ta' titoli minn min mhux resident fil-pajjiż ukoll jeħtieġ il-permess tal-Bank Ċentrali;

   - il-kummerċ fi flus barranin jistgħa jsir biss minn banek li jkunu ngħataw l-istatus ta' "Negozjant Awtorizzat" mill-Bank Ċentrali.

4. MT: Għall-obbligi li jinstabu f'mod (3), skond il-liġi tal-kontrol fuq il-kambju, min mhux residenti fil-pajjiż u jixtieq li jipprovdi servizz ikun xi jkun billi jirreġistra kumpanija lokali jistgħa jagħmel dan bil-permess minn qabel tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Dawk il-kumpaniji li fihom il-parteċipazzjoni ta' persunu kemm fiżiċi kuf ukoll legali li mhumiex resident f'Malta jeħtieġu kapital soċjali ta' Lm100,000 (lira Maltija) li 50% minnhom iridu jkunu mħallsa. Il-persentaġġ ta' dawk li mhumiex residenti f'Malta tal-kapital irid jitħallas min flejjes li jkunu ġejjin minn barra. Il-kumpaniji bil-pateċipazzjoni ta' min mhux residenti iridu japplikaw għall-permess tal-Ministeru tal-Finanzi biex jieħdu bini skond il-liġi.

5. MT: Għall-obbligi li jinsatabu f'mod (4), il-kondizzjonijiet stipulati fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Malta dwar id-dħul fil-pajjiż, il-waqfa fil-pajjiż, l-akkwist tal-propjetà, ix-xogħol u s-sigurtà soċjali jibqgħu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar il-tul taż-mien tal-waqfa, il-pagi minimi, kif ukoll il-ftehim kollettiv. Id-dħul fil-pajjiż, ix-xogħol u l-permessi tar-residenza jinħarġu skond id-diskrezzjoni tal-Gvern ta' Malta.

6. SI: Id-dħul fis-suq ta' servizzi u prodotti ġodda finanzjarji jsitgħu jkun suġġett għal eżistenza ta', u konformi ma', qafas regolatorju bl-iskop li jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 125.

7. SI: Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, l-istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fir-Repubblika tas-Slovenja jridu jadottaw forma legali speċifika.

8. SI: L-attivitajiet ta' l-assigurazzjoni u bankarji iridu jingħataw minn fornituri ta' servizzi finanzjarji li jkunu legalment separati.

9. SI: Is-servizzi ta' l-investiment jistgħu jingħataw biss mill-banek u mid-ditti ta' l-investiment.

A. <u>L-Assigurazzjoni u s-servizzi marbutin magħha</u> 1. EE: Is-servizzi obbligatorji tas-sigurtà soċjali mhumiex marbuta. 2. LV: (i), (ii), (3) : Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, l-istituzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni inkorporati fil-Latvja iridu jadottaw forma legali speċifika. 3. LV: (iii) (3): L-intermedjarju irid ikun persuna fiżika (m'hemmx kondizzjoni ta' ċittadinanza) u jista' jipprovdi servizz f'isem il-kumpanija ta' l-assigurazjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Awtorità ta' Sorveljanza tas-Settur ta' l-Assigurazzjoni fil-Latvja. 4. LT: Għal kull sottosettur: Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni mhumiex awtorizzati li jipprovdu l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u il-forom ta' assigurazzjoni l-oħra. Iż-żewġ forom (a) u (b) ta' assigurazzjoni jinħtieġu l-inkorporazzjoni separata.			
(i) Assigurazzjoni Diretta li tinkludi l-ko-assigurazzjoni): (a) Assigurazzjoni fuq il-ħajja (b) Forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) (ii) Ri-assiguarzzjoni u retroċessjoni	1) CY: <u>Assigurazzjoni fuq il-Ħajja (inkluża l-intermedjazzjoni) :</u> L-ebda assiguratur ma jista' jipprovdi servizz ta' assigrazzjoni fuq il-ħajja fir-Repubblika Ċiprijotta jekk ma jkollux liċenżja ta' assiguratur maħruġa mis-Suprintendent ta' l-Assigurazzjoni, skond il-liġijiet dwar il-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni. <u>Forom oħra ta' assigurazjoni (inkluża l-intermedjazzjoni):</u> L-ebda assiguatur ma jista' jipprovdi servizz ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) ħlief għall-assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Transitu, fir-Repubblika Ċiprijotta jekk ma jkollux liċenżja ta' assiguratur maħruġa mis-Suprintendent ta' l-Assigurazzjoni, skond il-liġijiet dwar il-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni. <u>Rijassigurazzjoni u retroċessjoni (inkluża l-intermedjazzjoni):</u> Kull assiguratur barrani li jkun approvat mis-Suprintendent	1) CY, EE, LV, LT: L-ebda obbligu . MT: <u>Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, rijassigurazzjoni u retroċessjoni:</u> L-ebda obbligu <u>Intermedjazzjoni fl-assigurazzzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni:</u> PL: Mħolli mill-obbligu ħlief għar-rijassigurazzjoni, ir-retroċessjoni u l-assigurazzjoni tal-merkanzija fil-kummerċ internazzjonali. SI: <u>Assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni, u servizzi</u>	

(iii) Intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija (iv) Servizzi anċillari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attività attwarjali, l-istima tar-riskji, u s-sistemazzjoni tal-klejms	ta' l-Assigurazzjoni (fuq kriterji ta' prudenza) jista' joffri s-servizzi ta' rijassigurazzjoni u retroċessjoni lill-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni inkorporati u awtorizzati f'Ċipru. Servizzi anċillari għall-assigurazzjoni : L-ebda obbligu EE: L-ebda obbligu.	anċillari għall-assigurazzjoni: L-ebda obbligu Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) ħlief għall-assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, u r-assigurazzjoni u retroċessjoni: Mħolli	
	LV: Assigurazzjoni fuq il-hajja, forom oħra ta' assigurzzjoni (mhux fuq il-ħajja) u l-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni: Mħolli mill-obbligu. Rijassigurazzjoni u retroċessjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: L-ebda obbligu		
	LT: Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja), ħlief għall-assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Transitu, u l-inetrmedjazzjoni fl-assigurazzjoni: Mħolli mill-obbligu. Assigurazzjoni Marittima u ta' l-Avjazzjoni, rijassigurazzjoni		

	u retroċessjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: L-ebda obbligu MT: Assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, ir-rijassigurazzjoni u r-retroċessjoni u l-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni: L-ebda obbligu Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) ħlief għall-assigurazjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, ir-rijassigurazzjoni u r-retroċessjoni, ħlief għar-ri-assigurazjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, u s-servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: Mħolli :		
	PL: Mħolli mill-obbligu ħlief ghar-ri-assigurazzjon, ir-retroċessjoni u l-assigurazzjoni tal-merkanzija fil-kummerċ internazzjonali..		
	SI: Assigurazzjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport : Marine, aviation and transport insurance : Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni provduti minn istituzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni mutwi huma limitati għall-kumpaniji inkorporati u stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja. Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) ħlief għall-assigurazzjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport, ir-rijassigurazzjoni u r-retroċessjoni, l-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni, u s-servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: Mħolli .		

	2) CY, EE, LV, LT: L-ebda obbligu. MT: Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) u r-rijassigurazzjoni u r-retroċessjoni: L-ebda obbligu. L-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u s-servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: Mħolli . PL: Mħolli mill-obbligu ħlief għar-rijassigurazzjoni, għar-retroċessjoni u għall-assigurzzjoni tal-merkanzija fil-kummerċ internazzjonali. SI: Assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazjoni u tat-Trasport :: Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni provduti minn istituzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni mutwi huma limitati għall-kumpaniji inkorporati u stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja.	2) CY, EE, LV, LT: L-ebda obbligu. . MT: Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, (mhux fuq il-ħajja), rijassigurazzjoni u retroċessjoni: L-ebda obbligu L-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u s-servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: Mħolli PL: Mħolli mill-obbligu ħlief għar-rijassigurazzjoni u r-retroċessjoni u l-assigurazzjoni tal-merkanzija fil-kummerċ internazzjonali. SI: Assigurazzjoni Marittima, ta' l-Avjazjoni u tat-Trasport , rijassigurazzjoni u retroċessjoni, intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni, u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni : L-ebda obbligu	
	Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq ilħajja) ħlief għall-assigurazzjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport): Mħolli. Rijassigurazzjoni u retroċessjoni Il-kumpaniji tar-rijassigurazzjoni fir-Repubblika tas-Slovenja għandhom prijorità fejn jidħol il-ġbir tal-primjums ta' l-assigurazzjoni. F'każ li dawn il-kumpaniji ma jaslux biex ikopru r-riski	Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) ħlief għall-assigurazjoni Maritima, ta' l-Avjazzjoni u tat-Trasport: Mħolli	

	huma, dawn jistgħu jiġu ri-assigurati u retroċeduti barra l-pajjiż. (L-ebda obbligu meta tiġi adottata l-liġi l-ġdida dwar il-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni).		
	L-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: L-ebda obbligu.		
	3) CY: Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja) inkluża l-intermedjazzjoni: L-ebda assiguratur ma jista' jopera fi jew mir-Repubblika Ċiprijotta jekk ma jiġix awtorizzat mis-Suprintendent ta' l-Assigurazzjonji, skond il-liġi tal-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni. Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni barranin jistgħu joperaw mir-Repubblika Ċiprijotta permezz tat-twaqqif ta' fergħa jew aġenzija. L-assiguratur barrani jrid diġà jkollu l-awtorizzazzjoni li jopera f'pajjiżu qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni li jistabbilixxi l-preżenza tiegħu permezz ta' fergħa jew aġenzija. Il-parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti f'kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, inkorporati fir-Repubblika Ċiprijotta, teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali.	3) CY, LV, LT, MT, PL: L-ebda obbligu.. EE: Assigurazzjoni fuq il-ħajja, forom oħra ta' assigurazzjoni (mhux fuq il-ħajja): L-ebda obbligu, ħlief li l-korp maniġerjali ta' kumpanija azzjonarja ta' l-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni barranija fil-kapital jistgħa jkollu fih ċittadini ta' pajjiżi barranin fil-proporzjon tal-parteċipazzjoni barranija, imma mhux aktar minn nofs il-membri tal-korp maniġerjali; id-direttur maniġerjali ta' kumpanija sussidjarja jew ta' kumpanija indipendenti irid ikun residenti b'mod permanenti fl-Estonja. Rijassigurazzjoni u retroċessjoni, intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni; L-ebda obbligu	
	Rijassigurazzjoni u retroċessjoni (inlkuża l-intermedjazzjoni) L-ebda kumpanija ma tista' topera bħala ri-assiguratur fir-Repubblika Ċiprijotta jekk ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni meħtieġa mis-Suprintendent ta' l-Assigurazzjoni. L-investiment minn persuni mhux resident f'kumpaniji tar-	SI: Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, (mhux fuq il-ħajja), rijassigurazzjoni u retroċessjoni: L-ebda obbligu. Intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċilalri	

	rijassigurazzjoni jeħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali. Il-parti tal-parteċipazzjoni barranija fil-kapital ta' kumpaniji lokali tar-rijassigurazzjoni tiġi determinata każ b'każ. Fil-preżent ma teżisti l-ebda kumpanija tar-rijassigurazzjoni. Servizzi anċillari għall-assigurazzjoni: L-ebda obbligu.	għall-assigurazzjoni: Għal min jaħdem għal rasu meħtieġa r-residenza fir-Repubblika tas-Slovenja.	
	EE, LV, LT: L-ebda obbligu.		
	PL: Il-preżenza stabbilita f'xi forma ta' kumpanija azzjonarja jew fergħa wara li tingħata liċenzja.		
	Mhux aktar minn 5% tal-fondi ta' l-assigurazzjoni jistgħu jiġu investiti barra l-pajjiż. Persuna li tkun qiegħda twettaq l-attivitajiet ta' intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni jrid ikollha l-liċenzja meħtieġa. L-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni jridu jkunu inkorporati fil-pajjiż.		
	SI: Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom ta' asigurazzjoni oħra (mhux fuq il-ħajja): Il-preżenza stabbilita fil-pajjiż hija suġġetta għal-liċenzja li tinħareġ mill-Ministeru tal-Finanzi. Persuni barranin jistgħu jwaqqfu kumpanija ta' l-assigurazzjoni biss bħala intrapriża bil-parteċipazzjoni ta' persuna residenti, u bis-sehem tal-parteċipazzjoni tal-persuni barranin tkun limitata għal 99%.		

	Il-limitu fuq il-parteċipazzjoni massima tal-persuni barranin jiġi abolit meta tiġi adottata l-liġi l-ġdida dwar il-kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni.		
	Persuna barranija tista' takkwista jew iżżid l-ishma tagħha f'kumpanija ta' l-assigurazzjoni lokali basta jkollha l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministeru tal-Finanzi.		
	Biex joħroġ liċenzja jew biex japprova l-akkwist ta' ishma f'kumpanija ta' l-assigurazzjoni lokali, il-Ministeru tal-Finanzi jrid jikkonsidra dawn il-kriterji li ġejjin: - il-firxa tas-sidien ta' l-ishma u l-eżistenza ta' azzjonisti minn diversi pajjiżi; - il-provvista ta' prodotti ġodda ta' l-assigurazzjoni u t-trasferiment ta' l-għerf prattiku, jekk l-investitur barrani jkun kumpanija ta' l-assigurazzjoni..		
	Mħolli mill-obbligu għall-parteċipazzjoni f'kumpanija ta' l-assigurazzjoni li tkun qiegħda tiġi pprivatizzata.		
	Is-sħubija f'istituzzjoni ta' l-assigurazzjoni mutwa hija limitata għall-kumpaniji stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja u persuni fiżiċi lokali.		
	<u>Rijassigurazzjoni u retroċessjoni:</u> Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpanija tar-rijassigurazzjoni hija limitata għas-sehem li jkollu l-kontroll fuq il-kapital. (L-ebda obbligu, ħlief għall-fergħat, meta tiġi adottata l-liġi l-ġdida dwar il-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni). <u>Intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni:</u>		

	Entitajiet li jagħtu servizz ta' konsulenza u ta' sistemazzjoni tal-klejms iridu jiġu inkorporati bħala entitajiet legali bi qbil mal-Burò ta' l-Assigurazzjoni. Għall-attwarji u l-attivitajiet ta' stima tar-riskji, il-forniment tas-servizz irid isir permezz ta' preżenza stabbilita professjonali. L-operat huwa limitat għall-attivitajiet imsemmija taħt A(i) u (II) ta' din l-Iskeda.		
	4) CY: <u>Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, (mhux fuq il-ħajja), intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni:</u> Mħolli mill-obbligu <u>Rijassigurazzjoni u retroċessjoni:</u> Mħolli mll-obbligu. Il-persuni fiżiċi mhumiex awtorizzati li jagħtu servizzi ta' rijassigurazzjoni. EE, LV, LT, MT: Mħolli mill-obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii). PL: Mholli mill-obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal dan il-limitu speċifiku: Meħtieġa r-residenza għall-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni. SI: <u>Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, rijassigurazzjoni u retroċessjoni:</u> Mħolli ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii).	4) CY: <u>Assigurazzjoni fuq il-ħajja u forom oħra ta' assigurazzjoni, (mhux fuq il-ħajja), intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni:</u> L-ebda obbligu. Rijassigurazzjoni <u>u retroċessjoni:</u> Mħolli mill-obbligu. Il-persuni fiżiċi mhumiex awtorizzati li jagħtu servizzi ta' rijassigurazzjoni. EE, LT, MT, SI: jipprovdu servizz ta' rijassigurazzjoni. EE, LV, LT, MT: Mholli ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii). LV, PL: L-ebda obbligu.	

	<u>Intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni</u> Mħolli mill-obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali taħt (i) u (ii) u għal stima attwarjali u tar-riskji ir-residenza fil-pajjiż hija kondizzjoni meħtieġa flimkiem ma' eżami ta' kwalifikazzjoni, is-sħubija fl-Assoċjazzjoni Attwarjali tar-Repubblika tas-Slovenja u l-profiċjenza fil-lingwa Slovena.		
B. <u>Servizz Bankarju u Servizzi Finanzjarji Oħra</u> (eskluża l-assigurazzjoni) 1. CY: Il-parteċipazzjoni diretta jew indiretta u dritt għall-vot f'bank minn persuna u sħabha ma tistax taqbeż il-0.5% għal kull individwu jew organizzazzjoni u 6.0% kollha kollettivament. 2. CY: B'żieda ma' dan ta' hawn fuq, fit-tliet banek lokali eżistenti llistjati fil-Borża, l-ishma posseduti direttament jew indirettament jew l-akkwist ta' interess fil-kapital tagħhom minn persuni barranin huwa limitat għal 0.5% għal kull individwu jew organizzazzjoni u 6.0% kollettivament. 3. LV: Mod 4: Il-maniġer ta' fergħa u sussidjarja ta' bank barrani irid ikun persuna li tħallas it-taxxa fil-Latvja (residenti). L-obbligi tal-preżenza tal-persuni fiżiċi huma marbuta skond il-provvediment ġenerali applikabbli għas-setturi kollha f'din il-lista. 4. LT: Is-sottosetturi kollha: Mill-inqas maniġer wieħed irid ikun ċittadin tal-Litwanja.			
(v) Aċċettazzjoni ta' dipożiti u fondi oħrajn li jitħallsu lura u li jappartjenu lill-pubbliku (vi) Self ta' kull tip, inkluż kreditu lill-konsumatur, kreditu	1) CY: <u>Subartikoli (v) to (ix) and (x) (b):</u> Imħolli mill-obbligu/ entitajiet legali biss liċenzjati mill-Bank Ċentrali ta' Ċipru jistgħu joffru servizzi bankarji fir-Repubblika ta' Ċipru. <u>Subartikoli (x) (e), (xv) u (xvi):</u> L-ebda obbligu ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali. <u>Is-subartikoli kollha l-oħrajn</u>: imħolli mill-obbligu EE: <u>Aċċettazzjoni ta' dipożiti u fondi oħrajn li jitħallsu lura u li jappartjenu lill-pubbliku</u> Tenħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' l-*Eesti Pank* u r-	1) CY: Imħollija mill-obbligu, ħlief għal: <u>Subartikoli (x) (e), (xv) u (xvi)</u>: L-ebda obbligu ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali. EE, LV, LT, SI: L-ebda obbligu. MT: <u>Subartikoli (v) u (vi):</u> L-ebda obbligu. <u>Subartikolu (xv):</u> Imħollija mill-obbligu ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja minn fornituri internazzjonali.	

ipotekarju, ħlas ta' spejjeż u l-finanzjament ta' transazzjonijiet kummerċjali	reġistrazzjoni skond il-Liġi ta' l-Estonja bħala soċjetà anonima, sussidjarja jew fergħa. EE, LT: It-twaqqif ta' kumpanija speċjalizzata fil-maniġment ta' unitajiet ta' fondi u kumpanija għall-investiment, u dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irreġistrat fil-Komunità jistgħu jagħmluha ta' depożitarji ta' l-assi tal-fondi għall-investiment.	PL: Imħollija mill-obbligu, ħlief għal: <u>Subartikolu (xv):</u> L-ebda obbligu.	
(vii) *Leasing* Finanzjarju MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: Ma kkommettietx ruħha.			
(viii) Servizzi kollha ta' ħlas u trasmissjoni ta' flus, inklużi kreditu, karti ta' kreditu u debitu, *traveller's cheques,* u			

ċekkijiet bankarji MT: Ma kkommettietx ruħha.			
(ix) Garanziji u obbligi. MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: Eskludi l-garanziji u l-obbligi tat-teżor ta' l-Istat. (x) Il-kummerċ f'isem proprju jew f'isem il-klijenti, sew jekk f'suq ta' skambju, ukoll f's-suq bil-miftuħ (*over-the-counter)* , jew li jkun, ta' dan li ġej: (a) strumenti tas-suq tal-flus (inklużi	LV: Imħollija mill-obbligu ħlief għal: <u>Subartikoli (xi), (xv) u (xvi)</u>: L-ebda obbligu. LT: <u>Maniġment tal-fond għall-Pensjoni</u>: Tinħtieġ preżenza kummerċjali. MT: <u>Subartikoli (v) u (vi):</u> L-ebda obbligu. <u>Subartikolu (xv):</u> Imħollija mill-obbligu ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja minn fornituri internazzjonali. PL: Imħollija mill-obbligu ħlief għal: <u>Subartikolu (xv):</u> Mitlub l-użu tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni pubblika, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor, fejn jidħol il-forniment bejn pajjiż u ieħor ta' dawn is-servizzi. <u>Subartikolu (xv):</u> Mitlub l-użu tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni pubblika, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor, fejn jidħol il-forniment bejn pajjiż u ieħor ta' dawn is-servizzi. SI: L-ebda obbligu għal subartikoli (xv) u (xvi). Imħollija mill-obbligu ħlief fejn tidħol l-aċċettazzjoni ta' krediti (self ta' kull tip) u garanziji u obbligi minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin, minn entitajiet legali		

	ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożiti)	domestiċi u proprjetarji uniċi. (Rimarka: krediti tal-konsumatur ikun liberalizzati hekk kif tkun adottata il-Liġi l-ġdida dwar il-Kambji Esteri)		
(b)	kambji esteri	L-arranġamenti msemmijin iridu jkunu rreġistrati mal-Bank ta' l-Islovenja. (Rimarka: dan il-provvediment jitneħħa hekk kif tkun adottata il-Liġi l-ġdida għas-settur Bankarju.)		
(c)	prodotti li għandhom x'jaqsmu ma', iżda li mhumiex limitati għal, *futures* (tip ta' titoli) u opzjonijiet	Persuni barranin jistgħu joffru biss titoli ta' sigurtà permezz ta' banek domestiċi u kumpaniji ta' senserija. Membri tal-Borża ta' l-Islovenja jridu jkunu inkorporati fir-Repubblika ta' l-Islovenja.		
(d)	strumenti tar-rata ta' kambju u rata ta' interess, inklużi, oġġetti mpartin, fteħim bil-quddiem dwar rati			
(e)	titoli ta' sigurtà trasferibbli			
(f)	strumenti ta' negozju oħrajn u assi finanzjari inklużi metalli prezzjużi			

MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: Ikkommettiet ruħha għal (x) (e) biss.			
(xi) Parteċipazzjoni f'kull tip ta' ħruġ ta' titoli ta' sigurtà, inkluż li tagħmel tajjeb għal xi telf u pjazzament bħala aġent (sew jekk pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati. MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: eskluża l-parteċipazzjoni fi ħruġ ta' noti tat-Teżor SI: eskluża l-parteċipazzjoni fi	2) CY: Subartikoli (v) sa (xiv), ħlief Subartikolu (x) (e) Imħollija mill-obbligu: Residenti ta' Ċipru jeħtieġu permess mill-Bank Ċentrali li jkun konformi mal-Liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju jekk iridu jissellfu valuta barranija, ipoġġu flus barra jew biex jirċievu servizzi bankarji li jwasslu għall-esportazzjoni ta' fondi. Subartikolu (x) (e), (xv) u (xvi) L-ebda obbligu ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali. EE, LV, LT: L-ebda obbligu MT: Subartikoli (v) u (vi): L-ebda obbligu Subartikolu (xv): Imħollija mill-obbligu ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja minn fornituri internazzjonali. PL: Imħollija mill-obbliguImħollija mill-obbligu ħlief għal: Subartikolu (xv): Mitlub l-użu tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni pubblika, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor, fejn dawn is-servizzi jintużaw barra u fejn jidħol il-forniment bejn pajjiż u ieħor ta' dawn is-servizzi.	2) CY: Imħolli mill-obbligu, ħlief għal: Subartikoli (x) (e), (xv) u (xvi): L-ebda obbligu ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali. EE, LV, LT, SI: L-ebda obbligu. MT: Subartikoli (v) u (vi): L-ebda obbligu. Subartikolu (xv):Subartikolu (xv): Imħollija mill-obbligu ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja minn fornituri internazzjonali. PL: Imħollija mill-obbligu, ħlief għal: Subartikolu (xv): L-ebda obbligu.	

ħruġ ta' bonds tat-Teżor (xii) Senserija ta' flus MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: Ma kkommettietx ruħha.	Subartikolu (xvi): l-ebda obbligu.		
(xiii) Maniġment ta' assi, bħal flus jew maniġment ta' titoli u ishma, il-forom kollha ta' maniġment ta' investiment kollettiv, maniġment tal-fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, salvagwardja u fiduċjarja MT: Ma kkommettietx	SI: L-ebda obbligu għal Subartikoli (xv) u (xvi). Imħollija mill-obbligu ħlief fejn tidħol l-aċċettazzjoni ta' krediti (self ta' kull tip) u garanziji u obbligi minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin, minn entitajiet legali domestiċi u proprjetarji uniċi. (Rimarka: krediti tal-konsumatur ikunu liberalizzati hekk kif tkun adottata il-Liġi l-ġdida dwar il-Kambji Esteri) L-arranġamenti msemmijin iridu jkunu rreġistrati mal-Bank ta' l-Islovenja. (Rimarka: dan il-provvediment jitneħħa hekk kif tkun adottata il-Liġi l-ġdida għas-settur Bankarju.) Entitajiet legali stabbiliti fir-Repubblika ta' l-Islovenja jistgħu jkunu depożitarji ta' l-assi tal-Fondi għall-Investiment.		

ruħha. PL: Servizzi ta' maniġment ta' titoli u ishma SI: eskluż il-maniġment ta' fondi għall-pensjoni.			
(xiv) Ħlas u servizzi ta' tisrif ta' assi finanzjarji, inklużi titoli ta' sigurtà, prodotti relatati, u strumenti oħrajn ta' negozju. MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: Ma kkommettietx ruħha. (xv) Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, l-ipproċessar ta'	3) L-Istati Membri kollha: - It-twaqqif ta' kumpanija speċjalizzata tinħtieġ sabiex tattwa attivitajiet relatati mal-maniġment ta' unitajiet ta' fondi u kumpaniji ta' l-investiment. u dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irreġistrat fil-Komunità jistgħu jagħmluha ta' depożitarji ta' l-assi tal-fondi għall-investiment. - Dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irreġistrat fil-Komunità biss jistgħu jagħmluha ta' depożitarji ta' l-assi tal-fondi għall-investiment. CY: Is-subartikoli kollha, ħlief subartikolu (x) (e) Għall-banek il-ġodda japplikaw dawn il-kondizzjonijiet: (a) Tinħtieġ liċenza mill-awtoritajiet fiananzjarji Maltin. jista' jintalab test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.	3) CY: Subartikoli kollha, ħlief subartikolu (x) (e) L-ebda obbligu ġaladarba stabbiliti u liċenzjati. Subartikolu (x) (e) Ditta ta' senerija tista' tkun reġistrata biss bħala membru tal-Borża ta' Ċipru jekk tkun stabbilita u rreġistrata skond il-Liġi tal-Kumpaniji ta' Ċipru. EE, LV, LT, MT, PL, SI: L-ebda obbligu.	

informazzjoni finanzjarja u *software* relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji.			
(xvi) Konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn għall-attivitajiet kollha mniżżlin f'subartikoli (v) sa (xv), inklużi referenzi ta' kreditu u analiżi, investiment u riċerka dwar assi f'titoli u ishma, pariri dwar l-akkwist u dwar l-istrateġija ta' ristrutturar korporattiva. MT: Ma kkommettietx ruħha. PL: konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn relatati biss ma' l-attivitajiet imwegħdin lill-	(b) Fergħat ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin iridu jkunu rreġistrati f'Ċipru skond il-Liġi tal-Kumpaniji u liċenzjati. <u>Subartikolu (x) (e):</u> Membri (sensara) tal-Borża ta' Ċipru biss jistgħu jwettqu negozju relatat mas-senserija ta' titoli ta' sigurtà f'Ċipru. Dawk il-kumpaniji li jagħmluha ta' sensara jridu jimpjegaw biss individwi li jistgħu jattwaw bħala sensara dejjem jekk ikunu liċenzjati kif suppost. Il-banek u l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni ma jistgħux jattwaw fin-negozju tas-senserija. Madanakollu is-sussidjarji tagħhom li jattwaw fl-ambitu tas-senserija jistgħu. LV: <u>Subartikolu (xi):</u> Il-Bank tal-Latvja (Bank Ċentrali) huwa aġent finanzjarju fis-suq tat-*T-bills* . <u>Subartikolu (xiii):</u> Maniġment tal-fond għall-pensjoni huwa pprovdut mill-monopolju ta' l-Istat. LT: L-ebda obbligu ħlief kif indikat fil-parti orizzontali tas-sezzjoni "Servizzi Bankarji u Finanzjarji oħrajn", u għal: <u>Subartikolu (xiii):</u>		

Polonja. SI: Eskluži konsulenza intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn relatati mal-parteċipazjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor u maniġment ta' fondi għall-pensjoni.	Twaqqif ta' stabbiliment biss bħala Korporazzjonijiet Pubbliċi ta' Titoli (AB) u Korporazzjonijiet Magħluqin (UAB) li għandhom ikunu mwaqqfin b'mod magħluq (meta t-titoli inizjali kollha jkunu akkwistati minn inkorporaturi). Għall-fini ta' maniġment ta' l-assi, huwa neċessarju it-twaqqif ta' kumpanija speċjalizzata fil-maniġment. Dawk l-intrapriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fil-Litwanja biss jistgħu jattwaw bħala depożitarji ta' l-assi. Kif indikat fil-parti orizzontali tas-sezzjoni "Servizzi Bankarji u Finanzjarji oħrajn".		
	MT: Imħollija mill-obbligu, ħlief għal: <u>Subartikoli (v) u (vi):</u> Kreditu f'idejn il-barranin u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn sew jekk bħala fergħa u sew jekk bħala sussidjarju lokali.		
	PL: <u>Subartikoli (v), (vi), (viii) u (ix) (eskluži l-garanzija u l-obbligi min-naħa tat-Teżor ta' l-Istat)</u>: It-twaqqif ta' bank biss jekk fl-għamla ta' soċjetà anonima jew fergħa liċenzjata. Mitluba ċ-ċittadinanza għal uħud – ta' l-anqas wieħed – ta' l-eżekuttivi tal-bank.		
	<u>Subartikoli (x) (e), (xi) (eskluża l-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' karti tat-Teżor), (xiii) (servizzi ta' maniġment ta' investimenti biss), u (xvi) (servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn biss fir-rigward ta' l-attivitajiet imwegħdin lill-Polonja):</u> It-twaqqif ta' stabbiliment, wara l-għotja ta' liċenzja, biss jekk fl-għamla ta' soċjetà anonima jew fergħa ta' entità legali barranija li tipprovdi servizzi f'titoli ta' sigurtà.		

	Subartikolu (xv): Mitlub l-użu tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni pubblika, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor, fejn jidħol il-forniment/jew il-konsum bejn pajjiż u ieħor ta' dawn is-servizzi.		
	SI: L-ebda obbligu għal subartikoli (xv) u (xvi).		
	It-twaqqif ta' kull xorta ta' bank huwa suġġett għal liċenzja maħruġa mill-Bank ta' l-Islovenja.		
	Persuni barranin jistgħu jsiru azzjonisti ta' banek jew jistgħu jakkwistaw ishma aġġuntivi ta' banek jekk qabel ikunu ngħataw permess mill-Bank ta' l-Islovenja (Rimarka: dan il-provvediment jitneħħa meta tkun adottata l-Liġi l-ġdida għas-settur Bankarju).		
	Skond il-liċenzja maħruġa mill-Bank ta' l-Islovenja, banek, sussidjarji u fergħat ta' banek barranin jistgħu jitħallew jipprovdu s-servizzi bankarji kollha jew uħud minnhom, dejjem skond l-ammont tal-kapital.		
	Imħollija mill-obbligu fejn tidħol il-parteċipazzjoni barranija f'banek li sejrin ikunu pprivatizzati.		
	Fergħat ta' banek barranin iridu jkunu inkorporati ġewwa r-Repubblika ta' l-Islovenja u jkollhom personalità legali. (Rimarka: dan il-provvediment jitneħħa meta tkun adottata l-Liġi l-ġdida għas-settur Bankarju.).		
	Imħollija mill-obbligu rigward it-tipi kollha ta' banek li jattwaw fl-ambitu tas-self (ipoteka), istituzzjonijiet li		

	jsellfu u joffru mgħaxijiet fuq kontijiet.		
	Imħollija mill-obbligi rigward it-twaqqif ta' fondi għall-pensjonijiet privati (fondi ta' pensjoni mhux obbligatorji).		
	Kumpaniji ta' Maniġment huma kumpaniji kummerċjali mwaqqfin unikamnet biex jimmaniġġjaw fondi għall-investiment.		
	Persuni barranin jistgħu jakkwistaw direttament jew indirettament sa massimu ta' 20 fil-mija ta' l-ishma jew drittijiet għall-vot f'kumpaniji ta' maniġment; għall-persentaġġ ogħla tinħtieġ l-approvazzjoni ta' l-Aġenzija li topera fit-Titoli ta' Sigurtà.		
	Kumpanija ta' Investiment awtorizzata (ta' privatizzazzjoni) hija kumpanija ta' investiment stabbilita bil-għan uniku li tiġbor ċertifikati (vawċers) tad-dritt ta' pussess u x-xiri ta' ishma maħruġin skond regolamenti li jiggvernaw il-bdil tad-dritt ta' pussess. Kumpanija ta' Maniġment awtorizzata hija mwaqqfa unikament biex timmaniġġja l-kumpaniji ta' maniġment awtorizzati.		
	Persuni barranin jistgħu jakkwistaw direttament jew indirettament sa massimu ta' 10 fil-mija ta' l-ishma jew drittijiet għall-vot f'Kumpaniji ta' Maniġment Awtroriżżati (ta' privatizzazzjoni); għall-persentaġġ ogħla tinħtieġ l-approvazzjoni ta' l-Aġenzija li topera fit-Titoli ta' Sigurtà u l-kunsens tal-Miniteru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi u l-Iżvilupp.		
	L-investiment tal-Fondi għall-Investiment f'titoli ta' sigurtà maħruġin minn barranin huwa limitat għall-10 fil-mija ta' l-investimenti tal-Fondi għall-Investiment. Tali titoli jkunu kkwotati f'dawk il-Borżi ddeterminati minn		

	qabel mill-Aġenzija li topera fit-Titoli ta' Sigurtà.		
	Persuni barranin jistgħu jsiru azzjonisti jew sħab f'Kumpanija li tattwa fl-ishma u t-titoli sa 24% tal-Kapital ta' l-imsemmija Kumpanija billi l-ewwel tintalab l-approvazzjoni ta' l- Aġenzija li topera fit-Titoli ta' Sigurtà. (Rimarka: dan il-provvediment jitneħħa meta tkun adottata l-Liġi l-ġdida għas-settur Bankarju).		
	Titoli ta' l-Assigurazzjoni maħruġin minn entità barranija li għadhom mhumiex disponibbli fit-territorju tar-Republika ta' l-Islovenja jistgħu jinħarġu unikament minn Kumpanija li tattwa fl-ishma u t-titoli jew minn bank li għandu liċenzja jopera dawn it-tip ta' transazzjonijiet. Qabel ma tinħareġ l-offerta l-Kumpanija li tattwa fl-ishma u t-titoli jew il-bank ikollhom jitolbu l-permess ta' l- Aġenzija li topera fit-Titoli ta' Sigurtà.		
	Din it-talba minn entità barranija biex tiddisponi minn titoli ta' sigurtà fir-Repubblika ta' l-Islovenja trid tkun akkumpanjata minn abbozz tal-prospektus, dokumentazzjoni li tiċċertifika li l-garanti tal-ħarġa ta' titoli ta' sigurtà huwa bank jew hija kumpanija li tattwa fl-ishma u t-titoli. Dan ma japplikax fil-każ li jinħarġu ishma minn entità barranija.		
	4) CY: Is-subartikoli kollha, ħlief Subartikolu(x) (e): Imħolli mill-obbligu. Subartikolu (x) (e): Individwi, sew jekk qed jattwaw waħedhom bħala sensara sew jekk impjegati ma' kumpaniji ta' sensara bħala sensara, iridu joqogħdu għall-kondizzjonijiet tal-liċenzja għal dan il-għan. EE, LT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-	4) CY: Is-Subartikoli kollha, ħlief subartikolu(x) (e): Imħolli mill-obbligu. Rigward istituzzjonijiet finanzjarji jinħtieġu permessi għar-residenza u x-xogħol għall-impjegati barranin. Subartikolu (x) (e): L-ebda obbligu ħlief kif indikat fis-sezzjoni orizzontali. EE, LT, MT, SI: Imħollijin mill-obbligu ħlief fejn	

	sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii). LV: Imħollija mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u fis-sezzjoni orizzontali tas-settur "Servizzi Bankarji u Finanzjarji Oħrajn". PL: Subartikoli (v), (vi), (viii) u (ix) (eskluż l-garanzija u l-obbligi min-naħa tat-Teżor ta' l-Istat): Imħollija mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii). Mitluba ċ-ċittadinanza għal uħud – ta' l-anqas wieħed – mill-eżekuttivi tal-bank. Subartikoli (x) (e), (xi) (eskluża l-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' karti tat-Teżor), (xiii) (servizzi ta' maniġment ta' investimenti biss), (xv) u (xvi) (servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn biss fir-rigward ta' l-attivitajiet imwegħdin lill-Polonja): Imħollija mill-obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii).	indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) LV: L-ebda obbligu ħlief fejn indikat fis-sezzjoni orizzontali taħt (i) u (ii) u fis-sezzjoni orizzontali tas-settur "Servizzi Bankarji u Finanzjarji Oħrajn". PL: L-ebda obbligu.	

KUMMENTI AĠĠUNTIVI MINN PARTI TA' L-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK)

ASSIGURAZZJONI

a) Parti mill-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) tinnota l-kooperazzjoni mill-viċin li teżisti fost l-awtoritajiet li jissorveljaw u jirregolaw l-assigurazzjoni ta' dawn l-Istati Membri u tinkoraġġixxi l-isforzi tagħhom sabiex jippromovu stàndards ta' sorveljanza aħjar.

b) Dawn l-Istati Membri sejrin jagħmlu mill-aħjar sabiex fi żmien sitt xhur mis-sottomissjonijiet tagħhom, jikkonsidraw applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzji li jippermettu sottoskrizzjoni diretta fl-ambitu ta' l-assigurazzjoni permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili. Fejn l-applikazzjonijiet ma jintlaqgħux, l-awtorità ta' l-Istat Membru tagħmel mill-aħjar tagħha biex tibgħat notifika lill-intrapriża msemmija u tagħti r-raġunijiet tagħha għar-rifjut ta' l-applikazzjoni.

c) L-awtoritajiet ta' sorveljanza f'dawn l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex jirrispondu mingħajr dewmien żejjed għat-talbiet għall-informazzjoni mill-applikanti dwar l-istatus ta' applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzji li jippermettu sottoskrizzjoni diretta fl-ambitu ta' l-assigurazzjoni permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili.

d) Parti mill-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) tagħmel mill-aħjar biex teżamina kwalunkwe mistoqsija li għandha x'taqsam ma' l-operazzjoni bla xkiel għas-suq intern ta' l-assigurazzjoni u biex tikkonsidra kull sitwazzjoni li jaf ikollha impatt fuq is-suq intern ta' l-assigurazzjoni.

e) Parti mill-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) tinnota li fejn tidħol l-assigurazzjoni ta' vetturi, skond liġi tal-Komunità fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2001 u mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni fil-ġejjieni, primjum ikun ikkalkulat skond il-bosta fatturi ta' riskju li hemm.

f) Parti mill-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) tinnota li skond il-liġi tal-Komunità fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2001 u mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni fil-ġejjieni, normalment mhemmx għalfejn l-approvazzjoni minn qabel min-naħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' l-assigurazzjoni u l-iskala tal-primjums li fi ħsiebha tattwa intrapriża ta' l-assigurazzjoni.

g) Parti mill-EC (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) tinnota li skond il-liġi tal-Komunità fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2001 u mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni fil-ġejjieni, normalment mhemmx għalfejn l-approvazzjoni minn qabel min-naħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, ta' żjidiet fir-rati tal-primjums.

SERVIZZI FINANZJARJI OĦRAJN

a) Fit-twettiq tad-Direttivi rilevanti ta' l-EC, dawn l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex fi żmien 12-il xahar jikkonsidraw applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzi għall-operazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam bankarju permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili. Fejn l-applikazzjonijiet ma jintlaqgħux, l-awtorità ta' l-Istat Membru tagħmel mill-aħjar tagħha biex tibgħat notifika lill-intrapriża msemmija u tagħti r-raġunijiet tagħha għar-rifjut ta' l-applikazzjoni.

b) Dawn l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex jirrispondu mingħajr dewmien żejjed għat-talbiet għall-informazzjoni mill-applikanti dwar l-istatus ta' applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzji għall-operazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam bankarju permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili.

c) Fit-twettiq tad-Direttivi rilevanti ta' l-EC, dawn l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex fi żmien 6 xhur jikkonsidraw applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzi għall-operazzjoni ta' servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli ta' sigurtà hekk kif definit mid-Direttiva dwar Servizzi ta' Investiment permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili. Fejn l-applikazzjonijiet ma jintlaqgħux, l-awtorità ta' l-Istat Membru tagħmel mill-aħjar tagħha biex tibgħat notifika lill-intrapriża msemmija u tagħti r-raġunijiet tagħha għar-rifjut ta' l-applikazzjoni.

d) Dawn l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex jirrispondu mingħajr dewmien żejjed t-talbiet għall-informazzjoni mill-applikanti dwar l-istatus ta' applikazzjonijiet mimlijin għall-ħruġ ta' liċenzji għall-operazzjoni ta' servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli ta' sigurtà permezz tat-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' l-istess Stat Membru u permezz ta' intrapriża ggvernata mil-liġijiet taċ-Ċili.

ELEMENTI TA' FTEHIM DWAR L-OBBLIGI FIS-SERVIZZI FINANZJARJI

Il-Kominità ngħatatilha l-opportunità li tidħol għall-obbligi speċifiċi fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji skond dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' metodu alternattiv għal dak imsemmi mill-provvedimenti ġenerali ta' Parti IV, Kapitolu II (Servizzi Finanzjarji). Kien hemm qbil li dan il-metodu seta' jkun applikat suġġett għall-elementi ta' fehim li ġejjin.

(i) ma toħloqx konflitt mal-provvedimenti ta' dan il-Ftehim;

(ii) ma hemm l-ebda suppożizzjoni rigward il-limitu ta' liberalizzazzjoni li għaliha Parti involuta qed tikkommetti ruħha skond dan il-Ftehim.

Il-Komunità, fuq il-bażi tan-negozjati u suġġetta għall-kondizzjonijiet u kwalifiki fejn stipulat, naqqxet fl-iskeda tagħha obbligi speċifiċi li jikkonformaw mal-metodu muri hawn isfel.

A. Aċċess għas-Suq

Kummerċ li jaqsam il-fruntieri

1. Il-Komunità tagħti permess lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji li, bħala prinċipju, joffru s-servizzi indikati hawn taħt permezz ta' intermedjarju jew bħala intermedjarju u skond it-termini u l-kondizzjonijiet li jakkordaw trattament nazzjonali:

(a) l-assigurazzjoni ta' riskju li għandu x'jaqsam ma':

(i) traffiku marittimu u avjazzjoni kummerċjali, illanċjar fl-ispazju u transport ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assigurazzjoni li jkopri kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew kollha: il-merkanzija trasportata, il-vettura għat-trasport tal-merkanzija u kwalunkwe obbligu ieħor li jista' jinqala'; u

(ii) merkanzija f'passaġġ internazzjonali;

(b) riassigurazzjoni u retroċessjoni u s-servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni hekk kif imsemmi fis-subparagrafu (iv) ta' Artikolu 117(9);

(c) forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar ta' informazzjoni finanzjarja hekk kif imsemmi fis-subparagrafu (xv) ta' Artikolu 117(9) u servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħrajn, eskluż it-tibjin, li għandhom x'jaqsmu mal-ħidma bankarja u s-servizzi finanzjarji oħrajn hekk kif imsemmi f'subparagrafu (xvi) ta' Artikolu 117(9).

2. Il-Komunità tagħti l-permess lir-residenti tagħha li jixtru s-servizzi finanzjarji fit-territorju taċ-Ċili hekk kif imsemmi:

(a) subparagrafu 1(a);

(b) subparagrafu 1(b); u

(ċ) subparagrafi (v) sa (xvi) ta' Artikolu 117(9).

Preżenza Kummerċjali

3. Il-Komunità tikkonċedi d-dritt lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili li jistabbilixxu u jespandu preżenza kummerċjali fl-istess territorju tagħha, ukoll permezz ta' l-akkwist ta' intrapriżi eżistenti.

4. Il-Komunità taf timponi termini, kondizzjonijiet u proċeduri għall-awtorizzazzjoni tat-twaqqif u l-espansjoni ta' preżenza kummerċjali sakemm wieħed ma jipprovax jeħles mill-obbligi skond paragrafu 3 u li wieġed li jkun konsistenti ma' l-obbligi oħrajn ta' dan il-Ftehim.

Dħul Temporanju ta' Personàl

5. (a) Il-Komunità tagħti permess għad-dħul temporanju fit-territorju tagħha ta' personàl ta' fornitur ta' servizzi

finanzjari miċ-Ċili li qed jistabbilixxi jew li ġa stabbilixxew preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Komunità kif

indikat hawn taħt:

(i) personàl f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri li għandhom informazzjoni ta' proprjetà essenzjali għall-istabbiliment, il-kontroll u l-operazzjoni tas-servizzi tal-fornitur ta' servizzi finanzjarji; u

(ii) Speċjalisti fl-operazzjoni tal-fornitur ta' servizzi finanzjarji.

(b) Il-Komunità tagħti l-permess, suġġett għad-disponibilità ta' personàl ikkwalifikat fit-territorju tagħha, għad-dħul temporanju fit-territorju tagħha tal-personàl imsemmi hawn taħt li huwa assoċjat ma' preżenza kummerċjali ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili:

(i) speċjalisti f'servizzi tal-kompjuter, f'servizzi tat-telekomunikazzjoni u fiż-żamma tal-kotba tal-fornitur ta' servizzi finanzjarji; u

(ii) speċjalisti attwarjali u legali.

Miżuri li ma jiddiskriminawx kontra

6. Il-Komunità tipprova tagħmel dak kollu li tista' sabiex tneħħi jew tillimita kwalunkwe effett negattiv sinifikanti għall-forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili ta':

(a) miżuri li ma jiddiskriminawx kontra li forniturі ta' servizzi finanzjarji ma jkunux jistgħu joffru s-servizzi finanzjarji kollha konċessi mill-Komunità, fil-forma determinata mill-Komunità, fl-istess territorju tal-Komunità;

(b) miżuri li ma jiddiskriminawx kontra li l-espansjoni ta' l-attivitajiet ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji jkunu limitati fit-territorju kollu tal-Komunità;

(c) miżuri tal-Komunità, meta tapplika l-istess miżuri lill-forniment ta' servizzi bankarji u ta' titoli ta' sigurtà, u fornitur ta' servizz finanzjarju miċ-Ċili li jikkonċentra l-attivitajiet tiegħu fuq il-forniment ta' servizzi fl-ambitu tat-titoli ta' sigurtà; u

(d) miżuri oħrajn li minkejja li jirrispettaw il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, xorta jaffettwaw ħażin il-kapaċità li forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili joperaw, jikkompetu jew jidħlu fis-suq tal-Komunità;

sakemm l-azzjoni li tittieħed skond dan il-paragrafu ma tiddiskriminax b'mod inġust kontra i-forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Parti li qed tieħu tali azzjoni.

7. Rigward il-miżuri li ma jiddiskrimanwx kontra li għalihom hemm referenza fis-subparagrafi 6(a) u (b), il-Komunmità tfittex li ma tillimitax jew ma tirrestriġix l-iskala attwali ta'opportunitajiet tas-suq u lanqas il-benefiċċji li ġa qegħdin igawdu forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili bħala klassi fit-territorju tal-Komunità, sakemm dan l-impenn ma jwassalx għal diskriminazzjoni inġusta kontra forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Komunità.

B. Trattament ta' Nazzjonalità

1. Skond it-termini u l-kondizzjonijiet li jikkonċedu trattament ta' nazzjonalità, il-Kominità toffri lill-forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili stabbiliti fit-territorju tagħha, l-aċċess għall-pagamenti u għall-metodi ta' kif il-banek isarrfu ċ-ċekkijiet u jirranġaw id-differenza li soltu jkunu operati minn entitajiet pubbliċi, u għall-finanzjament uffiċjali u għall-faċilitajiet ta' finanzjament ripetut li huma disponibbli tul il-ħidma normali ta' negozju ordinarju. Dan il-paragrafu mhuwiex intiż sabiex joffri aċċess għall-faċilitajiet tal-Komunità bħala "s-sellief meta mhemmx iżjed x'wieħed jagħmel".

2. Meta s-sħubija jew il-parteċipazzjoni fi, jew l-aċċess għal, kwalunkwe entità li tirregola lilha nnifisha, titoli ta' sigurtà jew l-iskambju jew is-suq tal-*futures*, aġenzija ta' tisrif, jew kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, jinħtieġu mill-Komunità sabiex forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili jkun jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji fuq bażi pari ma' forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Komunità, jew meta l-Komunità tipprovdi b'mod dirett jew indirett tali entitajiet, il-Komunità tassigura li tali entitajiet joffru trattament ta' nazzjonalità lill-forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili residenti fit-territorju tagħha.

C. Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-metodu:

1. Fornitur ta’ servizzi finanzjarji li mhuwiex residenti huwa fornitur ta’ servizzi finanzjarji miċ-Ċili li jipprovdi servizz finanzjarju ġewwa t-territorju tal-Komunità minn stabbiliment misjub fit-territorju taċ-Ċili, ukoll jekk tali fornitur ta’ servizz finanzjarju għandu jew ma għandux preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Komunità.

2. “Preżenza kummerċjali” tfisser intrapriża fi ħdan it-territorju tal-Komunità li tipprovdi servizzi finanzjarji u li tinkludi sussidjarji li tagħhom hija totalment jew parzjalment is-sid, assoċjazzjonijiet bejn tnejn jew aktar, soċjetajiet, sjieda esklużiva, operazzjonijiet ta’ frankiġja, fergħat, aġenziji, uffiċċji rappreżentattivi u organizzazzjonijiet oħrajn.

ANNESS VII

L-awtoritajiet responsabbli għas-servizz finanzjarji

Parti A – GĦALL-KOMUNITA` U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA:

Kummissjoni Europea	DĠ Kummerċ DĠ Suq Intern	B-1049 Brussel
L-Awstrija	Ministeru tal-Finanzi	Direttorat Politika Ekonomika u Swieq Finanzjarji Himmelpfortgasse 4-8 Postfach 2 A-1015 Wien
Il-Belġju	Ministeru ta' l-Ekonomija Ministeru tal-Finanzi	Rue de Bréderode 7 B-1000 Brussel Rue de la Loi 12 B-1000 Brussel
Ċipru	Ministeru tal-Finanzi	CY-1439 Nicosija
Ir-Repubblika Ċeka	Ministeru tal-Finanzi	Letenská 15 CZ-118 10 Praga
Id-Danimarka	Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi	Ved Stranden 8 DK-1061 Kopenħagen K
L-Estonja	Ministeru tal-Finanzi	Suur-Ameerika 1 EE-15006 Tallinn
Il-Finlandja	Ministeru tal-Finanzi	PO Box 28 FIN-00023 Ħelsinki
Franza	Ministeru ta' l-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija	Ministère de l'Economie, des Finances et de l'Industrie 139, rue de Bercy F-75572 Pariġi
Il-Ġermanja	Ministeru tal-Finanzi	Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht Graurheindorfer Str. 108

		D-53117 Bonn
Il-Greċja	Bank ta' Greċja	Triq Panepistimiou , 21 GR-10563 Ateni
L-Ungerija	Ministeru tal-Finanzi	Pénzügyminisztérium Postafiók 481 HU-1369 Budapest
L-Irlanda	L-Awtorità Irlandiża li Tirregola s-Servizzi finanzjarji	Kaxxa Postali 9138 College Green IRL-Dublin 2
L-Italja	Ministeru tat-teżor	Ministero del Tesoro Via XX Settembre 97 I-00187 Ruma
Il-Latvja	Kummissjoni tal-Finanzi u tas-Suq tal-Kapital	Triq Kungu 1 LV-1050 Riga
Il-Litwanja	Ministeru tal-Finanzi	Vaizganto 8a/2, LT-01512 Vilnius
Il-Lussemburgu	Ministeru tal-Finanzi	Ministère des Finances 3, rue de la Congrégation L-2931 Lussemburgu
Malta	Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji	Triq Notabile MT-Attard
L-Olanda	Ministeru tal-Finanzi	Direttorat ta' Politika dwar Swieq Finanzjarji Postbus 20201 NL-2500 EE Den Haag
Il-Polonja	Ministeru tal-Finanzi	12 Triq Świętokrzyska PL-00-916 Warsaw
Il-Portugall	Ministeru tal-Finanzi	Direcção Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais Av. Infante D. Henrique, 1C-1º

		P-1100-278 Lisbona
L-Islovakkja	Ministeru tal-Finanzi	Stefanovicova 5 SK-817 82 Bratislava
L-Islovenja	Ministeru ta' l-Ekonomija	Kotnikova 5 SI-1000 Ljubljana
Spanja	Teżor	Directora General del Tesoro y Politica Financiera Paseo del Prado 6-6a Planta E-28071 Madrid
L-Isvezja	Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja	Kaxxa Postali 6750 S-113 85 Stockholm
	Bank Ċentrali Svediż	Malmskillnadsgatan 7 S-103 37 Stockholm
	Aġenzija Svediża tal-Konsumatur	Rosenlundsgatan 9 S-118 87 Stockholm
Ir-Renju Unit	H. M. Treasury	1 Horse Guards Street UK-Londra SW1A 2HQ

ANNESS VIII

(li hemm referenza għalih f'Artikolu 132 tal-Ftehim)

SKEDI DWAR OBBLIGI SPEĊIFIĊI RIGWARD TWAQQIF TA' KUMMERĊ

PARTI A

SKEDA TAL-KOMUNITÀ

Nota ta' Introduzzjoni

1. L-obbligi speċifiċi msemmijin f'din l-iskeda japplikaw biss f'dawk it-territorji fejn it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità jistgħu jkunu applikati u taħt il-kondizzjonijiet imsemmijin f'dawn it-Trattati. Dawn l-obbligi japplikaw biss fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-Istati Membri fuq in-naħa l-waħda, u fuq l-oħra l-pajjiżi li mhumiex imseħbin fil-Komunità. Ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' Stati Membri li jinqalgħu konsegwenza tal-liġi tal-Komunità.

2. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw sabiex jindikaw l-Istati Membri:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
CY	Ċipru
CZ	Ir-Republika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
FI	Il-Finlandja
EE	Il-Greċja
HU	L-Ungerija
IT	L-Italja
IE	L-Irlanda
LU	Il-Lussemburgu
LT	Il-Litwanja
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	L-Olanda
PT	Il-Portugall
PL	Il-Polonja
SE	L-Isvezja
SI	L-Islovenja
SK	L-Islovakkja
UK	Ir-Renju Unit

“Sussidjarju” ta’ persuna legali jfisser persuna legali li effettivament hija kkontrollata minn persuna legali oħra.

“Fergħa” ta’ persuna legali jfisser il-post fejn iseħħ il-kummerċ li m'għandux personalità legali li jagħti x’jifhem li hemm dehra ta’ permanenza, bħall-estensjoni ta’ organu prinċipali, u li għandu maniġment u li huwa mgħammar materjalment sabiex iwettaq il-kummerċ ma’ terzi parti, biex dawn ta’ l-aħħar, minkejja li jekk tinqala n-neċessità jafu jkunu l-ħolqa legali ma’ l-organu prinqipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra, m’għandhomx għalfejn ikollhom x’jaqsmu direttament ma’ tali organu prinċipali iżda jistgħu jmexxu l-kummerċ minn dak il-post ta’ kummerċ li jikkostitwixxi estensjoni.

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ

1. KUMMENTI ORIZZONTALI	
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA	
	a) It-trattament, akkordat lis-sussidjarji (ta' kumpaniji Ċileni) li ġew iffurmati skond il-liġi ta' Membru Stat u li għandhom uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali ta' kummerċ fi ħdan stat Membru, ma jiġix estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpanija Ċilena. Madanakollu, dan m'għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpanija jew ditta Ċilena rigward l-operat tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b'mod espliċtu mill-liġi Komunitarja.
	b) Trattament inqas favorevoli jista' jiġi akkordat lis-sussidjarji (ta' kumpaniji Ċileni) ifformati skond il-liġi ta' Stat Membru li għandhom biss uffiċċju rreġistrat jew amministrazzjoni ċentrali fit-territorju tal-Komunità, sakemm ma jurux li għandhom kuntatt effettiv u kontinwu ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.
	<u>Ħolqien ta' Entità Legali</u> AT: Persuni naturali barranin jistgħu jeżerċitaw kummerċ fuq l-istess livell ma' ċittadini Awstrijaċi jekk ma jkun hemm l-ebda preġudizzju għat-trattati li jkun hemm fis-seħħ. Madanakollu, trid tkun ippreżentata evidenza lill-awtorità kompetenti li turi li persuni naturali Awstrjaċi mhumiex qed ikunu ddiskriminati kontra waqt l-eżerċizjzu tal- kummerċ indikat fil-pajjiż tal-barrani. Jekk l-evidenza ma tistax tkun ippreżentata, il-persuna naturali barranija trid tapplika formalment għal status pari maċ-ċittadini. Jekk f'idejn min ikun il-permess ma jkunx residenti permanenti ta' l-Awstrija, ikun hemm bżonn li jinħatar rappreżentant professjonali ("gewerberechtlicher Geschäftsführer") li jkun residenti permanenti fl-Awstrija. Sabiex jinħareġ il-permess għall-kummerċ, persuni ġuridiċi barranin jew soċjetajiet iridu jwaqqfu stabbiliment u jappuntaw rappreżentant professjonali li jkun residenti permanenti fl-Awstrija. Rappreżentant professjonali barrani jrid japplika għal status pari maċ-ċittadini dejjem mingħajr preġudizzju għat-trattati li jkun hemm fis-seħħ. FI: Ta' l-anqas nofs il-fundaturi ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata jridu jkunu persuni naturali li għandhom ir-residenza fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew persuni ġuridiċi li għandhom id-domiċilju f'wieħed mill-pajjiżi taż-zona Ekonomika Ewropea, sakemm il-

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ
	Ministru tal-Kummerċ ma jagħtix eżenzjoni. SE: Kumpanija b'responsabbiltà limitata (Kumnpanija bl-azzjonisti) tista' tiġi stabbilita minn wieħed jew minn ħafna fundaturi. Parti fundatriċi trid jew tirresjedi fl-ambitu taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew trid tkun entità legali fi ħdan l-istess ŻEE. Soċjetà kummerċjali tista' titqies parti fondatriċi jekk kull sieħeb ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE[75]. Id-direttur maniġerjali u ta' l-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord iridu jkunu residenti fiż-ZEE (Żona Ekonomika Ewropea). Kondizzjonijiet simili jridu jitwettqu sabiex jiġu stabbiliti tipi oħrajn ta' entitajiet legali. CZ: Persuni naturali barranin jistgħu jkomplu l-kummerċ tagħhom fuq termini pari maċ-ċittadini Ċeki. Madanakollu, persuni naturali barranin jistgħu jkomplu f'attivitajiet kummerċjali bħala persuni li jaħdmu għal rashom u jwaqqfu u jimmaniġġjaw attivitajiet billi sempliċement jirreġistraw tali attivitajiet fir-Reġistru Kummerċjali, sakemm il-persuna ma tgħix fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Jekk il-persuni naturali/entitajiet legali m'għandhomx residenza jew sede permanenti fiż-ZEE, jintalbu ukoll jiddepożitaw informazzjoni jew dokumenti li jixhdu l-ipoteka ta' l-attiv tal-kumpanija fi stat barrani u jekk il-validità ta' titolu ta' sigurtà hija marbuta mal-pubblikazzjoni tagħha, flimkien ma' informazzjoni oħra, fir-reġistru Kummerċjali. Qabel ma jirregistraw fir-Reġistru Kummerċjali, persuni legali barranin iridu jwaqqfu stabbiliment għall-kummerċ fir-Repubblika Ceka u jappuntaw rappreżentant professjonali li jkun resident permanenti fir-Repubblika Ċeka. MT: Applikazzjonijiet minn persuni li mhumiex ċittadini għall-ħruġ, l-akkwist, il-bejgħ u r-redenzjoni ta' titoli ta' sigurtà li mhumiex ikkwotati fil-Borża ta' Malta, f'kumpaniji lokali ġa stabbiliti jew li għadhom iridu jkunu stabbiliti f'Malta, irid jinħarġilhom il-permess mir-Reġistrar tal-Kumpaniji fi ħdan l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji (*Malta Financial Services Authority* (MFSA). Din il-proċedura ma tapplikax għal dawk il-kumpaniji skond kif imsemmi f'artikolu 2 tal-Liġi dwar it-Taxxa tad-Dħul, (jiġifieri, kumpaniji internazzjonali ta' *holding/trading*) u l-anqas għal dawk il-kumpaniji li huma sidien ta' bastimenti rreġistrati skond Il-Liġi dwar Vapuri Merkantili u fejn il-parteċipazzjoni tar-residenti ma taqbiżx l-20%. PL: Barranin li rċevew il-permess ta' residenza fit-territorju tal-Polonja, il-permess għal permanenza ttollerata, l-istatus ta' refuġjat fil-Polonja jew li jgawdu minn protezzjoni temporanja fit-territorju tagħha, jistgħu jibdew u jkomplu attività ekonomika skond l-istess regolamenti li

[75] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġijiet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ
	japplikaw għaċ-ċittadini Pollakki. Bħala riżultat tal-kondizzjonijiet ta' reċiproċità, jekk trattati internazzjonali rratifikati ma jipprovdux mod ieħor, persuni barranin jistgħu jibdew u jkomplu attività ekonomika fit-territorju tal-Polonja skond l-istess regolamenti li jgawdu l-intraprendituri li għandhom is-sede tagħhom fil-Polonja; Fejn mhemmx reċiproċità, persuni barranin għandhom id-dritt li jibdew u jkomplu attività ekonomika fit-territorju tal-Polonja f' soċjetajiet limitati, kumpaniji b'resposabbiltà limitata u kumpaniji bl-azzjonisti; għandhom id-dritt ukoll li jissieħbu ma' dawn il-kumpaniji jew jieħdu u jixtru l-ishma u l-istokks tagħhom.
	<u>Liġi dwar Fergħat ta' Kumpaniji Barranin</u> SE: Kumpanija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Isvezja) topera l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Isvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mill-kondizzjonijiet li jeħtieġu fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentattiv residenti. SE: Id-direttur maniġerjali ta' fergħa jrid ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea)[76]. SE: Ċittadini barranin jew Svediżi li mhumiex residenti fl-Isvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali iridu jappuntaw u jirreġistraw rappreżentant reponsabbli għal tali attivitajiet ma' l-awtorità lokali. LT: Ta' l-anqas wieħed mir-rappreżentanti tal-kumpanija barranija jrid ikun residenti fil-Litwanja. PL: Fergħat – li jmexxu attività ekonomika ġewwa l-Polonja, intraprendituri barranin jistgħu jistabbilixxu fergħat, dejjem skond ir-regola ta' reċiproċità, jekk ftehim internazzjonali rratifikat ma jgħidux mod ieħor. L-attività ekonomika tal-fergħa li tkun simili għal dik imwettqa minn intraprenditur barrani u l-persuna li għandha dritt tirrappreżenta l-intrapreditur barrani trid tkun appuntata. Il-fergħa trid tkun irreġistrata u żżomm il-kotba separatament. Aġenziji – intraprendituri barranin jistgħu jwaqqfu aġenziji. L-attività ekonomika ta' l-aġenzija jrid jkollha x'taqsam biss mal-promozzjoni u r-reklamar ta' l-intrapreditur barrani. L-aġenzija trid tkun irreġistrata u

[76] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġijiet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa..

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ
	żżomm il-kotba separatament. SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkondizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' oriġni għal ta' l-anqas sena.
	<u>Entitajiet Legali</u>: AT: Ċittadini Awstijaċi biss jew entitajiet legali u intrapriżi li għandhom is-sede tagħhom fl-Awstrija jistgħu jkunu azzjonisti ta' l-Oesterreichische Nationalbank (Bank Nazzjonali Awstijakk). Il-membri tal-maniġment iridu jkunu ċittadini Awstrijaċi. FI: Ta' l-anqas nofs il-membri tal-bord u d-direttur maniġerjali jridu jkunu residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) sakemm il-ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija ma jagħtix eżenzjoni lill-kumpanija. FI: L-akkwist ta' ishma minn propjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew bi qligħ totali ta' iżjed minn 167 miljun Euro jew b'total tal-karta tal-bilanċ ta' iżjed minn 167 miljun Euro) hija suġġetta għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma taf tkun miċħuda jekk element ta' interess nazzjonali jkun fil-periklu. Barrani li jgħix barra ż-Żona Ekonomika Ewrpea u jkompli bil-kummerċ bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'kumpanija limitata Finlandiża jew soċjetà ġenerali, għandu bżonn permess kummerċjali. Jekk organizzazjoni barranija jew fondazzjoni tkun stabbilita skond il-liġi u jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'pajjiż taż-ŻEE ma jinħtieġ l-ebda permess biex tkun stabbilita fergħa fil-Finlandja li tkun tista' tkompli l-kummerċ u n-negozju.
	<u>Xiri ta' Beni Immobbli</u>: AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll l-kiri u l-kiri fit-tul ta' beni immobbli minn persuni naturali barranin jeħtieġ awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjunali (Länder) li jridu jaraw jekk l-interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali l-importanti jkunux affettwati jew le. CY: Imħolli mill-Obbligu.

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ
	CZ: Il-beni immobbli jista' jkun akkwistat biss minn persuni naturali li għandhom ir-residenza permanenti, u persuni legali bis-sede jew bil-fergħa fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. Hemm reġim speċjali għall-artijiet agrikoli u l-foresti, li jistgħu jiġu akkwistati biss minn residenti (jiġifieri, persuni naturali b'residenza permanenti jew persuni legali bis-sede fit-territorju tar-Repubblika Ċeka) u l-parteċipazzjoni fil-privatizzazzjoni ta' artijiet agrikoli u foresti hija limitata biss għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka. EE: Riserva fuq ix-xiri ta' artijiet agrikoli u foresti, kif ukoll artijiet viċin iż-żoni tal-fruntieri. DK: Limitazzjonijiet fl-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet non-naturali u legali. ES: Riserva fuq ix-xiri ta' beni immobbli min-naħa ta' gvernijiet, istituzzjonijiet uffiċjali u intrapriżi pubbliċi li joriġinaw minn pajjiżi li mhumiex imsieħbin fil-Komunità. EL: Skond Liġi Nu. 1892/90, hekk kif emendata mill-liġi 1969/91, l-akkwist ta' beni immobbli fiż-żoni tal-fruntieri, jew direttament jew permezz ta' parteċipazzjoni indaqs f'kumpanija li mhijiex ikkwotata fil-Borża Griega u li hija s-sid ta' beni immobbli f'dawk ir-reġjuni jew kwalunkwe bidla fil-persuni li huma l-azzjonisti ta' tali kumpanija, huma suġġetti għal permess maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti (il-Ministeru tad-Difiża fil-każ ta' persuni naturali u legali barra l-UE) IE: Kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni ta' l-Artijiiet huwa neċessarju għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn nies barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux industrija agrarja), din il-kondizzjoni tkun irtirata suġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru ta' l-Intrapriża u l-Impjieġ. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti ta' bliet. HU: Imħollija mill-obbligu fl-akkwist ta' proprjetà tal-gvern minn persuni naturali barranin u persuni ġuridiċi. LT: Imħollija mill-obbligu rigward l-akkwist ta' art minn suġġetti barranin (persuni naturali jew legali), madanakollu, jistgħu jimmaniġġjaw jew jużaw tali art skond proċedura stabbilita mil-liġijiet tal-Litwanja. LV: Imħollija mill-obbligu inkwantu l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għall-perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena.

Sezzjoni jew Subartikolu	Limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' kummerċ
